

# MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI
2016

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# **MIŻURI TA' SIMPLIFIKAZZJONI** 2016

5 ta' April 2017

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Sit elettroniku: http://www.opm.gov.mt

***Cataloguing-in-Publication Data***
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Miżuri ta' Simplifikazzjoni, 2016
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2017
29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-0-885-6

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja,
Il-Belt Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €4.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MEAIM | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali |
| MFA | Ministeru għall-Affarijiet Barranin |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MTI | Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MSDC | Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MFSS | Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |
| MSDEC | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima |
| MCDMS | Ministeru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi |
| MFH | Ministeru għas-Saħħa |

DAHLA

Din is-sena naraha li hija l-qofol ta' dak li rnexxielna nagħmlu fit-tliet snin li għaddew. Fl-ewwel sena ħadna ritratt tas-Servizz Pubbliku u rajna x'jinħtieġ biex ikun ferm aħjar milli hu. Ħadna spunti minn rapporti li kienu diġà saru fis-snin ta' qabel imma li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom ma ddaħħlux. Laqqajniehom ma' dak li rriżulta meta bdejna dan l-eżerċizzju fl-2013 u fassalna pjan li dis-sena nsejħilha l-qofol tal-ewwel fażi tiegħu.

Sejjaħnielu 'tiġdid' għax tabilħaqq ir-riforma notevoli saret fid-disgħinijiet, iżda n-nifs tagħha mas-snin majna.

Dan li qed nippubblikaw illum huwa r-rendikont tal-ħidma li saret fl-2016 biex issimplifikajna l-proċessi fis-Servizz Pubbliku. L-ewwel nett bdejna billi tajna tifsira lill-kwalità fis-servizz. Mhux iktar kelma li tingħad u tħalli l-interpretazzjoni f'idejn min ikun qed jisma', imma konkretament fassalna tifsira li rriduha l-bażi tal-ħidma tagħna – kemm fl-istadju ta' ppjanar u kemm meta nwettqu.

L-erba' pilastri li fuqhom tistrieħ din it-tifsira jfissru minnhom infushom id-direzzjoni li ħadna u 'l fejn irridu s-servizz imur. Il-vuċi lil min juża s-servizz; id-disinn ta' *policies* biex naslu nilħqu l-aspirazzjonijiet ta' min qed juża s-servizz; il-pakkett tas-servizzi nfushom kif nippreżentawhom lil min għandu bżonn is-Servizz Pubbliku; u l-kontabbiltà li, nissimplifikaw kemm nissimplifikaw proċessi, tibqa' prijorità assoluta u ma tistax tiġi preġudikata.

Il-kwalità tas-servizz, allura, hija wkoll il-qafas għas-simplifikazzjoni tal-proċessi. Servizz ta' kwalità ma jfissirx biss it-tbissima u l-kordjalità. Ifisser primarjament li d-disinn u l-pakkett tas-servizzi jkunu faċli biex jintużaw u fuq kollox aċċessibbli meta wieħed jinħtieġhom.

Meta noħorġu din il-pubblikazzjoni, inkunu għadna kif varajna l-ewwel għadd ta' *mobile apps* bis-servizzi li joffri s-Servizz Pubbliku. Għad fadal fażijiet oħra li jwassluna sa tmiem is-sena d-dieħla biex hekk ikollna l-imrewħa ta' servizzi kemm jista' jkun kollha aċċessibbli minn fuq il-mowbajl ta' dak li jkun.

Se nkunu varajna wkoll il-*One-Stop Shop Online* – servizz.gov.mt, li se jkun pass importanti ieħor tas-servizz.gov li permezz tiegħu l-formolarju tal-Gvern ikun tabilħaqq jista' jintuża onlajn. B'dal-mod inkunu qed inħajru iktar użu tas-servizzi elettroniċi tal-Gvern, li bħala servizzi ninsabu fuq quddiem nett fl-Ewropa imma fl-użu tagħhom għadna f'livelli li żgur nistgħu nkunu ħafna aħjar.

Flimkien ma' dawn il-miżuri wieħed ma jistax iħalli barra s-*service hubs*, li huma magħrufa iktar bħala l-*one-stop shops* u li apparti li huma ċentri fir-reġjuni li ssarrfu f'suċċess u sodisfazzjon għall-klijenti li qed jużawhom, huma wkoll kunċett fihom infushom. Kunċett li qed jagħti d-direzzjoni lil dak kollu li qed nagħmlu biex inġeddu s-Servizz Pubbliku: li nressqu s-servizzi għand il-klijenti iktar milli nħallu lill-klijenti jterrqu minn dipartiment għal ieħor biex jinqdew.

Kull miżura ta' simplifikazzjoni teħodna iktar qrib lejn il-viżjoni aħħarija li nagħtu servizz pubbliku li tabilħaqq jaqdi bl-aħjar mod possibbli lil min jiġi bżonnu. Viżjoni li fl-aħħar mill-aħħar trid twassalna li s-Servizz Pubbliku jkun disponibbli 24 siegħa kuljum is-sena kollha.

Din il-pubblikazzjoni hija r-rendikont ta' dak li wettaqna flimkien fl-2016. Hija wkoll xhieda li l-kontabbiltà fil-ħidma tagħna tibqa' dejjem prijorità. Xhieda wkoll li impenjati biex nagħtu servizz ta' kwalità.

**MARIO CUTAJAR**
Is-Segretarju Permanenti Ewlieni

# SIMPLIFIKAZZJONI TAR-REGOLI FINANZJARJI



Fost id-diversi miżuri li ttieħdu biex tonqos il-burokrazija żejda fis-Servizz Pubbliku, ġie deċiż li jiġu riveduti l-*General Financial Regulations* li joħorġu mil-liġi antika tal-1966. Dan qed isir ukoll fl-isfond tar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu ta' kull sena mir-rapporti li jippubblika l-Awditur Ġenerali rigward it-tħaddim tal-finanzi. Għal dan il-għan twaqqaf *Working Group* taħt l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni. L-iskop ewlieni ta' dan il-*Working Group*, li jinkludi wkoll l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u l-Internal Audit and Investigations Department (IAID) bħala osservaturi, huwa li jifli r-regolamenti finanzjarji u proċessi oħra ta' natura finanzjarja u jara li jiġu aġġornati għaż-żminijiet tal-lum biex ikun hemm aktar prattiċità fl-implimentazzjoni tagħhom.

Jirriżulta li waqt l-awditjar kienu qed iqumu diffikultajiet minħabba li r-regolamenti preżenti huma antikwati u ma jħarsux prattiċi moderni tat-tħaddim tal-finanzi pubbliċi. Madankollu l-Awditur Ġenerali jkollu jwettaq l-eżerċizzji ta' awditjar fuq ir-regoli preżenti u b'hekk ukoll f'ċerti ċirkustanzi jinstab nuqqas ta' konformità mar-regolamenti.

Dawn ir-regoli jolqtu lil kull dipartiment tal-Gvern li jħaddimhom. Madankollu, peress li jolqtu b'mod speċjali lid-Dipartiment tat-Teżor u l-Uffiċċju tal-Baġit fil-Ministeru għall-Finanzi, saru laqgħat speċifiċi ma' uffiċjali għolja ta' dawn id-dipartimenti. B'riżultat ta' dan, għadd ta' regolamenti ġew aġġornati speċjalment f'dawk il-każi fejn iddaħħlu sistemi moderni tal-informatika, waqt li oħrajn qed jiġu riveduti biex jikkumplimentaw il-proċessi u l-proċeduri mħaddna fi żminijietna.

Bidliet oħra jaraw li numru ta' *thresholds* finanzjarji jkunu jaqblu ma' dawk tal-liġijiet il-ġodda tax-Xiri Pubbliku li daħlu fis-seħħ f'Novembru tas-sena 2016. Hawn ukoll ir-regoli finanzjarji jiddefinixxu b'mod iktar ċar ir-responsabbiltajiet u l-kontabilità tal-uffiċjali pubbliċi filwaqt li jissimplifikaw numru ta' proċeduri bħat-tneħħija ta' inventarju antik u oġġetti li jkunu jridu jitneħħew mill-inventarju għax ma jibqgħux jiffunzjonaw. Permezz tar-regoli l-ġodda tax-xiri pubbliku, qed issir ħidma fuq numru ta' prattiċi ġodda fosthom li jogħla l-limitu ta' kemm wieħed jista' jħallas mill-*petty cash* tad-dipartiment.

Bidla oħra ta' importanza hija l-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida tal-*Accounts* li d-Dipartiment tal-Kuntratti ppubblika r-riżultat finali tat-*tender* tagħha f'Diċembru tal-2016. Din is-sistema, magħrufa bħala Central Financial Management System (CFMS), ser iġġib magħha bidla sħiħa fil-mod kif il-Gvern jippubblika ċ-ċifri finanzjarji u jamministra l-fondi pubbliċi. Għaldaqstant numru sostanzjali ta' uffiċjali pubbliċi ser jingħataw taħriġ partikolari fuq din is-sistema sabiex sa meta s-sistema tidħol b'mod sħiħ tkun tista' tiġi mħaddma minnufih.

Ir-riforma f'dan il-qasam tolqot ukoll ċirkolarijiet li jittrattaw it-trasport u l-immaniġjar tal-vetturi tad-dipartimenti. Fil-fatt ġie mniedi manwal ġdid li mhux biss jissimplifika billi jqassar u jelimina proċessi żejda iżda wkoll iżid it-trasparenza u l-kontabilità. Ser tiddaħħal ukoll sistema elettronika ta' kif jiġi amministrat is-safar tal-uffiċjali pubbliċi. Dawn il-bidliet kollha flimkien ma' oħrajn li qed jinħmew jirriflettu l-politika tal-Gvern li biex jintlaħqu livelli ta' kwalità għolja trid tissaħħaħ il-kontabilità u tiġi riflessa f'governanza tajba.

# SIMPLIFIKAZZJONI TAX-XIRI PUBBLIKU

F'Novembru tas-sena li għaddiet daħlu fis-seħħ regoli ġodda fil-qasam tax-Xiri Pubbliku, jiġifieri fil-mod kif il-Gvern jixtri prodotti u servizzi li jkollu bżonn. Dawn ir-regoli jaħsbu biex filwaqt li l-liġijiet ta' pajjiżna jkunu konformi ma' dawk tal-Unjoni Ewropea, il-proċess ikun simplifikat, aktar trasparenti u aċċessibbli b'mod speċjali għall-intrapriżi żgħar u medji.

Dawn il-liġijiet ġodda huma akkumpanjati minn linji gwida u ċirkolarijiet li d-Dipartiment tal-Kuntratti jippubblika bl-għan li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-istess regoli. Dawn il-*policies* ikunu frott tal-konsultazzjoni mal-klijenti u l-impjegati bil-għan li jintlaħqu l-livelli mixtieqa ta' trasparenza u aċċessibilità.

Fost il-bidliet li seħħew tul dawn l-aħħar snin fir-rigward tax-Xiri Pubbliku, u li minnhom ibbenefikaw numru kbir ta' intrapriżi żgħar u medji, hemm:

- It-twessigħ tal-kriterji fejn jidħlu kwalifiki u esperjenza; illum kumpanija li għadha tidħol fis-suq qed tingħata ċans biex tikkompeti għal xogħlijiet ta' inqas minn nofs miljun ewro, fejn qabel kumpaniji simili ma setgħux.
- It-tneħħija tal-bżonn ta' garanzija bankarja fuq *tenders* ta' inqas minn nofs miljun ewro biex jingħata nifs finanzjarju lill-kumpaniji żgħar.
- It-tnaqqis tal-garanzija fuq il-prestazzjoni minn 10% għal 4%. Fl-istess ħin, żdied il-kontroll u l-moniteraġġ amministrattiv.
- L-introduzzjoni ta' servizz elettroniku (compliance.contracts@gov.mt) sabiex tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta. Illum persuna tista' tagħmel użu minn dan is-servizz biex tikseb kull informazzjoni meħtieġa.
- It-tisħiħ tal-użu tas-sistema elettronika li permezz tagħha persuni jew kumpaniji jistgħu jissottomettu l-offerta tagħhom.
- Iż-żieda fit-taħriġ f'dan ir-rigward biex il-ħajja ta' dawn il-kumpaniji, speċjalment dawk żgħar, tkun aktar faċli.
- L-introduzzjoni tal-European Single Procurement Document, fejn permezz ta' *self-declaration* kumpaniji qed jiffrankaw il-bżonn li jissottomettu numru ta' dokumenti kull darba li jressqu offerta.
- L-użu aktar estensiv tal-Best Price Quality Ratio; qalba bejn il-kwalità fil-prodott u l-prezz. B'hekk tingħata l-opportunità lill-kumpaniji biex jikkompetu bil-kwalità aktar milli bil-prezz. Eżempju ta' dan huwa l-abbuż ta' ħlas prekarju partikolarment fis-setturi klerikali, tal-uffiċjali tas-sigurtà, tat-tindif u tal-*carers*. Għalkemm il-pagi ta' dawn ġew marbuta mal-pagi tal-Gvern, il-kriterju ta' rebħ f'dawn is-setturi qed isir fuq l-aspett tekniku u l-kwalità, u mhux aktar fuq l-irħas prezz. Kuntratti ta' servizzi klerikali, uffiċjali tas-sigurtà, tindif u *carers* ma jistgħux jingħataw għal perjodu iqsar minn sena.

Il-proċess tal-għażla issa qiegħed jagħti iktar saħħa lill-kwalità tal-prodott jew servizz li jkun se jinxtara, milli lill-prezz. Dan qed iseħħ billi ġiet introdotta sistema ta' punti biex ikun assigurat li t-*tender* jintrebaħ minn min joffri l-aħjar kwalità u valur għall-flus fl-istess ħin. Fuq kollox ir-regoli l-ġodda jaħsbu biex ikun iktar faċli u irħas għall-operaturi ekonomiċi biex jitfgħu l-offerta tagħhom għal sejħiet pubbliċi.

Saħansitra anke l-proċess tal-appelli nbidel, fejn issa hemm proċess waħdieni u l-appelli kollha jridu jsiru quddiem il-Public Procurement Review Board (PCRB). Issa jistgħu jsiru appelli dwar servizzi jew prodotti li jiswew €5,000 u aktar. B'hekk il-proċess qiegħed ikun aktar trasparenti.

Bidla sinifikanti f'dan is-settur hija l-politika ta' deċentralizzazzjoni fejn il-Ministeri qed ikunu huma stess responsabbli għall-*open tenders* (jiġifieri *tenders* li għalihom jista' jitfa' offerta kulħadd) sa €250,000. Dan il-proġett ġie mniedi bħala proġett pilota f'żewġ Ministeri u sa nofs l-2017 ser jinfirex ma' erba' Ministeri oħra. Bis-saħħa ta' din il-bidla, id-Dipartiment tal-Kuntratti qed jikkonsolida r-rwol tiegħu bħala regolatur. Biex din it-tranżizzjoni titwettaq b'mod strateġiku, l-impjegati ta' dawn il-Ministeri qed jingħataw taħriġ prattiku mid-Dipartiment tal-Kuntratti stess. Il-kors huwa mifrux fuq numru ta' sigħat u huwa wkoll akkreditat mill-MQRIC.

Din it-tranżizzjoni, li l-liġijiet il-ġodda jipprovdu għaliha, titlob li f'kull Ministeru jitwaqqaf Ministerial Procurement Unit (MPU). L-iskop ewlieni tal-MPU huwa li jwettaq il-funzjonijiet li jħaddem id-Dipartiment tal-Kuntratti. B'hekk kemm qabel toħroġ is-sejħa kif ukoll waqt il-proċess tal-għażla jkun hemm skrutinju akbar filwaqt li jitħaffef il-proċess. Għan importanti f'din il-bidla huwa li jitnaqqas l-ammont ta' sejħiet mill-istess Ministeru għall-istess prodott jew servizz u b'hekk ikun jista' jinkiseb prezz iktar kompetittiv u titnaqqas il-burokrazija żejda. Dan ifisser ukoll li d-dipartiment jew entità konċernata ma jkollhiex għalfejn toqgħod titlob il-permess tad-Direttur tal-Kuntratti għall-kjarifiki iżda terfa' r-responsabbiltà hi stess flimkien mal-MPU u b'hekk jitqassar il-proċess tal-evalwazzjoni.

Id-deċentralizzazzjoni titlob li tiġi mħaddna l-kontabilità li flimkien mal-vuċi, disinn u pakkett hija pilastru ieħor ewlieni tas-servizz ta' kwalità. Dan il-prinċipju huwa għalhekk imnaqqax kemm fil-liġijiet stess kif ukoll fil-linji gwida u ċirkolarijiet. B'hekk kull min jitfa' l-offerta jkun jista' jsegwi pass pass il-proċess kollu b'mod trasparenti u faċli.

Dawn il-bidliet u oħrajn li qegħdin jinħmew jiżguraw li dan is-settur tant importanti u delikat iħajjar aktar imprendituri biex jipparteċipaw għal sejħiet pubbliċi filwaqt li jiġu eliminati proċessi żejda. Ir-regoli l-ġodda, flimkien mal-proċess ta' deċentralizzazzjoni li se nkomplu naħdmu fuqu fiż-żmien li ġej, huma pass importanti f'din id-direzzjoni.

RIFORMA
FL-ISPEZZJONIJIET

Fis-sena 2016 daħlet fis-seħħ ir-riforma fis-sistema ta' kif isiru l-ispezzjonijiet lin-negozji. Din ir-riforma kienet ilha tinħass il-ħtieġa għaliha, u dan għal diversi raġunijiet. Is-sistema ta' qabel, jiġifieri l-mod kif kienu jsiru l-ispezzjonijiet, kienet qed tirriżulta f'piż żejjed fuq in-negozjanti għax l-ispezzjonijiet kienu jsiru mingħajr kordinazzjoni, tant li f'negozju wieħed setgħu saħansitra jsiru diversi spezzjonijiet minn entitajiet jew dipartimenti differenti f'ġurnata waħda. B'kollox, kien hemm erbgħa u għoxrin spettorat differenti li bejniethom kienu jwettqu madwar 70,000 spezzjoni fis-sena. Dan għaliex kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-entitajiet, id-direttorati u l-awtoritajiet differenti. Kien hemm ukoll burokrazija żejda, nuqqas ta' rappurtaġġ u infurzar b'penali li ma jwasslux għal bidla adekwata.

Bl-għan li din is-sitwazzjoni titranġa, fl-2015 il-Gvern nieda *White Paper* fejn ġew preżentati tliet mekkaniżmi li jwasslu għal spezzjonijiet aktar trasparenti, serji u kordinati. Wara proċess ta' konsultazzjoni mal-pubbliku u l-i*stakeholders* involuti, il-mekkaniżmu li ntgħażel kien li jitwaqqaf uffiċċju ċentrali bl-għan li jikkordina l-ispezzjonijiet bejn id-diversi direttorati, biex b'hekk il-proċess tal-ispezzjonijiet isir b'iżjed effiċjenza u b'inqas piż fuq in-negozjant. Barra minn hekk, din ir-riforma qiegħda:

- Telimina l-bżonn li n-negozjant jintalab l-istess informazzjoni minn diversi entitajiet, direttorati jew spettorati.
- Tintroduċi bidla pożittiva billi jitneħħew piżijiet żejda imposti fuq in-negozji.
- Issaħħaħ il-proċess tal-ispezzjonijiet billi jkun hemm proċess wieħed biex jinkisbu l-permessi neċessarji.
- Tissimplifika l-proċeduri amministrattivi.
- Tiffranka ħafna ħin u spejjeż għan-negozjanti – Fl-2012 l-ispejjeż amministrattivi tan-negozji b'rabta mal-ispezzjonijiet kienu stmati li jlaħħqu għal total ta' €1,680,926 u dan minħabba t-telf ta' 49,642 siegħa xogħol.

L-ewwel pass li sar kien li bdiet issir komunikazzjoni diretta ma' kull direttorat, entità jew dipartiment. Dawn intalbu jirrevedu l-formoli eżistenti u jissimplifikawhom. Barra minn hekk, kull negozjant issa qed jiġi pprovdut b'formola waħda li biha jagħmel evalwazzjoni tan-negozju tiegħu, biex b'hekk ikun konxju tal-kriterji li jrid jilħaq u allura f'jum l-ispezzjoni l-proċess jiġi mħaffef.

L-ewwel fażi tar-riforma bdiet bi proġett pilota fejn numru ta' *pet shop*s, ħwienet tal-laħam u stabbilimenti fejn jiġi pproċessat il-laħam ġew provduti bil-formola ta' *self-assessment* u b'informazzjoni neċessarja, biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu konformi mal-i*standards* qabel ma l-ispezzjoni sseħħ. Hija fir-responsabbiltà tan-negozjant li din il-formola tinżamm dejjem fl-istabbiliment u tkun aġġornata f'każ ta' spezzjoni minn uffiċjali tal-Gvern.

Wara li jsir dan, l-informazzjoni miġbura waqt l-ispezzjoni tiġi pproċessata mid-diversi entitajiet li huma involuti fl-amministrazzjoni, bħal JobsPlus u d-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali, fost oħrajn. L-ispezzjonijiet isiru abbażi ta' riskju jew suspett ta' nuqqas ta' konformità.

Bħalissa l-uffiċċju ewlieni li twaqqaf qed jaħdem biex jiffaċilita u jimplimenta din ir-riforma billi jaħdem b'mod sħiħ mal-entitajiet involuti. Fl-istess ħin, qed jilqa' mistoqsijiet u diffikultajiet varji li jesperjenzaw in-negozji. L-uffiċċju qiegħed ukoll jaħdem mal-MITA biex l-ispezzjonijiet isiru b'mod aktar effettiv bl-għajnuna tat-tekonoloġija.

Din ir-riforma, li qed tiġi kkordinata mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, qed twassal għal proċeduri eħfef u b'inqas xkiel, biex b'hekk jitnaqqas il-piż żejjed minn fuq in-negozji. Għaldaqstant, in-negozji jkunu f'pożizzjoni aħjar li jinvestu fi proġetti ġodda.

# L-ISTRATEĠIJA GĦAL SERVIZZI TAL-GVERN FUQ IL-MOWBAJL

F'Novembru tal-2016 ġiet varata l-istrateġija għal servizzi tal-Gvern fuq il-mowbajl, li permezz tagħha dawn is-servizzi issa huma aċċessibbli mill-mowbajl 24 siegħa kuljum minn kullimkien matul is-sena kollha. Din l-istrateġija hija parti mit-tiġdid li qed iseħħ fis-Servizz Pubbliku, fejn qed tonqos il-burokrazija żejda, jitħaffu l-proċessi, jitressqu s-servizzi tal-Gvern qrib aktar tal-komunità u tittejjeb il-kwalità tas-servizz mogħti.

L-istrateġija hija mifruxa fuq sentejn, li jintemmu f'Diċembru tal-2018. Fl-ewwel fażi tal-istrateġija, li bdiet f'Novembru 2016, numru ta' *mobile apps* tressqu għall-ittestjar minn *focus groups* differenti. Dawn taw il-kummenti tagħhom dwar il-funzjonalità tal-*apps*, fosthom kemm huma utli u faċli biex jintużaw. Wara li ġew analizzati dawn il-kummenti, il-21 *mobile app* tnedew uffiċjalment f'Marzu tal-2017 għal użu aktar wiesa' mill-pubbliku ġenerali.

L-ewwel sett ta' *mobile apps* ikopri servizzi relatati ma' diversi oqsma, fosthom il-kultura, il-konsumatur, il-ħarsien tal-annimali, l-artiġjanat, id-dwana u t-taxxa. Permezz ta' dawn il-*mobile apps*, persuna tista' tikseb informazzjoni jew servizzi fil-kumdità tagħha mingħajr il-ħtieġa li jkollha żżur xi dipartiment. Dawn is-servizzi jistgħu jiġu aċċessati wkoll minn servizz.gov.mt, li huwa s-sit li jiġbor fih is-servizzi kollha tal-Gvern f'post wieħed bħala parti mis-servizz offrut lill-klijenti tagħna mill-ħames ċentri reġjonali ta' servizz.gov

L-istrateġija għal servizzi tal-Gvern fuq il-mowbajl hija mibnija fuq numru ta' prinċipji. Ewlenin fosthom hemm aktar aċċess għas-servizzi tal-Gvern; li l-Gvern idur madwar iċ-ċittadin u mhux bil-maqlub; is-simplifikazzjoni tal-proċessi; *mobile apps* li huma faċli biex jintużaw; kollaborazzjoni bejn id-dipartimenti tal-Gvern biex jipprovdu l-istess informazzjoni fuq *app* waħda; u li ċ-ċittadini jkunu konxji tal-*apps* u jkollhom fiduċja fihom biex jużawhom.

L-ewwel tnedija tal-*mobile apps* għall-użu tal-pubbliku ġenerali saret f'Marzu tal-2017, b'aktar *mobile apps* jiġu mnedija fit-tieni fażi. L-aħħar fażi twassal biex f'Diċembru tal-2018 l-*apps* ma jkunux qed jintużaw biss mill-pubbliku ġenerali iżda wkoll mill-amministrazzjoni pubblika fil-qadi ta' dmirijietha. Filwaqt li l-ewwel fażi kienet iffokata fuq il-komunikazzjoni, it-tieni waħda se tikkonċentra aktar fuq it-tranżazzjonijiet. L-introduzzjoni tal-m*obile apps* se ġġib magħha bidliet inevitabbli fid-dipartimenti tal-Gvern. Xi wħud jistgħu jaraw dawn il-bidliet bħala sfidi iżda fil-fatt huma opportunitajiet ta' tiġdid, biex is-servizzi tal-Gvern jitwasslu għand iċ-ċittadin b'mod aktar effiċjenti u malajr.

L-għan tas-Servizz Pubbliku hu li dejjem ikompli jtejjeb lilu nnifsu u jsir aħjar milli hu llum, u ċ-ċavetta biex dan iseħħ hija t-teknoloġija. Il-prinċipju wara dan kollu hu li s-servizzi tal-Gvern ma jiġrix warajhom iċ-ċittadin, iżda jiġu ppreżentati lilu b'aċċess faċli kemm teknoloġikament kif ukoll fil-komunità. Dan kollu se jgħinna biex intejbu s-servizz tagħna u noqorbu aktar lejn servizz ta' kwalità.

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 172 | Ftuħ ta' żewġ ċentri oħra ta' servizz.gov fil-Birgu u f'Ħal Qormi. | Ġew identifikati l-postijiet li fihom se jinfetħu ż-żewġ ċentri l-ġodda. | Beda x-xogħol ta' xiri ta' għamara u apparat elettroniku ieħor għall-funzjonalità taċ-ċentri. | Kompla u tlesta x-xogħol fuq iż-żewġ ċentri. | Iż-żewġ ċentri ġew varati f'Diċembru. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 173 | Ħidma fuq l-amalgamazzjoni tas-servizzi kollha tal-Gvern f'sit wieħed - servizz.gov.mt | Bdiet ħidma fuq il-konsolidament tas-servizzi kollha tal-Gvern kif ukoll il-preparamenti biex l-informazzjoni kollha titpoġġa f'dan is-sit. | Beda jitħejja d-disinn il-ġdid ta' servizz.gov.mt filwaqt li beda eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni marbuta mas-servizzi kollha tal-Gvern. | Is-servizzi ġew klassifikati fi tnax-il settur biex ikun aktar faċli għall-pubbliku biex jaċċessahom. Kompliet il-ħidma fuq l-iżvilupp tal-*portal* servizz.gov.mt | L-iżvilupp tal-*portal* il-ġdid tlesta u ġie varat f'Diċembru. Bidliet fil-viżwal se jiġu implimentati fil-bidu tal-2017. | Il-pubbliku | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

# UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
# (ENERĠIJA U PROĠETTI)



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Introduzzjoni ta' proċeduri ġodda amministrattivi fi ħdan ir-REWS (Regulator for Energy and Water Services) biex jassistu l-konsumaturi u l-operaturi li huma regolati mill-istess Awtorità, biex jirrisolvu diżgwid bejniethom f'iqsar żmien. Bħalissa meta diżgwid ma jissolviex, l-unika soluzzjoni tkun il-qrati, proċess li jirriżulta f'tul ta' żmien u spejjeż għoljin. Dan ser iwassal għal frankar ta' ħin kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-operaturi. | Ġie konkluż il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika kif ukoll l-evalwazzjoni tar-rispons li ġie komunikat waqt dan il-perjodu ta' konsultazzjoni. | Il-liġi ġiet ippubblikata f'Ġunju. | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 35 | L-applikazzjoni manwali għall-*grant* ta' sistemi fotovoltajċi domestiċi ser issir onlajn. Dan ser iwassal biex individwu ma joqgħodx jimla l-applikazzjoni manwalment u jmur fiżikament fl-uffiċini tad-dipartiment iżda jimlieha onlajn. | Bdiet tiġi żviluppata u ppruvata s-sistema elettronika għal din l-applikazzjoni. | L-applikazzjoni ġiet finalizzata u bdiet tintuża fl-istess żmien li l-iskema l-ġdida tal-pannelli fotovoltajċi ġiet imħabbra f'Mejju. | | | Madwar 1,300 applikant | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 36 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Ġew identifikati tliet formoli tal-ARMS li jikkonċernaw applikazzjonijiet għall-provvista temporanja tal-elettriku. Dawn il-formoli ġew inkorporati f'waħda u tneħħa l-bżonn li tintalab kopja tal-*elevation* ma' applikazzjoni tad-dawl ġdida. Beda eżerċizzju intern fl-Awtorità Maltija għar-Riżorsi biex tirrevedi l-applikazzjonijiet tagħha u tevalwa r-relevanza tad-dettalji li jintalbu. | L-Awtorità Maltija għar-Riżorsi kompliet taħdem fuq eżerċizzju intern biex tirrevedi l-applikazzjonijiet tagħha u tevalwa r-relevanza tad-dettalji li jintalbu. | L-Awtorità Maltija għar-Riżorsi kkonkludiet eżerċizzju intern rigward reviżjoni ta' applikazzjonijiet li jaqgħu taħtha. Minn total ta' sitt applikazzjonijiet ġie deċiż li żewġ applikazzjonijiet relatati mad-dikummissjonar u reġistrazzjoni ta' spieri jiġu reveduti u ssimplifikati. L-Awtorità ħadmet u kkonkludiet is-simplifikazzjoni ta' dawn iż-żewġ applikazzjonijiet. Kompliet ħidma mill-ARMS biex jiġu identifikati aktar formoli għal reviżjoni. L-ARMS identifikat disa' applikazzjonijiet biex jinqalbu f'*e-forms*. Din il-konverżjoni se sservi bħala proġett pilota għall-ARMS biex tirrevedi formoli oħra fis-snin li ġejjin (total ta' applikazzjonijiet tal-ARMS jammonta għal madwar 30). Beda l-iżvilupp tal-*e-forms* għal dawn l-ewwel disa' applikazzjonijiet, liema żvilupp wasal fi stadju avvanzat ħafna. | Tlesta l-iżvilupp tal-ewwel disà formoli tal-ARMS biex jiġu maqluba f'*e-forms* u bdew jiġu ttestjati. | Il-pubbliku ġenerali | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Awtonomija sħiħa lill-Kunsilli Lokali f'Malta u f'Għawdex għall-installazzjoni ta' arbli tad-dawl jew tibdil fil-pożizzjoni tagħhom. Fil-preżent, il-Kunsill Lokali jimla żewġ applikazzjonijiet differenti għal dan il-proċess. B'din is-simplifikazzjoni, dawn l-applikazzjonijiet ser jiġu amalgamati f'waħda. | Ġiet finalizzata r-reviżjoni tal-applikazzjonijiet min-naħa tal-Enemalta. L-applikazzjonijiet simplifikati tlestew u bdew jintużaw. | | | | 68 Kunsill Lokali f'Malta u Għawdex | Implimentata |
| 160 | Introduzzjoni ta' *mobile app* dwar servizzi pprovduti mill-Enemalta bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Bdew il-preparamenti neċessarji biex jiġu identifikati s-servizzi li ser ikunu pprovduti permezz tal-*mobile application*. | Bdew isiru laqgħat bilaterali bejn l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) u l-entitajiet konċernati (ARMS, Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma) biex jiġi żgurat li jkun hemm koordinazzjoni bejn l-istrateġiji ta' kull entità f'dak li għandu x'jasam mas-servizzi pprovduti permezz tal-*mobile application*. | Beda l-iżvilupp tal-*mobile app* fejn jidħol disinn u l-funzjonalità tagħha. | Tlestiet l-ewwel verżjoni tal-*application* u bdew il-preparamenti neċessarji biex l-istess *application* tiġi ppubblikata fuq l-Apple u l-Google Stores. | Il-pubbliku ġenerali | Fil-proċess li tiġi implimentata |

# MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U
# TWETTIQ TAL-MANIFEST ELETTORALI



EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
PROJECT
PART-FINANCED BY THE
EUROPEAN UNION
Upgrading and Embellishment of
Hal Far Industrial Park
mip

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Simplifikazzjoni fil-proċess ta' applikazzjonijiet mill-pubbliku għal skemi kofinanzjati mill-Fondi Ewropej; minn sistema manwali għal dik elettronika. Din is-sistema ser twassal għal servizz aktar effiċjenti u f'waqtu. | Inbeda x-xogħol fuq it-tfassil ta' formoli ta' applikazzjoni onlajn kif ukoll beda l-ittestjar fuq is-sistema li se tiġi użata. | Intemmet l-ewwel fażi ta' ttestjar fuq is-sistema. Bdew jiġu implimentati n-nuqqasijiet li ġew identifikati matul l-ewwel fażi ta' ttestjar. | L-ittestjar fuq is-sistema ġie ffinalizzat; għalhekk hija kompletament operattiva. | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 9 | Simplifikar fil-proċess ta' applikazzjoni għall-intrapriżi biex jibbenefikaw minn skemi kofinanzjati mill-Fondi Ewropej (Fond għall-Iżvilupp Reġjonali). Dan il-proċess ser iwassal għall-ġbir ta' anqas informazzjoni mingħand l-intrapriżi fejn din tkun tista' tinkiseb dirett mir-Reġistru tal-Kumpaniji. | Saret analiżi tal-proċess tal-applikazzjoni biex jiġu identifikati s-simplifikazzjonijiet li jistgħu jsiru. Sar investiment biex jinkiseb aċċess għas-sistema elettronika tar-Reġistru tal-Kumpaniji. | Il-proċess ta' simplifikazzjoni ġie konkluż. | | | Intrapriżi | Implimentata |
| 10 | Tnaqqis fil-proċess relatat mal-għoti ta' sussidju lil intrapriżi li jingaġġaw magħhom persuni żvantaġġati u persuni b'diżabilità. Dan il-proċess ser iwassal għal rati fissi ta' sussidju, minflok il-ħtieġa li r-rati applikabbli jiġu maħduma kull darba li intrapriża tressaq talba taħt din l-iskema kofinanzjata mill-Fond Soċjali Ewropew. B'hekk, intrapriżi jiġu mħeġġa jagħmlu aktar użu minn din l-iskema. | Ġie fformalizzat il-proċess ta' simplifikazzjoni bis-sottomissjoni tal-applikazzjoni finali mal-Kummissjoni Ewropea. | Baqa' għaddej il-proċess ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. | L-Att li jiddeskrivi dan il-proċess simplifikat ġie adottat mill-grupp ta' esperti li ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni Ewropea. | Il-proċess kif propost ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea. | Intrapriżi u persuni b'diżabilità | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 157 | Introduzzjoni ta' *mobile app* bi tħejjija għall-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Il-*Unit* tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2017 beda jikkunsidra l-iżvilupp ta' *mobile app* biex tikkumplimenta l-pjattaforma ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi li se jinħolqu biex ikun hemm interazzjoni mal-i*stakeholders* prinċipali tal-Presidenza fosthom id-delegati, il-midja u l-pubbliku. | Beda x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-*mobile app*. Bdew diskussjonijiet mal-MITA dwar il-liċenzji neċessarji u l-proċeduri ta' pubblikazzjoni fuq il-*mobile platforms* prinċipali. Inbeda wkoll id-disinn tas-*software*. | Sar l-ittestjar neċessarju fuq is-sit elettroniku u l-*mobile app.* | F'Diċembru tnediet il-*mobile app*. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN



| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 153 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru. Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Wara diskussjonijiet interni l-Ministeru identifika tliet formoli minn erbgħa li għandhom bżonn jiġu ssimplifikati. Bdiet ħidma biex jiġu simplifikati l-ewwel tliet formoli. Dawn il-formoli huma:<br><br>(1) Il-Formola għal applikazzjoni għal Boroż ta' Studju Barra minn Malta;<br><br>(2) Il-Formola għal Kampjun ta' Firma; u<br><br>(3) Il-Formola għan-notifika volontarja taċ-Ċittadini Maltin li jsiefru u/jew jgħixu barra minn Malta. | Il-Formola għal applikazzjoni għal Boroż ta' Studju Barra minn Malta u l-Formola għal Kampjun ta' Firma ġew aġġornati u d-dehra u l-kontenut tal-formoli tjiebu. Dawn iż-żewġ formoli ttellgħu onlajn filwaqt li tkompliet il-ħidma fuq it-titjib tal-Formola għan-notifika volontarja taċ-Ċittadini Maltin li jsiefru u/jew jgħixu barra minn Malta. | Kompliet il-ħidma fuq it-titjib tal-Formola għan-notifika volontarja taċ-Ċittadini Maltin li jsiefru u/jew jgħixu barra minn Malta. | It-tielet formola, dik relatata man-notifika volontarja taċ-ċittadini Maltin, ġiet aġġornata u mtellgħa onlajn. | Il-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | Tnaqqis fl-informazzjoni mitluba fl-*engagement form* għal impjieg: Tnaqqis ta' informazzjoni żejda fl-*engagement form* mitluba lill-ħaddiem. Din il-formola ser tiġi riveduta biex telimina informazzjoni li mhix rilevanti għal skop ta' impjieg. | Wara li saru diskussjonijiet interni, ġew riveduti l-formoli tal-bidu u tat-tmiem tal-impjieg biex jirriflettu informazzjoni neċessarja u rilevanti. Dawn il-formoli ntużaw fuq bażi ta' prova, imbagħad intużaw f'eżerċizzju ta' tindif ta' informazzjoni u aġġornament ta' rekords li ġie estiż fuq bażi nazzjonali. | Il-formola tal-bidu tal-impjieg ġiet estiża għal min jaħdem għal rasu. Wara dan l-eżerċizzju, dawn il-formoli ġew riveduti fl-oqsma tagħhom. | Ġew imnedija l-formoli tal-bidu u t-tmiem tal-impjieg. | | Persuni li qed ifittxu impjieg | Implimentata |
| 13 | Reġistrazzjoni u applikazzjoni għal impjieg: Introduzzjoni tas-sistema magħrufa bħala *job matching* biex persuni li jkunu qed ifittxu xogħol jirreġistraw onlajn. Din is-sistema ser telimina l-bżonn li darba fil-ġimgħa, dawk il-persuni li jkunu qed ifittxu xogħol ikollhom iżuru l-Jobsplus jew fergħat tagħha biex jirreġistraw. | Beda l-ittestjar ta' din is-sistema diġitali, filwaqt li beda l-iżvilupp tal-kompetenzi għal kull tip ta' xogħol. | Ġew finalizzati l-kompetenzi għal kull tip ta' xogħol. B'riżultat ta' dan, eluf ta' xogħlijiet ġew miġburin f'600 titlu t'impjieg li jkopru b'mod wiesa' x-xogħlijiet kollha. Is-sistema tal-*job matching* ġiet varata f'Ġunju. | Ingħata taħriġ lill-ħaddiema tal-Jobsplus sabiex dawn ikunu jistgħu jiggwidaw lil min ikun qed juża din is-sistema diġitali. Wara li s-sistema ġiet varata, sar id-*debugging* neċessarju biex jiġu eliminati l-aħħar diffikultajiet tekniċi. | | Persuni li qed ifittxu impjieg jew titjib fil-karriera tagħhom | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Applikazzjoni u implimentazzjoni ta' *grant agreements* għal konsorzji li japplikaw taħt il-FUSION Technology Development Programme: Simplifikazzjoni fl-applikazzjoni tal-*grant agreement,* għal konsorzji li applikaw taħt il-programm ta' riċerka Fusion Technology Development Programme. B'din is-simplifikazzjoni, id-dokumenti kollha ser jintalbu jiġu sottomessi darba minflok f'diversi stadji. | Ġie fformulat il-proċess għas-simplifikazzjoni tal-*grant agreements* filwaqt li nfetħu l-applikazzjonijiet. | Għalqu l-applikazzjonijiet u saret l-evalwazzjoni tagħhom. Inħarġu l-*grant agreements* għal dawk li ntgħażlu. Il-proċess tnaqqas minn 3 xhur għal 3 ġimgħat. | | | Is-settur tal-industrija | Implimentata |
| 15 | Riferti għas-servizz ta' sapport għall-istudenti: Introduzzjoni ta' applikazzjoni onlajn biex studenti jkunu jistgħu jagħmlu użu minn sistema aktar effiċjenti flok dik manwali. Dan is-servizz huwa miftuħ għall-istudenti kollha li jiġu riferuti għal xi servizz ta' sapport offrut mid-Dipartiment tas-Servizzi għall-Istudenti. | Wara konsultazzjoni interna sar ftehim fuq liema *referral forms* tad-dipartimenti varji li jaqgħu taħt l-Istudent Services ser isiru onlajn. Dawn huma l-Early Intervention Service u s-Social Work Service. | Sar ftehim fuq iż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-riferti mal-IMU biex ikunu jistgħu jsiru onlajn. | Bdew jitfasslu r-riferti min-naħa tal-IMU. | Ir-riferti għas-servizz ta' sapport għall-istudenti tpoġġew onlajn. B'riżultat ta' dan, minn Settembru 2016, 58 riferta tal-Early Intervention Service u 33 tas-Social Work Service ġew sottomessi onlajn. | Madwar 100 student li jirrikorru għal dan is-servizz fi skejjel primarji u sekondarji | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Servizz bla ħlas għal *e-books* bil-lingwa Ingliża:<br>Ikun introdott servizz ġdid ta' *e-books* bla ħlas għal kotba kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.<br>Fil-preżent, persuni interessati li jissellfu l-kotba jridu jżuru l-librerija personalment. Permezz ta' din is-simplifikazzjoni fil-mod kif libreriji ser iwasslu s-servizz tagħhom, il-pubbliku ser ikun jista' jissellef kotba mill-kumdità ta' daru. | Inħoloq servizz ta' *e-books*, sar taħriġ u ngħata manwal lill-ħaddiema tal-Libreriji Maltin biex ikunu jistgħu jgħinu lill-membri jniżżlu l-*e-books* fuq l-apparat elettroniku tagħhom.<br>Inxtraw l-*e-books* kollha. | Is-servizz beda jingħata mit-23 t'April, f'Jum il-Libreriji.<br>Minn meta beda dan is-servizz, issellfu madwar 800 *e-book*. | | Ġiet ippubblikata ċirkulari biex twaqqaf l-użu tas-sistema kurrenti u tħejji t-triq għall-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 17 | Servizz ta' SMS għall-qarrejja:<br>Bidla fil-mod ta' kif il-qarrej ikun innotifikat b'*overdues* ta' kotba mil-librerija. Bħalissa persuni qed jirċievu imejl. Permezz ta' din il-miżura, se jibdew jirċievu sms għal aktar effiċjenza fis-servizz. | Sar żvilupp u bdiet titħaddem sistema biex dawk li jkunu għamlu talba għall-kotba jirċievu notifikazzjoni b'SMS. Għal dan l-għan, ingħata taħriġ u aċċess għal dħul ta' dejta fuq din is-sistema. | | | | Madwar 93,000 mill-membri qed jirċievu notifika b'SMS. | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 | Provediment ta' katalgu u servizzi oħra onlajn: Aċċess aħjar fis-sit elettroniku maltalibraries.gov.mt/publiclibrary/opac, li fil-preżent ma jippermettix interazzjoni u huwa miktub bil-lingwa Ingliża biss. Is-sit il-ġdid ser ikun maħdum fuq servizzi ta' riċerka, li jinkludi katalgu onlajn flimkien ma' servizzi oħra pprovduti mil-libreriji. Dan se jkun aċċessibbli kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. | Ġiet aġġornata l-informazzjoni tas-sit elettroniku. Il-funzjonijiet kollha li qegħdin fuq is-sit inqalbu għall-Malti. | Is-sit tnieda f'April. | | | Madwar 124,000 persuna | Implimentata |
| 19 | Gwida għall-mili ta' applikazzjoni taħt il-Programm ERASMUS+: Il-mili tal-applikazzjoni taħt il-programm ERASMUS+ se jkun iffaċilitat permezz ta' filmat onlajn li juri pass pass kif għandha timtela din l-istess applikazzjoni. Dan iwassal biex persuni ma jkollhomx għalfejn iżuru l-uffiċċju għall-għajnuna, iżda jimlewha mill-kumdità ta' darhom. | Inħadem il-filmat viżwali. | Il-filmat viżwali ttella' onlajn għall-użu tal-applikanti. | | | Applikanti għall-Erasmus+ | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | Amalgamazzjoni ta' sistemi ta' applikazzjoni onlajn; tqassim fi klassijiet speċifiċi; assessjar u ħruġ ta' ċertifikati għall-istudenti adulti: Amalgamazzjoni ta' sistemi interni, li jinkludu applikazzjonijiet onlajn, tqassim fi klassijiet speċifiċi, assessjar, u ħruġ ta' ċertifikati għall-istudenti adulti. B'hekk, jitnaqqas il-ħin tal-ipproċessar għal servizz aktar effiċjenti għall-istudent. | Is-sistema ġiet aġġornata u issa teżisti l-funzjoni li permezz tagħha r-riżultat li jġibu l-istudenti fl-assessjar jista' jitniżżel direttament fid-*database*. B'dawn il-modifiki nħolqot ukoll funzjoni li biha l-istudenti jiġu mgħarrfa b'imejl jew SMS dwar applikazzjonijiet għal korsijiet ġodda. Beda x-xogħol biex din is-sistema tibda tintuża wkoll għall-ħruġ ta' ċertifikati. | Din il-miżura waqfet minħabba li ser issir bidla fil-missjoni tad-Direttorat u ma jkunx għaqli li jsir l-investiment neċessarju. Minħabba li dawn il-korsijiet mhux ser jibqgħu fir-responsabbiltà ta' dan id-Direttorat, din il-miżura tkun diskussa mal-entità li ser tieħu l-immaniġjar ta' dawn il-korsijiet fil-futur qrib. | | | Studenti inġenerali | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 22 | *Deployment* tal-għalliema, LSAs u Kindergarten Assistants: Diċentralizzazzjoni tal-mod kif jiġu ingaġġati l-għalliema, LSAs u Kindergarten Assistants fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex. B'din id-diċentralizzazzjoni, ser ikunu l-kapijiet tal-iskejjel infushom li jagħmlu t-talbiet tagħhom. Dan skont il-ħtiġijiet tal-iskola biex jiġi żgurat li l-istudenti jkollhom ir-riżorsi meħtieġa disponibbli mill-ewwel ġurnata tas-sena skolastika tagħhom. | Ġie finalizzat il-*classification exercise* wara diversi laqgħat mal-prinċipali u mal-kapijiet tal-iskejjel bil-għan li kulħadd ikun infurmat dwar il-proċess. Il-Classification Exercise huwa l-għodda li tintuża biex ċentralment isiru magħrufa l-bżonnijiet ta' kull skola għas-sena skolastika li jkun imiss. | Sar taħriġ fl-użu tal-Classification Tool u fit-*timetabling*. Il-Classification Tool huwa l-programm tal-kompjuter li jintuża biex jiġu assenjati l-għalliema fl-iskejjel. Tlesta l-ivvettjar tal-*Classification,* inkluż dak tal-*inclusion.* | | | Madwar 7,000 edukatur | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 23 | Kwestjonarji tal-evalwazzjoni esterna għall-gradi kollha tal-għalliema u l-istudenti: Simplifikazzjoni fil-proċess ta' kif strutturi umani jiġu evalwati fl-iskejjel permezz ta' kwestjonarju. Fil-preżent, dan il-kwestjonarju jsir b'mod manwali minn sorsi differenti. Permezz ta' sistema elettronika ġdida, dan il-kwestjonarju ser jiġi amalgamat fi proċess wieħed u jimtela onlajn. B'hekk, tiżdied l-effiċjenza fil-mili tal-kwestjonarji għall-benefiċċju kemm tal-għalliema kif ukoll tal-istudenti. | Saret evalwazzjoni interna u esterna ta' dawn il-kwestjonarji. Saru laqgħat mal-IMU biex dawn il-kwestjonarji jittellgħu onlajn. Il-kwestjonarji għall-għalliema u LSAs tpoġġew onlajn u bdew jintużaw. | Sar xogħol biex jitpoġġew onlajn il-kwestjonarji għall-istudenti. | Il-kwestjonarji għall-istudenti ttellgħu onlajn.<br>Saru laqgħat mal-kapijiet tal-iskejjel u membri ewlenin oħra biex jissaħħaħ il-proċess tal-evalwazzjoni interna u l-użu effettiv tal-kwestjonarji onlajn. | | Madwar 900 għalliem | Implimentata |
| 24 | Applikazzjoni għal-liċenzja ta' skola ġdida: L-applikazzjoni għal-liċenzja ta' skola ġdida ser issir onlajn minflok manwalment. Dan iħaffef il-proċess ta' evalwazzjoni. | Saret evalwazzjoni tal-applikazzjoni eżistenti. Saru numru ta' laqgħat kemm mal-IMU kif ukoll mal-MITA biex din l-applikazzjoni ssir onlajn u tiġi integrata ma' proċessi oħra. Inkitbu parametri ċari li jiggwidaw il-proċess tal-applikazzjoni għal-liċenzja ta' skola. | Tkompliet il-ħidma biex l-applikazzjoni tittella' onlajn. | L-applikazzjoni onlajn tlestiet u ġiet varata. | | Kull reġistrazzjoni ta' istituzzjoni edukattiva ġdida fil-qasam tal-edukazzjoni obligatorja | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 | Sistema ta' pagament elettroniku: Il-pagamenti lill-inviġilaturi, *supervisors* u eżaminaturi se jibdew jidħlu dirett fil-kont bankarju personali permezz tas-sistema elettronika SEPA. Dan ser ikun aktar effiċjenti fejn qabel kien joqgħod jinħareġ ċekk. | Ġie installat is-*software* tas-SEPA *converter* fil-kompjuters tal-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Eżamijiet. | Saru l-preparamenti għat-taħriġ fuq is-SEPA. | Tlesta t-taħriġ fuq din is-sistema. Tlesta t-*testing* fuq is-sistema tas-SEPA f'Għawdex. Saru l-preparamenti kollha meħtieġa biex din is-sistema tibda tintuża f'Għawdex. | Bdiet tintuża s-sistema tas-SEPA f'Għawdex. Beda l-proċess biex tibda tintuża din is-sistema f'Malta. | Dawk kollha li japplikaw għall-eżamijiet | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 26 | Ħlasijiet minn terzi persuni: Tnaqqis fl-iskariġġ għal kull min ikun irid iħallas il-miżata għall-korsijiet, applikazzjonijiet u eżamijiet varji. Filwaqt li bħalissa dawn il-miżati kienu jintlaqgħu fid-Dipartiment fil-Furjana, issa persuna tkun tista' tħallas direttament minn fejn ikun qed jiġi offrut is-servizz. | Tlesta l-abbozz ta' ftehim mal-MaltaPost biex il-miżati jkunu jistgħu jibdew jitħallsu fil-fergħat tagħhom. Il-ftehim ġie approvat mis-Segretarju Permanenti u mill-Ministeru għall-Finanzi. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-MaltaPost, li jinvolvi ġbir ta' pagamenti; servizz ta' mmaniġġjar ta' dokumenti; tqassim ta' kotba tal-iskola lill-iskejjel u sistema ta' inventarju għall-i*stationery*. Beda l-ġbir tal-pagamenti kif ukoll is-servizz ta' mmaniġġjar ta' dokumenti. | | | 30,000 pagament jew ipproċessar ta' applikazzjonijiet | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Ingaġġar ta' għalliema: Simplifikazzjoni fil-mod ta' kif ser jiġu ingaġġati l-għalliema. Bħalissa joħorġu 4 sejħiet separati għas-Sekondarja, Primarja, ECEC u *resource centres,* fejn inħass li qed ikun viċin wisq tal-ftuħ tas-sena skolastika. B'din is-simplifikazzjoni, l-għalliema qed ikunu mitluba jimmarkaw il-preferenzi tagħhom f'applikazzjoni waħda. | Sar abbozz tal-applikazzjoni għall-ingaġġ ta' għalliema.<br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-għalliema fuq ir-*recruitment portal* il-ġdid. | | | | 800 għalliem fis-sena | Implimentata |
| 28 | Aċċess faċli għas-sillabi ta' suġġetti varji: Tnaqqis fl-iskariġġ għall-ġenituri, billi permezz ta' *mobile app* jaċċessaw is-sillabi ta' suġġetti varji. Permezz ta' websajt jew tal-mowbajl personali, il-ġenituri se jkunu jistgħu jkunu jafu t-tfal tagħhom x'qegħdin jiġu mgħallma fl-iskola, u għalhekk ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jagħtu l-assistenza meħtieġa lil uliedhom. | Il-*learning outcomes* tas-suġġetti issa huma aċċessibbli għall-ġenituri kemm fuq il-websajt kif ukoll permezz ta' *app* fuq il-mowbajl u t-*tablets*. | | | | Studenti li qegħdin fl-edukazzjoni obligatorja | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Ittieħdet id-deċiżjoni u bdew jiġu evalwati seba' formoli bil-għan li jiġu simplifikati. | Ġew identifikati l-*business owners* u sar pjan għas-simplifikazzjoni jew tneħħija ta' dawn il-formoli. | Ġew evalwati u deċiżi l-prijoritajiet tal-formoli meħtieġa. Bdew jiġu żviluppati u implimentati tliet formoli ta' prijorità għolja. | Tliet formoli tlestew u ttellgħu onlajn filwaqt li formola oħra għadha fil-proċess li tiġi simplifikata. Intant, kompliet il-ħidma fuq it-tliet formoli l-oħra sabiex jiġu żviluppati u implimentati. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 158 | Introduzzjoni ta' *mobile app* dwar servizzi edukattivi bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | | | | Wara rikjesta min-naħa tal-MEDE, il-MITA inkludiet l-iLearn fl-*app* tal-Fronter. Saru wkoll l-aġġornamenti neċessarji sabiex l-*app* tkun tista' tintuża b'mod aktar effettiv fuq il-mowbajl. | | Implimentata |
| 21 | Sistema ta' attendenza għall-Istudenti *full-time* kollha.<br><br>Jitħaffef il-proċess tas-sistema ta' attendenza għall-istudenti *full-time*, minn dik manwali għal waħda elettronika. | Ġiet varata sistema elettronika ta' attendenza għall-istudenti *full-time*. Is-sistema bdiet tintuża. | | | | Madwar 7,000 student | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT
U L-INFRASTRUTTURA



| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 69 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika biex persuni li jimportaw vetturi użati minn barra jkunu jistgħu jirreġistraw il-vetturi tagħhom. Din is-sistema ser tgħin biex tnaqqas il-ħin għall-ipproċessar tar-reġistrazzjonijiet li qabel kien isir b'mod manwali. | Saru diversi diskussjonijiet u ntlaħaq ftehim ma' operaturi tat-terminal u l-aġenti biex id-dokumentazzjoni dwar importazzjoni tal-vetturi meħtieġa għar-reġistrazzjoni tiġi provduta direttament minnhom. Barra minn hekk, ġie żviluppat proċess ġdid li jivverifika d-data tal-importazzjoni mid-dokumentazzjoni provduta mill-operatur jew mill-aġent. | Il-proċess il-ġdid ġie ppruvat u sar it-titjib meħtieġ. Ġiet finalizzata r-reviżjoni tal-proċess il-ġdid li jissimplifika l-verifika tad-data tal-importazzjoni. | Intużaw sistemi elettroniċi biex l-informazzjoni tal-klijenti tiġi vverifikata. Is-sistema elettronika ġiet finalizzata u beda xogħol ta' ttestjar. | Tlesta l-ittestjar u s-sistema bdiet topera. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 70 | Simplifikazzjoni fil-proċess ta' verifika għat-trasferiment tal-vetturi biex dan ikun jista' jitwettaq f'inqas ħin. Il-bidliet ser iwasslu għal rikonoxximent tad-dokumentazzjoni legali preżentata mill-applikant, mingħajr il-bżonn ta' aktar verifiki. B'hekk, ser tiġi evitata l-ħtieġa li persuna terġa' tintalab iżżur l-uffiċini ta' Transport Malta biex din tikkonferma l-validità tad-dokumentazzjoni kkonċernata. | Saru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni interna dwar il-verifika tad-dokumentazzjoni preżentata mill-applikant għat-trasferiment tal-vetturi. | Komplew id-diskussjonijiet dwar il-proċess ta' verifika għat-trasferiment tal-vetturi. | Saret ħidma fuq is-simplifikazzjoni tal-proċess il-ġdid, id-disinn tas-sistema u l-kontrolli neċessarji. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema u bdiet topera. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 71 | Ċentralizzazzjoni ta' uffiċini fi ħdan Transport Malta bil-għan li tintlaħaq aktar koerenza u jitnaqqas il-ħin meħtieġ biex jiġu proċessati reġistrazzjonijiet u trasferimenti tal-vetturi. Dan ser jelimina wkoll il-ħtieġa li persuni jintalbu jżuru diversi uffiċini biex jingħataw servizz. | Saru diversi xogħlijiet fl-uffiċċji ġodda ta' TM f'Raħal Ġdid. Tlestew ix-xogħlijiet fl-ewwel sular, u s-sezzjonijiet tal-Land Transport li kienu f'Sa Maison tmexxew fl-uffiċċji l-ġodda f'Raħal Ġdid. Sadanittant tkomplew ix-xogħlijiet fit-tieni sular biex jakkomoda t-taqsimiet tal-Land Transport li kienu l-Furjana. | Tlestew ix-xogħlijiet kollha meħtieġa fl-uffiċċji l-ġodda ta' TM f'Raħal Ġdid. It-taqsimiet tal-Land Transport imxew fl-uffiċċji l-ġodda f'Raħal Ġdid. Barra minn hekk it-taqsima tal-Customer Care, liema uffiċċji kienu parti f'Sa Maison u parti fil-Marsa, ġew ċentralizzati wkoll fl-uffiċċji l-ġodda f'Raħal Ġdid. | Il-proċessi kollha ġew riveduti u ċentralizzati. | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 72 | Aċċess għal informazzjoni fuq is-sit ta' Transport Malta biex il-klijenti jkunu jistgħu jiggwidaw ruħhom fuq kif għandhom jimlew l-applikazzjonijiet tagħhom, mingħajr il-bżonn li jirrikorru għand id-dipartimenti. | Sar l-ewwel abbozz tad-dokument bħala gwida ta' kif persuni jistgħu jimlew l-applikazzjonijiet ta' Transport Malta. | L-abbozz gie ffinalizzat u approvat internament. Bdew diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-abbozz u t-tqegħid tiegħu fuq is-sit ta' Transport Malta. | Il-pjan ta' implimentazzjoni tal-programm għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni ġie approvat u beda t-taħriġ lill-impjegati. | Bdiet ħidma fuq is-sit il-ġdid ta' Transport Malta biex jittella' dan id-dokument flimkien ma' formoli oħra ta' Transport Malta. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 73 | Sistema elettronika li tagħti aċċess għat-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan, mingħajr il-bżonn li persuna tintalab tikkonferma l-informazzjoni eżistenti jew tissottometti ritratt ġdid. | Ġew analizzati ħtiġijiet biex tiġi żviluppata sistema elettronika li tagħti aċċess għat-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan. | Bdew jinġabru l-funzjonijiet tas-sistema meħtieġa biex tagħti aċċess għat-tiġdid tal-liċenzji tas-sewqan. | Ġew analizzati l-ħtiġijiet ta' din is-sistema. | Il-ħtiġijiet ġew finalizzati u bdew id-diskussjonijiet mal-fornitur. | 20,000 applikant | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 74 | Bidla fil-mod kif jinżammu dokumenti manwalment għal dak elettroniku fi ħdan Transport Malta. Permezz ta' din is-sistema, klijenti mhux ser jintalbu jistennew aktar sakemm jinstabu l-fajls. Dan għaliex l-informazzjoni meħtieġa se tkun disponibbli għand l-uffiċjal b'mod elettroniku. | Ġew analizzati l-ħtiġijiet biex jinbidel il-mod kif jinżammu dokumenti manwalment għal dak elettroniku. | Ġiet ippreparata sejħa għall-offerti għax-xiri tas-sistema Document Management System u ġiet sottomessa għall-verifika u l-approvazzjoni. | Komplew id-diskussjonijiet bejn Transport Malta u d-Dipartiment tal-Kuntratti dwar it-*tender.* | Ġie ffinalizzat it-*tender* u ntbagħat għall-pubblikazzjoni. | 8,000 klijent | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 75 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru. Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Ġie deċiż li l-uniċi formoli li se jiġu simplifikati huma dawk ta' Transport Malta. | Saret analiżi tal-formoli kollha ta' Transport Malta u tħejja rapport dwar kif uħud minnhom jistgħu jinqalbu f'*e-forms*. | Ġie deċiż li ħdax-il formola jinqalbu f'*e-form*. Bdiet ħidma fuq il-proċess tax-xiri pubbliku biex jintgħażel il-kuntrattur. | L-emendi fil-formoli ġew approvati u kompla x-xogħol fuq il-ħruġ tas-sejħa għall-offerti. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 162 | Introduzzjoni ta' *mobile apps* li jkopru servizzi relatati mal-indafa tal-pajjiż u informazzjoni marittima bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Wara diskussjonijiet li saru, ġie deċiż li minbarra l-*mobile app* Garby & Tidy, tiġi żviluppata *app* oħra, din id-darba għas-settur marittimu. | Bdiet ħidma fuq il-*mobile app* relatata mal-qasam marittimu. Il-*mobile app* relatata mal-indafa tal-pajjiż bdiet tiġi evalwata bil-għan li l-faċilitajiet tagħha jiġu simplifikati u mtejba. | Kompliet il-ħidma fuq il-ġbir ta' informazzjoni tal-*mobile app* u saru l-preparamenti neċessarji għall-iżvilupp tagħha. | Tlesta t-titjib fuq il-*mobile app* Garby & Tiday u bdiet tiġi analizzata minn *focus group* imwaqqaf apposta.<br><br>Kompliet il-ħidma fuq il-*mobile app* nawtika bi preparazzjoni għall-ħruġ ta' *tender* biex jiġi identifikat l-iżviluppatur tal-*app*. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX


WILD BIRDS REGULATION UNIT
GOZO OFFICE

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 108 | Interna: Tħejjija ta' Manuals of Procedures li jiġbru fihom proċeduri interni applikabbli għad-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi (DCS) u għall-Uffiċċju taċ-Chief Information Officer. Dawn il-manwali ser jgħinu fit-tisħiħ tal-proċeduri, uniformità u effiċjenza fis-servizz amministrattiv. | Beda x-xogħol fuq il-*Manuals of Procedures.* Uħud minnhom tlestew u bdew jiġu implimentati. | Kompla x-xogħol fuq il-bqija tal-*Manuals of Procedures*. | Tlesta x-xogħol fuq il-*Manuals of Procedures* u bdew oħrajn ġodda. | Tlestew il-bqija tal-*Manuals of Procedures*. Tlestiet sistema li biha wieħed jibbukkja ċentralment riżorsa tal-ICT. | L-impjegati | Implimentata |
| 109 | L-installazzjoni ta' tagħmir ta' moniteraġġ ċentrali li jibgħat notifiki dwar ħsarat jew nuqqasijiet ta' ICT *(wi-fi)* f'postijiet pubbliċi. Din is-sistema ser tieħu post it-telefonati li kienu jsiru biex jiġu rrappurtati dawn il-ħsarat. | Inxtara tagħmir ta' moniteraġġ ċentrali biex ikun hemm viżibilità *real-time* ċentrali tas-sistemi tal-*wi-fi* fil-Gozo Channel. Wara li saru testijiet neċessarji tas-*software,* bdiet tintuża s-sistema. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 110 | Interna: Ċentralizzazzjoni tal-*istores* tad-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp. Il-fatt li dawn l-*istores* jaħdmu indipendentament minn xulxin qed iwassal għal ħela ta' riżorsi u effiċjenza. B'din il-miżura, id-direttorat mistenni li jżomm kontroll u kontabilità aħjar filwaqt li jżid l-effiċjenza fl-immaniġġjar tal-affarijiet fl-istokk fl-*istore.* | Ġie identifikat il-post fejn ser isir l-*istore* ċentrali. | Beda x-xogħol fuq il-pjanti għaċ-ċentralizzazzjoni tas-sistema. | Ġew ippreparati l-pjanti u beda x-xogħol preparatorju fil-post. | Sar tibdil fl-iskop tal-proġett fejn ġie inkluż spazju ġdid għall-uffiċini. Tlestiet is-sejħa għall-offerti għax-xogħol strutturali. | L-uffiċjali fit-taqsimiet kollha fi ħdan id-Direttorat Proġetti u Żvilupp | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 111 | Interna: L-introduzzjoni ta' sistema onlajn biex isiru t-talbiet għal manutenzjoni interna minn diversi sezzjonijiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Dan meta fil-preżent isiru bit-telefown u bl-imejls mingħajr ma jkun hemm approvazzjoni ċara. Din is-sistema ser tkun qed toffri aktar effiċjenza, kontabilità u kontroll aħjar ta' xiri ta' materjal u dokumentazzjoni tax-xogħlijiet kollha li qed isiru mis-sezzjoni tal-inġinerija. | Saret analiżi tal-proċessi eżistenti biex jiġu amalgamati fis-sistema l-ġdida. | Tfassal qafas dwar kif ser topera s-sistema l-ġdida fuq il-pjattaforma Microsoft Sharepoint. | Ġiet implimentata s-sistema l-ġdida. | | Id-Direttorati kollha fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex | Implimentata |
| 112 | Jinfetaħ uffiċċju tal-Wild Birds Regulation Unit f'Għawdex, bil-għan li l-kaċċaturi u n-nassaba Għawdxin ikunu jistgħu jirċievu l-istess servizz li jingħata f'Malta, f'Għawdex stess. Dan l-uffiċċju huwa mistenni jiftaħ darbtejn fix-xahar biex kaċċaturi u nassaba jkunu jistgħu jħallsu u jġeddu l-liċenzji, jirreġistraw l-imnasab, iħallsu multi dwar kaċċa u nsib illegali filwaqt li jingħataw pariri fuq ir-regolamenti tal-kaċċa u l-insib. Il-ftuħ ta' dan l-uffiċċju f'Għawdex ser jiffranka lill-kaċċaturi u n-nassaba spejjeż u ħin fit-traġitt bejn iż-żewġ gżejjer. | Ġie identifikat il-post u l-uffiċċju li minnu ser jibda jopera l-Wild Birds Regulations Unit. L-uffiċċju ġie inawgurat. | | | | Il-pubbliku inġenerali b'mod partikolari l-kaċċaturi u n-nassaba reġistrati f'Għawdex | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 113 | Simplifikazzjoni fl-iskemi mħaddma mid-Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku biex entitajiet kummerċjali jkunu jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet barra minn Malta. Permezz ta' din is-simplifikazzjoni, l-applikazzjonijiet għal dawn l-iskemi ser jibdew jintlaqgħu onlajn minflok manwalment. B'hekk, jingħata servizz aktar effiċjenti lill-entitajiet kummerċjanti f'Għawdex. | Saret konsultazzjoni mal-komunità kummerċjali reġjonali. | L-iskemi ġew riveduti, inħarġu u l-applikanti ngħataw l-għajnuna kollha meħtieġa. | | | L-operaturi kollha fil-qasam tat-turiżmu f'Għawdex | Implimentata |
| 114 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika ġdida biex il-pubbliku jkun jista' jibgħat il-*bookings* tiegħu onlajn, għal servizzi u użu ta' faċilitajiet disponibbli fil-Gozo Sports Complex. Dan il-proċess, li fil-preżent qed isir b'mod manwali, ser ikompli jgħin biex jingħata servizz aktar effiċjenti u f'waqtu. | Saret diskussjoni dwar liema mezzi elettroniċi għandhom jintużaw. | Tlestew id-diskussjonijiet fejn ġiet esplorata l-possibbiltà li tiddaħħal sistema ta' *bookings* interattiva li tkun aċċessibbli mill-*mobile*. | Inxtara s-*software* u sar l-ittestjar tas-sistema. | Is-sistema ġiet implimentata. | Il-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 115 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika biex l-NGOs Għawdxin ikunu jistgħu jibagħtu l-*bookings* tagħhom onlajn għal servizzi u użu ta' faċilitajiet disponibbli fiċ-Ċentru tal-Għaqdiet mhux Governattivi. Dan il-proċess, li fil-preżent qed isir b'mod manwali, ser ikompli jgħin biex jingħata servizz effiċjenti u f'waqtu. | Saret diskussjoni dwar liema mezzi elettroniċi għandhom jintużaw. | Tkomplew id-diskussjonijiet fuq alternattivi oħra elettroniċi. | Inxtara s-*software* u sar l-ittestjar tas-sistema. | Is-sistema ġiet implimentata. | L-Għaqdiet mhux Governattivi reġistrati f'Għawdex | Implimentata |
| 116 | Tiġi introdotta sistema elettronika biex residenti fl-akkomodazzjonijiet soċjali f'Għawdex ikunu jistgħu jibagħtu t-talbiet tagħhom onlajn għal servizzi ta' manutenzjoni fl-akkomodazzjonijiet tagħhom. Dan il-proċess, li fil-preżent qed isir b'mod manwali, ser jgħin biex inaqqas l-iskariġġ għall-pubbliku billi jżur id-Dipartimenti biex jieħu l-istess servizz. | Saret diskussjoni dwar liema mezzi elettroniċi għandhom jintużaw. | Tkomplew id-diskussjonijiet fuq alternattivi oħra elettroniċi. | Inxtara s-*software* u sar l-ittestjar tas-sistema. | Is-sistema ġiet implimentata. | Persuni li joqogħdu f'akkomodazzjoni soċjali f'Għawdex | Implimentata |
| 117 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru. Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Saru diskussjonijiet mal-*business owners* biex jiġu identifikati l-formoli li se jiġu riveduti. | Saret diskussjoni biex il-formoli li jiġu riveduti jittellgħu wkoll fis-sit il-ġdid servizz.gov.mt | Ġew identifikati żewġ formoli bil-għan li jiġu riveduti u jinqalbu f'*e-forms*. | Bdew il-preparamenti biex dawn il-formoli jiġu simplifikati, jinqalbu f'*e-forms* u jittellgħu fuq il-pjattaforma l-ġdida . | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 166 | Introduzzjoni ta' *mobile app* dwar Għawdex bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti biex tiġi żviluppata *mobile app* ġdida - Visit Gozo. | Saru diversi laqgħat u nbeda x-xogħol fuq il-*mobile app*. | Tkomplew il-laqgħat mas-*supplier* sabiex jitfassal qafas tal-funzjonijiet tal-Visit Gozo *mobile app*. | Ġiet finalizzata l-Visit Gozo *mobile app*. Beda t-*testing* fuq l-applikazzjoni. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI,
ATTIVITAJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 88 | Tnaqqis fl-anomaliji li jeżistu fl-ordnijiet li jirregolaw il-pagi. Dawn l-ordnijiet, li jkopru 31 settur differenti, ser jiġu armonizzati biex ikun hemm uniformità fil-benefiċċji li huma stipulati fl-istess ordnijiet, bħal pereżempju l-ħinijiet tax-xogħol, il-paga minima pagabbli, il-*leave* li wieħed ikun intitolat għalih, eċċ. | Bdiet ħidma ta' kordinazzjoni mal-Ministeru għall-Finanzi għat-tħejjija ta' studju (*Economic Impact Assessment*) li jindika kif il-proposti ta' armonizzazzjoni għandhom jolqtu lil min iħaddem. Inġabret ukoll lista tal-ftehim kollettivi kollha eżistenti għal dan l-istudju. | Tkomplew il-laqgħat bejn iż-żewġ ministeri biex jiġu ċċarati d-diversi punti marbuta mal-*Economic Impact Assessment* li qed isir. | Tkompliet il-ħidma fuq l-*Economic Impact Assessment*. | L-imsieħba soċjali ġew mistiedna jressqu l-proposti tagħhom rigward din il-materja. Id-Direttorat tal-Politika Ekonomika mqabbad mill-Ministeru kompla bl-istudji dwar l-impatt finanzjarju tal-miżura. Tkompliet ukoll id-diskussjoni fuq is-suġġett fil-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi. | Ħaddiema, kemm dawk koperti mid-WROs kif ukoll min jaqa' taħt *National Standard Orders* | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 90 | Jiġi faċilitat l-aċċess tal-kwestjonarju dwar is-servizz offrut mid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, billi jitpoġġa onlajn minflok jiġi mqassam manwalment. Dan il-kwestjonarju ser jibda jkun aċċessibbli fuq is-sit tad-Dipartiment, biex il-klijenti jkunu jistgħu faċilment jimlew il-kwestjonarju onlajn fil-kumdità tagħhom. | Ġie rivedut il-kwestjonarju bi preparazzjoni għat-tqassim b'mod elettroniku. | Il-kwestjonarju tpoġġa onlajn u jista' jimtela mill-klijenti b'mod elettroniku. | | | Madwar 3,500 persuna | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 91 | Simplifikazzjoni tal-proċess marbut mal-formola għal talba ta' awtorizzazzjoni biex jiġu impjegati persuni żgħażagħ taħt is-sittax-il sena. F'ċerti ċirkostanzi, mhux ser tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni tad-Direttur Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi. | Saret konsultazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar l-emendi neċessarji fil-liġi kif ukoll dwar it-tibdil neċessarju fil-formola għal talba ta' awtorizzazzjoni. | Il-formola għal talba ta' awtorizzazzjoni ġiet emendata u bdiet tintuża. | | | Madwar 250 persuna | Implimentata |
| 92 | L-introduzzjoni ta' formola onlajn fi ħdan id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, biex wieħed iressaq it-talba dwar pagi mhux imħallsa. Il-formola li ser tkun onlajn ser tkun qed tiffaċilita t-talba tal-applikant. | Tfassal l-abbozz tal-formola u beda jiġi diskuss internament. | Il-formola ġiet approvata u bdiet tinbena l-formola elettronika skont l-esiġenzi tad-Dipartiment. | Kompliet il-kollaborazzjoni bejn id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u l-MITA sabiex l-*e-form* titlesta u tiġi ppruvata. | L-*e-form* tpoġġiet onlajn għall-użu tal-pubbliku. B'hekk il-miżura ġiet implimentata b'mod sħiħ. | Dawk l-impjegati kollha li jkollhom l-impjieg mitmum u li jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-Guarantee Fund | Implimentata |
| 93 | Applikazzjonijiet għal servizzi offruti mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji ser ikunu kollha onlajn. Dan ser jiffaċilita l-aċċess għal informazzjoni għall-applikant. | Sar xogħol fuq id-dokumentazzjoni tal-proċessi biex dawn jiġu ffinalizzati. Intant saru diversi laqgħat biex jiġu diskussi l-proċessi fid-dettall u jkunu ċċarati xi diffikultajiet tekniċi. | Tkompliet il-kumpilazzjoni tal-materjal li ser jitpoġġa fuq is-sit elettroniku. Saru diversi laqgħat mal-MITA fejn ġew trattati kwistjonijiet tekniċi. Saru wkoll laqgħat mal-*web developer* fejn ġie diskuss l-iżvilupp tal-applikazzjoni għall-iskrizzjoni ta' organizzazzjoni volontarja kif ukoll l-istruttura ġenerali tas-sit elettroniku. | Saru diversi laqgħat bejn l-Uffiċċju tal-Kummissarju u l-MITA dwar l-iżvilupp tas-sit elettroniku u l-applikazzjonijiet marbuta miegħu. Saru wkoll laqgħat mal-banek ewlenin dwar il-proċessi li jkun hemm bżonn biex ikunu jistgħu jibdew isiru ħlasijiet onlajn permezz tas-sit elettroniku. Is-sistema bdiet tiġi ppruvata. | Intemm il-proċess ta' ttestjar tal-applikazzjonijiet, kompla jinbena l-kontenut tas-sit u l-applikazzjonijiet ittellgħu kollha onlajn. | Is-settur tal-volontarjat u l-pubbliku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 94 | Simplifikazzjoni tal-proċess marbut mal-konsultazzjonijiet pubbliċi li jsiru onlajn. Permezz ta' dan is-sit, il-pubbliku jkun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu dwar diversi proposti mressqa mill-Gvern. Il-kummenti li jaslu mingħand il-pubbliku ser jibdew jgħaddu b'mod elettroniku direttament lill-Ministeru li jkun qed imexxi l-konsultazzjoni partikolari. B'hekk jonqos id-dewmien fit-tweġibiet. | Saru l-emendi fil-*backend* tas-sistema biex il-kummenti li jaslu mingħand il-pubbliku jgħaddu b'mod elettroniku direttament lill-Ministeru li jkun qed imexxi l-konsultazzjoni. | Is-sistema bdiet titħaddem. | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 98 | Jonqos il-proċess marbut mal-fatturi finanzjarji (rendikont tal-ħlasijiet dovuti) mill-Awtorità dwar il-Mediċini. Dan permezz tal-introduzzjoni ta' sistema ġdida li permezz tagħha dawn id-dikjarazzjonijiet jibdew jintbagħtu b'mod awtomatiku u skont il-perjodu tal-ħlas. | Il-fatturi finanzjarji bdew jintbagħtu lid-debituri awtomatikament u skont il-perjodu tal-ħlas. | | | | Kumpaniji u importaturi farmaċewtiċi kif ukoll spiżeriji | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 99 | Simplifikazzjoni fil-mod kif tinżamm l-informazzjoni dwar prodotti mediċinali mill-Awtorità dwar il-Mediċini. L-informazzjoni issa ser tibda tinżamm f'format elettroniku minflok f'volumi ta' dokumentazzjoni li jinżammu fl-arkivji. Dan il-proċess għandu jwassal biex ikun hemm aċċess aħjar u iktar malajr għall-informazzjoni mitluba mill-klijent u b'hekk jitnaqqas il-ħin tal-ipproċessar ta' talbiet marbuta ma' dan il-qasam. | Id-dokumenti miżmuma f'żewġ arkivji minn tlieta ġew skenjati kollha, u beda x-xogħol fuq id-dokumenti fit-tielet arkivju. | Beda l-iskenjar tal-aħħar tip ta' proċedura ta' liċenzjar tal-mediċini. | Id-dokumentazzjoni kollha tpoġġiet fuq is-*server* u hija aċċessibbli b'mod elettroniku. | Tlesta x-xogħol kollu. | Kumpaniji u importaturi farmaċewtiċi | Implimentata |
| 100 | Tnaqqis sostanzjali fil-ħin tal-ipproċessar biex prodott mediċinali jitpoġġa fis-suq. Bħalissa, kull detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fuq is-suq ta' prodott mediċinali jkollu jibgħat ittra lill-professjonisti fil-qasam tas-saħħa dwar l-effikaċja u s-sigurtà tal-istess mediċini tagħhom. L-Awtorità dwar il-Mediċini qed taħdem fuq pjan li permezz tiegħu | Ġiet riveduta l-proċedura interna ta' dan il-proċess fi ħdan l-Awtorità dwar il-Mediċini. Il-partijiet interessati ġew infurmati b'din l-inizjattiva. | | | | Kumpaniji u importaturi ta' prodotti farmaċewtiċi | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | l-imsemmija detenturi jingħaqdu biex issir ittra komuni dwar l-istess prodott, u din l-ittra mbagħad tintbagħat lill-professjonisti fil-qasam tas-saħħa direttament mill-Awtorità. Dan dejjem skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Farmakoviġilanza. | | | | | | |
| 101 | Simplifikazzjoni fil-proċess ta' applikazzjoni għal varjazzjonijiet tal-liċenzji tal-mediċini tat-tip IA IN, relatati ma' persuni kkwalifikati għal farmakoviġilanza. Peress li dan it-tip ta' applikazzjonijiet huma aċċessibbli minn fuq id-*database* tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, l-Awtorità ser tibda taċċetta dan it-tip ta' applikazzjonijiet direttament mill-imsemmija *database*. | Il-linji gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni ġew riveduti u ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità Dwar il-Mediċini. | | | | Kumpaniji u importaturi ta' prodotti farmaċewtiċi | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 102 | L-introduzzjoni ta' sistema ċentralizzata li tagħti rendikont tal-fondi pubbliċi u r-riżorsi umani mogħtija lis-settur tal-volontarjat. Bħalissa, din l-informazzjoni mhijiex miġbura f'post wieħed. Din ser titpoġġa fuq is-sit elettroniku tal-kunsill biex tkun aċċessibbli għal kulħadd. B'hekk, wieħed ikun jista' jivverifika x'għajnuna finanzjarja ngħatat lil kull għaqda volontarja, kif ukoll l-isem u t-tip ta' proġett sostnut. Barra minn hekk, tkun evitata wkoll kull possibbiltà li għaqda tirċievi fondi doppji għall-istess proġett minn sorsi differenti. | Bdew il-kuntatti biex tinġabar b'mod ċentrali l-informazzjoni ta' fondi mogħtija lis-settur tal-volontarjat. Iltaqa' għall-ewwel darba l-Kumitat Interministerjali dwar Finanzjament Pubbliku għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, li jinkludi rappreżentanza minn diversi Ministeri. | Komplew il-laqgħat interministerjali fuq is-suġġett u kompla x-xogħol ta' ġbir ta' informazzjoni mill-Ministeri kkonċernati. Saru wkoll id-diskussjonijiet mal-iżviluppaturi li jieħdu ħsieb is-sit elettroniku tal-Kunsill, biex titħejja l-paġna ddedikata għal dan il-għan. | Tkompla x-xogħol ta' ġbir ta' informazzjoni mill-Ministeri differenti. Tlestiet il-paġna fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat fejn ser ikun hemm l-informazzjoni kollha dwar l-għajnuna finanzjarja li tkun ingħatat lill-għaqdiet volontarji. | Saret it-tnedija tas-sit f'Ottubru - www.vofunding.org.mt. | L-għaqdiet volontarji u l-Ministeri rispettivi | Implimentata |
| 103 | L-introduzzjoni ta' sistema li permezz tagħha jkunu aċċessibbli u jistgħu jinxtraw standards Ewropej onlajn. Bit-tibdil propost, il-konsumaturi u l-industrija lokali jkunu jistgħu jfittxu, jagħżlu u jixtru standards onlajn permezz tas-sit elettroniku tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. | L-MCCAA bdiet studju dwar kif is-sistema attwali ta' bejgħ ta' standards b'mod manwali jibda jsir onlajn. Saret laqgħa mas-CEN (European Committee for Standardization) fejn ġie identifikat il-format tal-fajls tal-istandards onlajn. Kien hemm qbil illi s-CEN tagħti taħriġ lill-impjegati tal-MCCAA dwar sistemi ta' xiri onlajn li jkunu kompatibbli ma' dik tas-CEN. | Saret evalwazzjoni tal-offerti li nġabru għas-sit elettroniku ġdid tal-MCCAA li fih ikun jista' jsir bejgħ ta' standards onlajn. Saru iktar taħditiet tekniċi mas-CEN dwar dan il-proġett. | Wara li saru iktar diskussjonijiet tekniċi mas-CEN, irriżulta illi l-Awtorità ma kellhiex l-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informatika meħtieġa, u lanqas il-kompetenza teknika biex twettaq dan il-proġett kif oriġinarjament ippjanat. Minħabba f'hekk, ġie stabbilit kuntatt mal-Istandards Body tal-Irlanda, fejn dawn aċċettaw li jgħinu lill-Awtorità Maltija f'dan il-qasam. | Saret laqgħa mal-awtoritajiet Irlandiżi dwar il-materja, fejn ġew mistħarrġa dettalji dwar l-investiment li jkun hemm bżonn biex tinħoloq din is-sistema onlajn. Ġie deċiż li x-xiri ta' standards isir permezz ta' formola onlajn biex wieħed jordna dawn l-istandards. | Madwar 150 konsumatur | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 104 | Tnaqqis fl-inkonvenjent għal konsumaturi li jkunu jridu jwasslu l-ilmenti tagħhom lill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Minflok ma jmorru personalment fl-uffiċċju tal-awtorità, il-konsumaturi ser ikunu jistgħu jimlew formola elettronika u jressqu l-ilmenti tagħhom onlajn. | Il-formola ġiet introdotta. B'hekk il-konsumaturi jistgħu jimlew formola elettronika u jirreġistraw l-ilmenti tagħhom onlajn. | | | | Madwar 1,300 konsumatur | Implimentata |
| 105 | Ir-reġistrazzjoni tal-lifts mill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ser tibda ssir onlajn mill-operatur innifsu. B'hekk, il-proċess ta' reġistrazzjoni ser jiffaċilita l-aċċess għall-operaturi. | Wara li saru xi laqgħat preparatorji, tnieda eżerċizzju biex ikunu identifikati r-rekwiżiti għal din is-sistema. | Tkompla x-xogħol dwar x'hemm bżonn biex tiġi introdotta sistema bħal din. L-MCCAA applikat għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. Saru laqgħat mal-MITA dwar dettalji tekniċi li jkunu meħtieġa biex tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet. | L-Awtorità għamlet diversi laqgħat sabiex ikunu stabbiliti l-bżonnijiet tas-sistema meħtieġa biex ikun offrut dan is-servizz. | L-Awtorità ħarġet Request for Information biex issib fornituri interessati li jipparteċipaw fit-twettiq ta' din il-miżura. Il-fornitur ġie magħżul u x-xogħol fuq din il-miżura beda. | Madwar 1,500 konsumatur | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 106 | L-introduzzjoni ta' *database* elettronika biex jiġu reġistrati kimiki mill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Din is-sistema ser tintuża primarjament mill-awtoritajiet tas-saħħa f'każijiet ta' avvelenament biex pazjenti jingħataw kura f'waqtha. | Wara li saru xi laqgħat preparatorji, tnieda eżerċizzju biex ikunu identifikati r-rekwiżiti għal din is-sistema. | Tkompla x-xogħol dwar x'hemm bżonn biex tiġi introdotta sistema bħal din. L-MCCAA applikat għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. Saru laqgħat mal-MITA dwar dettalji tekniċi li jkunu meħtieġa biex tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet. | L-Awtorità għamlet diversi laqgħat sabiex ikunu stabbiliti l-bżonnijiet tas-sistema meħtieġa biex ikun offrut dan is-servizz. | L-Awtorità ħarġet Request for Information biex issib fornituri interessati li jipparteċipaw fit-twettiq ta' din il-miżura. Il-fornitur ġie magħżul u x-xogħol fuq din il-miżura beda. | Madwar 2,000 pazjent | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 107 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru. Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Bdew diskussjonijiet interni bi tħejjija għall-identifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru li jeħtieġ jiġu simplifikati. | Saret evalwazzjoni tal-formoli kollha tal-Ministeru u ġew identifikati disa' formoli biex jiġu simplifikati. Saru numru ta' laqgħat interni u ġew identifikati liema formoli se jiġu emendati kif ukoll liema se jiġu żviluppati f'*e-forms*. | Beda xogħol tekniku biex jinqalbu d-disa' formoli f'*e-forms*. | Tlesta x-xogħol ta' konverżjoni u l-*e-forms* ittellgħu onlajn. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 165 | Introduzzjoni ta' *mobile app* li tkopri servizzi relatati mal-konsumatur bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Bdew diskussjonijiet interni biex tinġabar informazzjoni relatata mal-iżvilupp ta' *mobile app* għall-konsumatur. | Inħatar Bord fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur biex jevalwa l-offerti li ntefgħu għall-iżvilupp ta' din l-*app*. | Beda u ġie konkluż ix-xogħol ta' żvilupp tal-*mobile app* min-naħa tal-fornitur. | Il-*mobile app* ġiet ippruvata u għaddiet għall-analiżi ta' *focus group* imqabbad apposta biex jevalwa l-*mobile apps*. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Għotja ta' servizz aktar f'waqtu lin-negozji li jagħmlu użu mis-servizzi offruti mid-dipartimenti u l-entitajiet fi ħdan il-Ministeru. Dan il-*Unit* ġdid ser jgħin fil-ġbir ta' informazzjoni relatata mas-servizzi mogħtija lin-negozji, kif ukoll bħala punt ta' riferiment bejn in-negozji u l-amministrazzjoni. B'hekk, is-sidien jevitaw il-bżonn li jirrikorru għand id-diversi dipartimenti u entitajiet. | Saru l-preparamenti meħtieġa biex ikun jista' jibda jiġi pprovdut servizz ta' għajnuna mill-Business Support Unit. L-uffiċjali li se jipprovdu dan is-servizz ngħataw it-taħriġ meħtieġ. Saret l-inawgurazzjoni u s-servizz beda jingħata. | Il-*Unit* beda jevalwa l-possibilità ta' żviluppi ġodda fis-settur tal-*crowdfunding* f'Malta. Sar ukoll xogħol preparatorju fuq il-promozzjoni ta' dan il-*Unit.* | Il-*Unit* kompla għaddej bil-ħidma tiegħu sabiex jiffaċilita s-servizz lill-klijenti li bosta minnhom ġejjin min-negozju u li jkunu ltaqgħu ma' xi intopp fl-operat tagħhom. Il-*Unit* għamel ukoll evalwazzjoni tas-servizzi u t-tip ta' assistenza pprovduta. | Saret ħidma fuq inizjattivi u miżuri ġodda li tħabbru fil-baġit tas-sena 2017. | Sidien ta' negozji | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 2 | Interna: Sistema amministrattiva ċentrali aktar effiċjenti għall-impjegati fi ħdan il-Ministeru, li tkopri proċeduri relatati ma' leave, xiri ta' *stationery*, kordinament tat-trasport, swali, eċċ. Din ser twassal għat-trasferiment ta' proċessi minn dak manwali għal wieħed elettroniku. | Ġew diskussi l-proċessi manwali. Bdew diskussjonijiet dwar sistemi onlajn ġodda li jilqgħu l-ħtiġijiet tal-impjegati tal-Ministeru. Ġiet identifikata u ppruvata s-sistema l-ġdida. L-istaff beda jingħata t-taħriġ meħtieġ. | Tlesta t-taħriġ lill-impjegati u s-sistema bdiet tintuża. | Is-sistema tal-intranet marret *live* fost l-impjegati kollha. Intant l-impjegati bdew jagħtu l-*feedback* tagħhom dwar l-użu tas-sistema sabiex din tkompli tiġi aġġornata u tkun *user-friendly.* | | Uffiċjali pubbliċi | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Tnaqqis ta' skariġġ għal persuni li jkunu jridu jiftħu negozju, permezz tal-possibilità li persuna tkun tista' tirreġistra l-intrapriża tagħha b'mod elettroniku minflok manwali. Dan ser iwassal għal servizz aktar effiċjenti u f'waqtu. | Tlesta dokument li jgħaqqad numru ta' proċessi li bħalissa jingħataw minn dipartimenti differenti. Ħafna minn dawn il-proċessi tneħħew għalkollox, b'oħrajn jiġu riveduti biex titnaqqas il-burokrazija. Sar eżerċizzju biex jiġi assigurat l-impenn tal-ministeri, dipartimenti u entitajiet konċernati. Tħejja d-dokument flimkien ma' *memo* għall-approvazzjoni tal-Kabinett. | Wara li l-Kabinett approva l-*memo* dwar bdil jew eliminazzjoni ta' proċeduri li qed itawlu l-proċess biex persuna tkun tista' tiftaħ negozju, komplew id-diskussjonijiet mal-Ministeri kkonċernati. F'għeluq il-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku, uffiċjali minn tmien Ministeri ffirmaw dikjarazzjoni biex jiskatta proċess ta' simplifikazzjoni u bdil fis-sistemi fejn jidħol twaqqif ta' negozju ġdid. Beda xogħol fuq l-iżvilupp ta' formola onlajn waħda li tgħaqqad numru ta' formoli li kienu jintalbu qabel. | Wara diversi laqgħat bejn il-partijiet konċernati sabiex ikun stabbilit l-aħjar mod li titħaddem l-*online form,* tnejn u għoxrin formola ġew amalgamati f'formola waħda u n-numru tal-VAT beda joħroġ *in real time*. Bdiet ukoll kampanja promozzjonali biex il-pubbliku jkun infurmat dwar il-proċess il-ġdid għal dawk il-persuni li ser jiftħu negozju ġdid. | Tkompla x-xogħol fuq it-tieni fażi tal-*online form* fejn persuni *self-employed* u kumpaniji setgħu jibdew japplikaw *online* ukoll u n-negozju jiġi reġistrat fi żmien tlett ijiem. Bħala parti mit-tkomplija ta' din il-miżura ta' simplifikazzjoni, bdew diskussjonijiet mal-GRTU dwar it-twaqqif ta' *one-stop-shop* għan-negozju. | Sidien ta' negozji ġodda | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Inġabru l-formoli kollha u ġew identifikati sebgħa. Bdiet ħidma fuq l-analiżi tagħhom u l-emendi neċessarji. | Saru laqgħat mal-*business owners* ta' kull dipartiment u entità. Sar ġbir ta' informazzjoni dwar il-formoli li se jiġu simplifikati. | Id-dipartimenti u l-entitajiet ġew infurmati biex jiżguraw li l-formoli kollha jkunu disponibbli onlajn fuq il-*websites* rispettivi tal-entitajiet/dipartimenti. | Wara li sar l-ittestjar meħtieġ, dawn is-seba' formoli ttellgħu onlajn. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 155 | Introduzzjoni ta' *mobile app* li tkopri servizzi relatati mal-artiġjanat bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Sar xogħol preparatorju biex jiġi determinat il-proċess marbut mal-iżvilupp ta' *mobile app* dwar l-artiġjanat. | Wara sejħa għall-kwotazzjonijiet, ġie ingaġġat il-kuntrattur għall-iżvilupp tal-*mobile app.* Ġew identifikati wkoll ir-rekwiżiti inizjali ta' kull servizz u ġie abbozzat id-dokument tal-analiżi tar-rekwiżiti. | Tkompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-*mobile app*. | Sar il-*user acceptance testing* tal-*mobile app* u saru xi modifiki. Beda jitlaqqa' l-*focus group* li beda janalizza l-*app*. Inħolqu ċ-ċertifikati meħtieġa biex l-*app* tiġi installata fuq l-Apple Store. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-FINANZI


Manual of
Procedures

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 118 | Twaqqif ta' sistema elettronika ġdida ta' moniteraġġ fil-Customer Care Unit tad-Dipartiment tal-Kuntratti fejn il-kuntratturi jkunu mgħarrfa meta jkun wasal iż-żmien sabiex jipprovdu lid-Dipartiment il-kopji tal-kuntratti neċessarji. Dan il-moniteraġġ hu kontinwu sakemm l-imsemmija kuntratti jkunu ffirmati mill-partijiet kollha. Din is-sistema l-ġdida mistennija tħaffef il-proċessi preżenti u fl-istess ħin iżżomm lill-kuntratturi infurmati fuq dak li jkun fadal x'jiġi sottomess. | Twaqqfet is-sistema fejn id-Dipartiment ikollu kontroll sħiħ u moniteraġġ kontinwu tas-sejħiet pubbliċi li jkunu waslu fi stadju tal-firma tal-kuntratt. B'hekk qed jiġi aċċertat li l-kuntratturi jiġu infurmati biex jiġbru l-kopji tal-kuntratt mid-Dipartiment f'temp ta' erbgħa u għoxrin siegħa minn meta l-kuntratt ikun tlesta. Dan japplika wkoll għal dawk il-kuntratti li wara l-firma tal-kuntrattur ikunu ser jiġu ffirmati mid-Direttur Ġenerali. | | | | Madwar 3,500 operatur ekonomiku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 119 | Introduzzjoni tal-European Single Procurement Document - ESPD għall-użu tal-operaturi ekonomiċi u awtoritajiet kontraenti. Din il-miżura tissimplifika l-mod li bih jiġu sottomessi t-*tenders* pubbliċi billi telimina l-bżonn li kuntratturi jintalbu jissottomettu informazzjoni dupplikata kull darba li dawn jiġu biex jitfgħu l-offerti tagħhom. Din is-sistema ser tnaqqas ir-riskji ta' żbalji fis-sottomissjonijiet min-naħa tal-kuntratturi, kif ukoll ser tkompli żżid fl-effiċjenza tas-servizz. | Beda x-xogħol preparatorju flimkien mal European Dynamics, il-kumpanija li tissupplixxi s-servizz elettroniku tax-xiri pubbliku. | Ix-xogħol preparatorju għall-pubblikazzjoni tal-avviżi legali tlesta u l-abbozz beda jiġi diskuss mill-Kabinett. | Il-ħruġ tal-liġi l-ġdida ġie pospost għall-aħħar kwart tas-sena kurrenti biex isiru r-reviżjonijiet neċessarji. | Ħarġu r-regolamenti l-ġodda għax-xiri pubbliku. | Madwar 3,500 operatur ekonomiku | Implimentata |
| 120 | Tibdil fir-regolamenti tax-xiri pubbliku lill-Kunsilli Lokali, biex ikunu konformi ma' dawk tad-Dipartiment tal-Kuntratti. B'hekk, iż-żewġ settijiet ta' regolamenti jkunu simili u tkun aktar faċli għall-awtoritajiet kontraenti u l-kuntratturi nfushom. | Tfassal pjan ta' ħidma u beda x-xogħol preparatorju neċessarju għal din il-konverġenza skont il-pjan imfassal. | Iddaħħlu l-miżuri neċessarji fl-abbozz tal-liġi biex il-Kunsilli Lokali jirregolaw ix-xiri pubbliku tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' xiri ta' aktar minn € 135,000. | Tkompliet ħidma biex it-tibdil jidħol fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tal-liġi l-ġdida. | Din il-miżura ġiet implimentata permezz tal-ħruġ tar-regolamenti l-ġodda għax-xiri pubbliku. | Madwar 3,500 operatur ekonomiku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 121 | Manwal tal-Proċeduri li jakkumpanja r-regolamenti l-ġodda tax-xiri pubbliku, biex b'hekk jissimplifikaw u jiċċaraw l-interpretazzjoni u l-ftehim tal-istess regolamenti. Permezz ta' dan, wieħed ikun jista' jifhem u jiffamiljarizza ruħu mar-regolamenti b'faċilità akbar, mingħajr il-bżonn ta' interpretazzjoni professjonali. | Sar xogħol u tlesta l-ewwel abbozz li beda jiġi diskuss waqt konsultazzjonijiet interni. | L-abbozz finali tal-manwal tlesta biex jiġi ppubblikat mal-avviż legali tad-direttiva l-ġdida. | | Il-manwal ġie ppubblikat u ttella' onlajn fuq www.etenders.gov.mt | Madwar 3,500 operatur ekonomiku | Implimentata |
| 122 | Traspożizzjoni fil-liġi Maltija tat-tliet Direttivi Ewropej dwar ix-xiri u konċessjonijiet pubbliċi. Apparti li jintroduċu kunċetti ġodda, dawn se jdaħħlu miżuri li bihom il-proċessi tax-xiri pubbliku jiġu ssimplifikati. Ir-regolamenti l-ġodda għandhom jagħtu għajnuna akbar lill-SMEs biex jipparteċipaw fix-xiri pubbliku u fl-istess ħin iżidu opportunitajiet ta' inklużività soċjali, trasparenza, simplifikazzjoni u effiċjenza. | Tfassal l-abbozz ta' liġijiet u ntbagħat lill-Justice Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja. | L-abbozz finali tal-avviżi legali tlesta u tpoġġa għall-konsultazzjoni. | Ġiet konkluża l-konsultazzjoni interna. | Ġew ippubblikati l-liġijiet il-ġodda għax-xiri pubbliku. Il-miżura ġiet implimentata. | Madwar 3,500 operatur ekonomiku | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 123 | *Statements* annwali kif ukoll notifikazzjonijiet dwar moviment fil-bilanċi ta' titoli negozjati fis-suq ser jibdew isiru onlajn. B'hekk, l-investitur ikollu aċċess immedjat għall-bilanċi ta' investimenti tiegħu, mingħajr ma jistenna li jirċievi xi notifikazzjoni bil-posta. Hekk ukoll, il-Borża tiffranka mill-ispejjeż tal-posta u stampar fl-istess waqt jitnaqqas ir-riskju li notifikazzjoni tmur għand l-investitur żbaljat. | Mal-i*statements* tal-aħħar tas-sena ġiet mibgħuta ittra lill-investituri kollha li tispjega l-proġett tal-*e-portfolio* u kif wieħed għandu jirreġistra għal dan is-servizz ġdid. Il-Borża bdiet tirċievi u tipproċessa l-applikazzjonijiet ta' reġistrazzjoni ta' dawk l-investituri li xtaqu jirċievu n-notifikazzjonijiet b'mod elettroniku. | Is-sistema tnediet għall-impjegati tal-Borża u l-i*stockbrokers*. Saru l-ewwel laqgħat mal-investituri u l-aħħar proċessi ta' reġistrazzjoni għal dan is-servizz. | Is-sistema tnediet għall-pubbliku fil-bidu ta' Lulju. | | Madwar 75,000 investitur | Implimentata |
| 124 | Il-kontijiet tat-taxxa (mhux rifużjonijiet) jibdew jintbagħtu bl-imejls lill-impjegati tal-Gvern. B'hekk wieħed ikun infurmat b'imejl li għadu kif inħariġlu kont tat-taxxa. Dan il-kont, it-*taxpayer* ikun jista' jarah minn fuq l-imejl tax-xogħol. B'hekk, it-*taxpayer* ikun iktar moqdi kif ukoll ma jkunx hemm il-ħtieġa li jintbagħat il-kont bil-posta. | Saru diskussjonijiet dwar l-aspetti legali ta' din il-miżura u ġie konkluż li m'hemmx ħtieġa ta' tibdil fil-liġi biex tiġi implimentata din il-miżura. Bdew ukoll il-preparamenti tekniċi tal-IT. | Inġabret lista ta' dawk li jaħdmu fis-settur pubbliku u komplew it-tħejjijiet tas-sistemi tal-IT. | Bdiet tiġi ttestjata s-sistema tal-IT. | Il-kontijiet bdew jiġu ġġenerati bl-imejl. Inħarġet ukoll ċirkulari dwar din il-miżura. | 10,000 impjegat | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 125 | Jiġi ffrankat l-iskariġġ biex titħallas it-taxxa u s-sigurtà soċjali. Fejn qabel persuna kien ikollha tmur il-Furjana, issa ser tibda tinqeda mill-fergħat tal-MaltaPost f'diversi rħula. | Saru laqgħat mal-MaltaPost u beda x-xogħol tal-IT. | Beda u ġie konkluż it-taħriġ tal-ħaddiema tal-MaltaPost. Il-kuntratt bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u s-CEO tal-MaltaPost ġie kkonfermat u ntbagħat lill-Ministeru. | Komplew id-diskussjonijiet dwar it-tħejjija ta' dan il-kuntratt. | Bdew jiġu indirizzati punti li tqajjmu waqt id-diskussjonijiet. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 126 | Ċentralizzazzjoni ta' servizzi mogħtija mill-VAT u mill-Inland Revenue f'*call centre* wieħed. B'hekk, jiġi evitat l-iskariġġ li persuna jkollha żżur binjiet differenti biex tingħata servizz. | Beda u tlesta x-xogħol fuq it-*tender.* Il-Ministeru ġie mgħarraf li hemm possibilità li t-*tender* jifforma parti mill-ftehim aktar wiesa' ta' servizz.gov. | Intlaħaq ftehim biex dan is-servizz jiġi inkluż ma' dak ta' servizz.gov. | Ġie maqbul pjan ta' taħriġ min-nies tal-VAT għall-aġenti tas-Centrecom. | Is-sistema bdiet tiffunzjona. Issa dawk in-nies li jridu jinqdew mid-Dipartimenti tal-IRD jew VAT qed iċemplu fuq numru wieħed: 153. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 127 | Id-Dipartiment għall-Politika dwar l-Ekonomija jipprovdi informazzjoni u aġġornamenti dwar l-ekonomija u l-kummerċ lin-negozji, entitajiet governattivi u lis-soċjetà ċivili b'numru ta' laqgħat bilaterali, fi gruppi u fil-qafas tal-MEUSAC kif ukoll permezz tas-sit elettroniku. Dawn jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn il-partijiet u jservu ta' mezz ta' konsultazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettiva f'termini ta' ħin u effiċjenza. B'hekk titnaqqas il-burokrazija relatata mal-ġbir u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni ekonomika u kummerċjali. B'hekk, jonqos l-iskariġġ għall-partijiet interessati biex jiksbu din l-istess informazzjoni. | Saru laqgħat ta' konsultazzjoni pubblika u skambju ta' informazzjoni fi ħdan il-MEUSAC dwar iċ-China Market Economy Status. Saru wkoll laqgħat ta' ġbir ta' informazzjoni mal-Malta Enterprise, il-Port Ħieles, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-iżvilupp u l-UĦM. | Saret preżentazzjoni lil AMCHAM Malta dwar in-negozjati EU-US TTIP. Saret ukoll laqgħa ta' informazzjoni ma' gruppi interessati fuq xogħol fil-qasam tal-politika dwar il-kummerċ. | Saru tħejjijiet għal laqgħa mal-i*stakeholders* fuq il-kummerċ internazzjonali u l-prijoritajiet tal-Presidenza tal-UE. | Id-Dipartiment ipparteċipa f'diskussjoni dwar it-TTIP organizzata mill-MEUSAC u l-Ambaxxata tal-Istati Uniti. F'Diċembru saret laqgħa mal-i*stakeholders* fuq il-kummerċ internazzjonali u l-prijoritajiet tal-Presidenza tal-UE. | Is-settur kummerċjali | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 128 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Bdew diskussjonijiet interni biex jiġu identifikati l-formoli li hemm bżonn jiġu ssimplifikati. | Sar eżerċizzju b'konsultazzjoni mal-entitajiet u dipartimenti li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Finanzi. Minn dan l-eżerċizzju ħareġ li kien hemm 9 formoli li kienu dupplikati u 16-il formola li setgħu jitneħħew. Ġew identifikati wkoll 11-il formola biex jiġu maqluba minn PDF għal *e-form.* B'kollox, ġew identifikati 36 formola. | Tneħħew formoli doppji u dawk żejda. Beda x-xogħol fuq il-11-il formola biex jinqalbu minn PDF għal *e-form.* | Kompla x-xogħol fuq il-konverżjoni tal-11-il *e-form.* | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 167 | Introduzzjoni ta' *mobile apps* dwar kalkoli tat-Taxxa u d-Dwana bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Ġiet diskussa l-possibilità li l-Ministeru jiżviluppa *mobile app* għall-qasam tal-finanzi. | Ġew identifikati żewġ *mobile apps* għal dan il-għan. Il-ħtiġijiet u d-disinn tal-*apps* Malta Customs u My Tax Toolkit ġew maqbula u finalizzati. Beda l-iżvilupp tas-*software* u l-grafika skont linji gwida maħruġa mill-MITA. | Tlesta x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-*software* u l-grafika. | Bdiet il-fażi tal-ittestjar minn żewġ *focus groups.* | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U
SOLIDARJETÀ SOĊJALI



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 | Introduzzjoni ta' sistema onlajn li tieħu post dik manwali biex isiru talbiet għal diversi benefiċċji mhux kontributorji li jinkludu l-Assistenza Soċjali (SA); l-Għajnuna għall-Qgħad (UA); l-Għajnuna Soċjali għal Carers (SAC); il-Benefiċċju għal Ġenitur Singlu (SUP); Protezzjoni Sussidjarja (SUA); il-Benefiċċju għal min ikun qed jagħmel programm kontra l-vizzji (DAD) u l-Għajnuna Soċjali tal-Bord (SAB). B'hekk, jingħata servizz aktar effiċjenti u f'waqtu. | Beda x-xogħol preparatorju mal-MITA u ġie ppreżentat pjan ta' azzjoni. | Sar xogħol fuq il-formola onlajn u ġiet ippruvata l-applikazzjoni. Fl-istess waqt saru sessjonijiet ta' taħriġ għall-utenti tal-uffiċini distrettwali biex fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju l-formola tiġi varata u użata kemm mill-pubbliku kif ukoll mill-aġenti tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. | Ġiet varata l-formola kif pjanat, u bdiet tintuża. | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 41 | Tnedija ta' sistema elettronika ċentrali għall-użu tad-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità. Din is-sistema, li tikkonċerna applikazzjonijiet għad-djar tal-anzjani, Telecare, eċċ, fil-preżent issir b'mod manwali. B'hekk, ser tiżdied l-effiċjenza fl-operat tad-Dipartiment bil-għan li l-klijent jingħata servizz aħjar. | Sar *needs analysis* mill-MITA b'kollaborazzjoni mal-IMU fejn ġew involuti t-taqsimiet kollha tad-Dipartiment. Tfassal rapport mill-MITA dwar is-servizzi kollha pprovduti mid-Dipartiment u tqiegħed għad-diskussjoni. | Inbeda proċess intern ta' grupp ta' ħidma fi ħdan id-Dipartiment li beda janalizza l-applikazzjonijiet kollha ta' erbatax-il servizz differenti bil-għan li jissimplifikahom. | Inħarġet Request for Information biex isir magħruf xi prodotti ta' *software* jeżistu fis-suq. | Kompliet għaddejja r-riċerka dwar it-tipi ta' *software* li jeżistu fis-suq bi preparazzjoni għall-ħidma fuq il-ħruġ tat-*tender*. | | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 42 | Simplifikazzjoni fil-proċess amministrattiv intern relatat mat-tħaddim tal-benefiċċji mhux kontributorji, fosthom dak relatat mal-pensjonijiet kif ukoll dawk imħaddma fl-Uffiċċju Ewlieni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'Għawdex. | Inbeda l-eżerċizzju li jħajjar lill-benefiċjarji biex jirċievu l-pagamenti b'*direct credit* minflok b'ċekk. Inbeda wkoll il-proċess biex titjieb l-Auto Assessment fid-Direttorat għall-Benefiċċji mhux Kontributorji. Saru taħditiet biex titwaqqaf Business Intelligence Unit fi ħdan id-Direttorat għall-Benefiċċji mhux Kontributorji. | Ġew imnedija *enhancements* ġodda f'dak li għandu x'jaqsam mal-Auto Assessment. Bdew jiġu identifikati gruppi ta' benefiċjarji fuq għajnuniet soċjali biex jaqilbu l-pagament tagħhom minn ċekk għal *direct credit.* Twaqqaf il-Business Intelligence Unit. | Il-proċess ta' benefiċjarji mhux kontributorji li jirċievu l-pagament tagħhom b'*direct credit* issupera dawk li jirċievu l-pagament permezz ta' ċekk. L-applikazzjonijiet kollha tal-istess benefiċjarji bdew jgħaddu għall-iskrutinju tal-Business Intelligence Unit qabel jgħaddu għall-*assessment.* | | Il-pubbliku u l-uffiċjali pubbliċi | L-implimazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |
| 43 | Simplifikazzjoni tal-proċess tal-għoti tal-pensjoni tal-età meta persuna b'diżabilità tilħaq l-età tal-irtirar. Din tmur id f'id mal-miżura numru 65 tal-Baġit 2016. | Ġew identifikati l-persuni kollha li bbenefikaw minn din iż-żieda u kull min kien diġà laħaq l-età ta' sittin sena tħallas mal-pagament ta' Frar 2016. | | | | Madwar 250 benefiċjarju li diġà kienu laħqu l-età ta' sittin sena, u matul is-sena 45 benefiċjarju ieħor li laħqu l-età ta' sittin sena matul l-2016. | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 45 | Interna: Sistema elettronika ġdida onlajn li permezz tagħha uffiċjali fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ser ikunu jistgħu jipproċessaw talbiet għal bdil ta' informazzjoni personali mill-klijenti tal-istess Dipartiment. Din is-sistema, li fil-preżent issir b'mod manwali, ser tgħin fiż-żamma tad-dokumenti kif ukoll fl-effiċjenza tal-operat. | B'kollaborazzjoni mal-MITA beda t-tfassil ta' applikazzjoni ta' Customer Relationship Management (CRM) interna fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali magħrufa aħjar bħala s-Service Request Functionality. Inbeda wkoll l-iżvilupp tas-*software*. | Tlesta l-programm tal-applikazzjoni u beda l-ittestjar tiegħu. Fil-frattemp seħħew żviluppi ġodda bit-twaqqif ta' servizz. gov u nbdew diskussjonijiet biex l-aġenti tad-DSS jibdew jużaw l-istess CRM. | Ittieħdet id-deċiżjoni li l-Case Management System tad-DSS tiġi implimentata fl-uffiċini distrettwali tas-Sigurtà Soċjali. Malli numru ta' uffiċini distrettwali jigu integrati fil-*one stop shops* (servizz. gov), aġenti fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jibdew jaċċessaw il-Customer Relationship Management (CRM) tal-aġenzija servizz. gov. | Is-CRM tad-Dipartiment ġie varat fl-ewwel ċentru f'Ottubru u kompla jinfirex f'aktar ċentri f'Novembru. | Uffiċjali pubbliċi | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 47 | Interna: Tibdil fil-mod kif issir il-valutazzjoni f'każijiet ta' persuni li waslu biex japplikaw għall-Pensjoni tal-Iritirar (RP) u li preżentament qegħdin jieħdu Pensjoni tal-Invalidità (IP). Dan il-proċess parzjalment awtomatizzat se jnaqqas id-dipendenza attwali tal-indħil manwali, inaqqas il-perjodu ta' valutazzjoni ta' talbiet bħal dawn u jinħarġu l-pagamenti f'inqas żmien. B'hekk jingħata servizz f'iqsar ħin u aktar effiċjenti lill-klijenti tad-DSS. | Saru diskussjonijiet bejn id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-MITA biex jitfassal il-mod ta' kif se tiġi implimentata din il-miżura. | Skont il-ftehim maqbul bejn id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali u l-MITA, il-fażi ta' implimentazzjoni u ttestjar se tibda fl-aħħar xhur tas-sena. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura ġiet temporanjament posposta għall-2017 minħabba li ngħatat prijorità għat-twettiq ta' miżuri oħra. | | Madwar 500 benefiċjarju fis-sena | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 49 | Interna: Bħala parti mill-proġett Paperless Office jitneħħa l-bżonn li jiġu stampati l-valutazzjonijiet u rivalutazzjonijiet tal-pensjonijiet fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u b'hekk jitnaqqas ix-xogħol manwali kif ukoll l-użu tal-karti u l-inka. | Tneħħa għalkollox l-istampar tar-rivalutazzjonijiet tal-pensjonijiet. | Ġie eliminat ukoll l-istampar tal-valutazzjonijiet inizjali tal-pensjonijiet. | | | L-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 50 | Interna: Isir eżerċizzju (*gap analysis*) biex jindirizza x'nuqqasijiet hemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' *network* kif ukoll *hardware* u *software* fl-uffiċini distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) bil-għan li tiżdied l-effiċjenza fit-tħaddim intern ta' proċessi elettroniċi. | Saru diskussjonijiet bejn l-IMU u d-DSS fejn saret analiżi tas-sistemi preżenti biex jiġi żgurat li n-*network* u kull apparat ieħor fl-uffiċini distrettwali jkunu fi stat effiċjenti. | Tlesta r-rapport tal-ICT fuq il-*gap analysis* u twettqu r-rakkomand-azzjonijiet kollha. B'hekk ġew riżolti n-nuqqasijiet li kien hemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' *network* kif ukoll *hardware* u *software* fl-uffiċini distrettwali. | | | L-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Implimentata |
| 51 | Toħroġ ittra waħda uffiċjali ta' approvazzjoni għal ħames snin konsekuttivi għal dawk li jiġu identifikati bħala *foster carers* minflok ittra għal kull sena fuq perjodu ta' ħames snin. | Bdiet tinħareġ ittra waħda uffiċjali ta' approvazzjoni għal ħames snin konsekuttivi għal dawk il-*foster carers* li jkunu ilhom jiġu approvati kull sena għal ħames snin sħaħ mingħajr qatt ma kien hemm xi rapport negattiv dwar l-atteġjament tagħhom mat-tfal li jkunu taħt il-kustodja tagħhom. | | | | Madwar 150 koppja | Implimentata |
| 52 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Ġew identifikati 35 formola għal dan l-eżerċizzju. Beda l-ittestjar intern tal-applikazzjonijiet onlajn tal-pensjonijiet u ġew indentifikati numru ta' *enhancements*. | Tlesta l-proċess biex ikunu evalwati l-applikazzjonijiet kollha onlajn (35 formola). Saru numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ għall-maniġers fl-uffiċini distrettwali li huma wkoll aġenti biex jimlew dawn l-applikazzjonijiet onlajn. | Il-formoli ġew simplifikati u varati f'Lulju. | | Il-pubbliku | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 | Proċedura ġdida li ser telimina l-bżonn li persuna residenti f'Malta tirrikorri f'wieħed mill-uffiċini distrettwali biex tingħata n-numru tas-Sigurtà Soċjali. Dan għaliex in-numru tal-karta tal-identità ser jibda jintuża minflok in-numru tas-Sigurtà Soċjali. Barra minn hekk, kif persuna tagħlaq 16-il sena, tirċievi ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tas-Sigurta' Soċjali. | Saru diskussjonijiet bejn l-i*stakeholders* prinċipali fosthom id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, Jobsplus kif ukoll l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem. | Bdiet titħejja preżentazzjoni biex tiġi ppreżentata lill-MCESD. Komplew id-diskussjonijiet mal-i*stakeholders*. | Sar il-programming u t-*testing* tas-*software.* F' Settembru ġiet varata s-sistema fejn l-użu tan-numru tas-Sigurtà Soċjali tneħħa għall-persuni kollha li għandhom Karta tal-Identità Maltija (bl-ittri M, L, G u H) u kull persuna, malli tagħlaq sittax-il sena, tkun awtomatikament irreġistrata taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u tirċievi ċertifikat ta' reġistrazzjoni. | | Madwar 4,000 persuna kull sena | Implimentata |
| 169 | L-applikazzjonijiet tal-iskemi tal-Awtorità tad-Djar jiġu pproċessati f'perjodu ta' 90 jum. Dan meta qabel kienu jdumu minn 3 xhur sa 12-il xahar. | Beda u tlesta studju fuq il-proċessi tal-iskemi sabiex dawn jitnaqqsu għal 90 jum. Ġie deċiż ukoll li s-sussidju tal-kera jingħata fi żmien ta' mhux aktar minn 90 ġurnata. | | | | | Implimentata |
| 170 | Jiġu simplifikati l-proċeduri li bihom id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jħallas il-bonus prorata lil persuni li jkunu jirċievu pensjoni tal-irtirar, tar-romol jew tad-diżabilità. | | Saru diskussjonijiet bejn id-direttorati fi ħdan id-DSS dwar proċess ġdid u tfassal abbozz tad-dikjarazzjoni ta' min iħaddem. | Id-dikjarazzjoni tpoġġiet fuq is-siti tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-myGov. | | L-applikanti tal-pensjoni tal-irtirar jew tar-romol | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA
U GVERN LOKALI



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Il-ħlas ta' tariffa minn avukati barranin biex jipprattikaw il-professjoni f'Malta ser jibda jsir dirett lill-*processing officer* fil-binja tal-Qorti. Fil-preżent, dan is-servizz qed jingħata minn żewġ binjiet differenti. B'hekk, permezz ta' din iċ-ċentralizzazzjoni fis-servizz, persuna ser tkun tista' tħallas il-liċenzja tagħha minn post wieħed. | Il-ħlas ta' tariffa minn avukati barranin biex jipprattikaw il-professjoni f'Malta bħalissa qiegħed isir direttament lill-*processing officer* fil-binja tad-Dipartiment tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, minflok jingħata s-servizz minn żewġ binjiet differenti, is-servizz ġie ċċentralizzat f'post wieħed. Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Avukati, ċittadini tal-Unjoni Ewropea, li japplikaw biex jipprattikaw il-professjoni f'Malta | Implimentata |
| 77 | Introduzzjoni ta' reġistru miżmum min-Nutar tal-Gvern, biex nutara u banek kummerċjali jkollhom aċċess sħiħ għal informazzjoni dwar revoki ta' prokura. Dan jelimina l-bżonn li klijenti jinfurmaw personalment lin-nutara u l-banek kummerċjali bi spejjeż żejda. | Ġew diskussi mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali l-erba' fażijiet biex dan ir-reġistru jibda jopera sal-aħħar tas-sena. Saru laqgħat u diskussjonijiet dwar is-sistemi li huma meħtieġa biex dan is-servizz jingħata onlajn. | Tfassal is-sit u sar xogħol preparatorju ieħor biex is-sistema tkun onlajn. | Saru laqgħat mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u tħejja avviż legali biex tidħol fis-seħħ is-sistema elettronika. Saret ukoll laqgħa mal-avukati u rappreżentanti tal-banek ewlenin f'Malta li laqgħu din l-inizjattiva. | Ġiet ippruvata s-sistema. Ġie approvat l-avviż legali li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2016 u s-sistema bdiet titħaddem. | In-nutara u l-avukati kollha. Membri tal-pubbliku li jridu jirrevokaw prokura. | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 78 | Estensjoni tas-servizz elettroniku, li bħalissa japplika biss għal individwi, biex SMEs ikunu jistgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fir-Reġistru tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar onlajn, mingħajr il-bżonn li jirrikorru għand avukat biex l-istess applikazzjoni tiġi reġistrata b'mod manwali. | Ġiet aġġustata l-applikazzjoni elettronika biex ikunu jistgħu japplikaw persuni legali wkoll. Is-sistema ġiet ippruvata u introdotta. | | | | Sidien ta' negozji żgħar u medji | Implimentata |
| 79 | Aċċess sħiħ permezz tas-sistema elettronika MyActs, għal dawk iċ-ċittadini li jkunu jridu jiksbu l-Atti preżentati fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. | Beda l-proċess tal-iskenjar tal-atti. | Wara li sar it-taħriġ meħtieġ lill-impjegati li ser jaħdmu fuq din is-sistema, beda l-iskenjar tal-proċessi li ġew introdotti fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili minn Mejju 'l quddiem. Is-sistema bdiet titħaddem. | | | Il-partijiet involuti fil-kawżi | Implimentata |
| 80 | Ittri uffiċjali preżentati minn avukati u prokuraturi legali fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li fil-preżent jiġu sottomessi manwalment, ser jibdew jintlaqgħu permezz ta' sistema onlajn. | Ġiet identifikata bażi ta' ideali biex l-ittri uffiċjali jibdew jiġu sottomessi onlajn. | Tħejja l-abbozz tal-Avviż Legali li permezz tiegħu din il-miżura setgħet tidħol fis-seħħ. L-abbozz ġie ppubblikat u daħal fis-seħħ f'Ġunju. | | | L-avukati, prokuraturi legali u l-partijiet involuti fil-każ | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Ħlas ta' multi onlajn permezz tal-programm eFines. B'din is-sistema, il-pubbliku ma jkollux għalfejn imur il-qorti sempliċiment biex iħallas multa. | Saru diskussjonijiet mal-MITA biex jitħejja programm għal din l-inizjattiva. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-MITA biex tiġi implimentata din is-sistema. | Beda x-xogħol fuq il-*prototype* min-naħa tal-MITA. | Tlesta x-xogħol fuq il-*prototype*. Wara sar xogħol fuq il-*user acceptance testing* biex b'hekk din il-faċilità ġiet introdotta fix-xahar ta' Diċembru. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 82 | Introduzzjoni ta' prattiċi ġodda dwar kif joperaw l-awli. Dan il-proġett, li fi snin preċedenti ġie introdott fuq is-seduta tat-Traffiku u tal-Familja ser jgħin biex: a) L-akkużat u x-xhieda jiġu notifikati mill-kumpanija privata u mhux mill-Pulizija ħlief fil-każijiet fejn il-Qorti tordna mandat t'arrest fil-konfront ta' waħda mill-partijiet. Illum il-Pulizija jinnotifikaw lill-akkużat u lix-xhieda fl-istess ħin. B'din is-sistema, kumpanija privata l-ewwel tinnotifika lill-akkużat u wara tgħaddi biex tinnotifika lix-xhud. B'hekk jiġi evitat li xhud jitla' l-Qorti għalxejn għax l-akkużat ma jkunx notifikat. B'din is-sistema, is-sentenza tkun tista' tingħata dak il-ħin stess li kawża tiġi deċiża; b) Ix-xhieda f'kawża ma jmorrux il-Qorti għalxejn fil-każ fejn l-imputat ma jkunx notifikat. | Ħareġ it-*tender* għall-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida. Ġie ppreparat ir-rapport ta' evalwazzjoni rigward it-*tender* biex is-sistema tkun immexxija minn kuntrattur privat. | Ġie organizzat seminar għall-ġudikanti biex ikunu infurmati kif taħdem is-sistema bil-għan li jiġu identifikati l-awli minn fejn ser titkompla l-implimentazzjoni ta' din is-sistema. | Ġie ffinalizzat it-*tender* u ġie ffirmat il-kuntratt. Ġie organizzat it-tieni seminar għall-ġudikanti kollha tal-Qorti tal-Maġistrati biex ikunu infurmati kif taħdem is-sistema bil-għan li dan il-proġett jiġi estiż għall-awli kriminali kollha. | Is-sistema bdiet titħaddem. | Il-professjoni legali, avukati, prokuraturi legali u l-partijiet involuti fil-kawża | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 83 | Introduzzjoni ta' metodi elettroniċi biex ċitazzjonijiet maħruġa mill-Pulizija jibdew jintbagħtu dirett lid-Deputati Reġistraturi tal-Qorti f'Għawdex. B'hekk, id-Deputati jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni relatata ma' kawżi kriminali kif ukoll dawk tad-Distrett b'mod aktar effiċjenti. | B'kollaborazzjoni mal-Pulizija ġie identifikat il-metodu ta' kif il-Pulizija jistgħu jgħaddu dokumenti b'mod elettroniku fil-kamp tal-kawżi kriminali fil-Qorti ta' Għawdex. Sussegwentament il-Pulizija bdew jibagħtu lill-Qorti ta' Għawdex kopja elettronika tat-taħrika. | | | | Impjegati u klijenti tal-Qorti | Implimentata |
| 84 | Introduzzjoni tal-użu tal-Electronic Public Procurement System (EPPS) fil-Kunsilli Lokali, biex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-*procurement*. L-għan ta' dan il-proġett hu li jwassal lill-Kunsilli Lokali f'pożizzjoni fejn dawn ikunu jistgħu jippubblikaw u jaġġudikaw l-offerti pubbliċi permezz ta' sistema uniformi, sempliċi u effiċjenti. | Saru emendi tar-regolamenti biex il-Kunsilli Lokali jiġu konformi mal-Public Procurement Regulations. Ingħata wkoll taħriġ relatat mas-sistema tal-EPPS lis-Segretarji Eżekuttivi, impjegati tal-Kunsilli Lokali, impjegati tad-Dipartiment ġo Għawdex u fir-reġjuni. It-taħriġ ġie konkluż. | Permezz ta' *memo* lill-Kunsilli Lokali, inklużi r-reġjuni, dawn ġew infurmati bl-obbligu li b'effett mill-1 ta' April 2016, is-sejħiet għall-offerti kollha jinħarġu bis-sistema tal-EPPS. | | | 68 Kunsill Lokali u Reġjuni | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 85 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika ġdida li tissimplifika l-proċess ta' applikazzjoni għall-fondi pubbliċi tal-Kunsill Malti għall-Arti. Fil-preżent, dawn l-applikazzjonijiet jintlaqgħu manwalment. Permezz ta' din is-sistema elettronika, persuni ser ikunu jistgħu jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom onlajn fuq is-sit tal-Kunsill. B'hekk, tiżdied l-effiċjenza fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet kif ukoll il-kumdità għall-pubbliku. | Saru diskussjonijiet dwar il-ħtiġijiet tal-Kunsill f'dak li hu *software* meħtieġ. Il-ħtiġijiet biex din is-sistema titwettaq ġew identifikati wara diskussjonijiet li saru mal-iżviluppaturi tas-sit il-ġdid tal-Kunsill Malti għall-Arti. | Tlesta l-pjan tal-implimentazzjoni fejn wara l-approvazzjoni tal-istima mressqa, beda jiġi żviluppat il-Customer Relationship Manager tal-KMA. | Saru diskussjonijiet mal-iżviluppaturi tas-sit il-ġdid tal-Kunsill biex jiġi stabbilit x'hemm bżonn min-naħa tagħhom għall-iżvilupp tas-sistema onlajn. Wara li ġew ikkunsidrati d-diversi possibbiltajiet ta' akkwist tas-*software*, sar xogħol mal-iżviluppaturi tas-sit tal-Kunsill biex jipprovdu stimi min-naħa tagħhom għall-iżvilupp tas-sistema. | Ġie ffinalizzat il-kuntratt mal-kumpanija u beda x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema. | Madwar 400 applikant | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 86 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Intgħażlu tliet formoli marbuta mas-servizzi tan-Nutar tal-Gvern u d-Direttorat tal-Ġustizzja li setgħu jinqalbu f'*e-forms.* | Bdiet ħidma mal-esperti involuti biex jiġu amalgamati żewġ formoli f'waħda. Kompla x-xogħol fuq il-possibilità li dawn il-formoli jiġu aċċessati mill-pubbliku mingħajr il-ħtieġa ta' identifikazzjoni elettronika. | Tkompla l-ittestjar fuq is-sistema tal-*e-forms* u ġew indirizzati xi problemi li nstabu biex b'hekk is-sistema tkun tista' tibda topera. | Sar aktar ittestjar fuq is-sistemi tal-*e-forms* taż-żewġ Dipartimenti u l-*e-forms* bdew jintużaw. | Il-pubbliku, nutara u professjonisti oħra, inkluż barranin | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Reġistrazzjoni tat-twelid fl-isptarijiet. | | Din se tiġi amalgamata fis-sistema l-ġdida tar-Reġistru Pubbliku li hu maħsub li tiġi varata fl-ewwel kwart tas-sena 2018. Bis-sistema l-ġdida ser tingħata l-faċilità li r-reġistrazzjoni ssir onlajn ukoll biex b'hekk iċ-ċittadin ikollu l-faċilità illi jagħmel dan mill-kumdità ta' daru. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 164 | Introduzzjoni ta' *mobile apps* li jkopru servizzi relatati mal-kultura u Valletta 2018 bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Saru diskussjonijiet interni biex jiġu identifikati s-servizzi li jistgħu jiġu mogħtija permezz ta' *mobile app*. | Tkomplew id-diskussjonijiet u bdiet ħidma fuq il-ġbir tal-informazzjoni. Ġie deċiż li jiġu żviluppati żewġ *mobile apps:* Kultura Malta u Valletta 2018 | Kultura Malta: Tlesta x-xogħol kollu fuq l-ewwel fażi tal-proġett, inkluż il-*backend portal*. Valletta 2018: Bdiet ħidma fuq l-iżvilupp tal-*mobile app.* | Kultura Malta: Tlesta x-xogħol ta' *branding* u beda l-ittestjar tal-m*obile app* minn *focus group.* Valletta 2018: Tkompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tal-*mobile app* bi preparazzjoni għall-ittestjar tagħha minn *focus group.* | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 163 | Fil-preżent l-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern m'għandux mezzi bankarji sabiex klijent iħallas għas-servizzi offruti. L-unika mezz sabiex wieħed iħallas huwa permezz ta' ċekk jew flus kontanti. Għalhekk huwa maħsub li din is-sena tiddaħħal il-faċilità li wieħed ikun jista' jħallas bi *cerdit cards* u cioè bil-*Point of sale (POS) system.* | Inġabbru kwotazzjonijiet biex jiġu installati n-*networks* u x-xogħol beda jiġi ppjantat. | Saru laqgħat ma' banek kummerċjali filwaqt li saru l-proċeduri meġtieġa biex jinħolqu strutturi aċċessibbli ta' din is-sistema flimkien ma' awtorizzazzjonijiet finanzjarji meħtieġa. | | | In-nutara u l-pubbliku | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Għoti ta' informazzjoni aktar wiesgħa lill-klijenti tal-Air Malta għax-xiri ta' biljetti tal-ajru onlajn. Fil-preżent, dan is-sit juri prezzijiet għal ġimgħa waħda biss. Din ser tiġi estiża għal xahar sħiħ. Permezz ta' din il-faċilità, persuna tkun tista' tqabbel il-prezzijiet b'mod aktar infurmat minflok il-bżonn li tirrikorri għal mezzi oħra jew iżżur il-fergħat tal-Air Malta biex tikseb din l-informazzjoni. | Din il-faċilità ġiet ittestjata u tnediet għall-pubbliku. | | | | Il-passiġġieri tal-Air Malta | Implimentata |
| 6 | Servizz aktar f'waqtu lill-klijenti kollha tal-Air Malta, permezz ta' sistemi adatti, bil-għan li s-sit elettroniku tal-Air Malta jkun aċċessibbli wkoll minn *mobile* u *tablet*. | Is-sit ġie ttestjat mis-*supplier* tal-*booking engine* u mill-impjegati tal-linja tal-ajru. Is-sit sar aċċessibbli għall-pubbliku mill-*mobiles* u *tablets*. | | | | Il-passiġġieri tal-Air Malta | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Bdiet ħidma interna biex jiġu identifikati dawk il-formoli li jistgħu jiġu simplifikati. B'kollox ġew identifikati ħmistax-il formola tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u formola waħda tal-ITS. Twaqqaf pjan t'azzjoni filwaqt li ġew diskussi d-diffikultajiet li jista' jkun hemm meta tkun qed issir il-konverżjoni għall-formoli elettroniċi. | Bdew id-diskussjonijiet mal-MITA u tlestiet l-evalwazzjoni tax-xogħol li jrid isir. | Tkompla x-xogħol fuq is-sittax-il formola li ser jinqalbu f'*e-form.* Komplew il-laqgħat mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-ITS filwaqt li beda l-proċess ta' ttestjar u verifika tad-*data.* | Tkompla x-xogħol fuq is-sistemi elettroniċi biex dawn is-sittax-il formola jkunu jistgħu jiġu konvertiti f'*e-form.* | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 156 | Introduzzjoni ta' *mobile app* li tippromovi siti rurali f'Malta bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Tfasslu l-estimi tax-xogħol u ġew stmati l-ispejjeż relatati ma' dawn iż-żewġ proġetti. Saru wkoll diskussjonijiet mal-MITA biex jiġu identifikati fondi li jistgħu jintużaw għal dan il-proġett. Ġie deċiż li jiġu żviluppati żewġ *mobile apps.* | Saru diskussjonijiet mal-MITA u mal-partijiet konċernati biex jinstab l-aħjar metodu ta' implimentazzjoni għal dan il-proġett. Saret ukoll talba għall-fondi neċessarji u saru diskussjonijiet mal-partijiet konċernati biex jiġu fformulati r-rekwiżiti meħtieġa. | Ġew assigurati l-fondi neċessarji sabiex ikun jista' jibda x-xogħol fuq is-sistema tal-*mobile app*. Saru diskussjonijiet u ntlaħaq qbil dwar il-*hosting* tal-*app* filwaqt li nħolqu diversi ikoni sabiex jintużaw kemm fl-*app* innifisha u anke fl-i*stores* rispettivi (Apple u Google play). Sar ukoll xogħol fuq id-deskrizzjonijiet tad-disa' mixjiet. | Saret *run through* tas-sistema. Il-fornitur tas-sistema implimenta t-tibdil neċessarju u pprepara l-*app* għal fuq iż-żewġ *stores*. Ġew identifikati numru ta' uffiċjali pubbliċi biex jiġi ffurmat *focus group.* Saru aġġustamenti li ġew identifikati waqt il-fażi tal-ittestjar min-naħa tal-membri tal-*focus group* filwaqt li bdew jiġu identifikati aġġustamenti li hemm bżonn isiru. | Malta Goes Rural - Maltin u turisti li għandhom għal qalbhom żoni rurali u mixjiet fil-kampanja | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-INTERN U
S-SIGURTÀ NAZZJONALI



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Interna: Titjib fl-operat u ż-żamma tal-istatistika fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Dan permezz ta' sistema ta' *network* ċentralizzata, li fiha jiġu rreġistrati s-sejħiet ta' emerġenza kif ukoll ir-rapporti u l-inċidenti kollha li jmorru fuqhom il-ħaddiema. B'hekk, dawn it-talbiet ikunu jistgħu jiġu riferuti fis-sezzjonijiet rispettivi b'mod elettroniku minflok dak manwali. Dan ser iwassal għal titjib fl-effiċjenza tal-operat u aktar preċiżjoni fiż-żamma tal-istatistika. | Saru diskussjonijiet dwar il-finanzjament, l-amministrazzjoni u l-aspett tekniku ta' din il-miżura. | Ir-rapporti dwar każijiet ta' tifi tan-nar bdew jiġu reġistrati b'mod elettroniku. | Tkomplew diskussjonijiet interni mas-sezzjoni tal-IT fil-Ministeru biex isir adattament tas-sistema skont l-esiġenzi tad-Dipartiment. | Saru emendi tekniċi fis-sistema u tkomplew it-testijiet. | Il-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 32 | Pubblikazzjoni ta' dokument sempliċi li jiġbor fih l-informazzjoni kollha relatata mas-servizzi offruti mill-Entità għall-Immigrazzjoni lill-immigranti. Din il-pubblikazzjoni ser titqassam lill-immigranti nfushom biex jiġi evitat il-bżonn li jkollhom iżuru diversi dipartimenti biex jingħataw informazzjoni dwar dawn is-servizzi. | Saret reviżjoni tal-pubblikazzjoni eżistenti u ġie deċiż x'kontenut ġdid irid jiġi inkluż. | Beda x-xogħol t'aġġornament fuq il-ktejjeb Information Booklet for Residents of Open Centres. Tkompliet il-ħidma relatata mal-istampar u l-possibilità li jsir format elettroniku. | Tlestiet il-ħidma relatata mal-kontenut tal-pubblikazzjoni. Il-pubblikazzjoni ġiet stampata u mqassma. | | Medja ta' 700 klijent | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 33 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Bdew diskussjonijiet interni u ġew identifikati tliet formoli għal reviżjoni. | Inġabret l-informazzjoni neċessarja u bdiet ħidma fuq l-evalwazzjoni ta' dawn it-tliet formoli. Bdew ukoll diskussjonijiet mal-MITA dwar il-konverżjoni tagħhom għal *e-forms*. | Beda l-ittestjar tal-*e-forms.* Bdew il-preparamenti biex dawn l-*e-forms* jittellgħu onlajn. | L-iżvilupp tal-*e-forms* tlesta u l-formoli ttellgħu onlajn. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 159 | Introduzzjoni ta' *mobile app* li tiffaċilita r-rapportaġġ ta' inċidenti kriminali bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | Bdew diskussjonijiet interni dwar l-aspett tekniku tal-*mobile apps.* | Tkomplew id-diskussjonijiet u beda xogħol relatat mal-iżvilupp ta' *mobile app* li permezz tagħha persuni jkunu jistgħu jirrappurtaw inċidenti kriminali. | Ġie identifikat il-kuntrattur u beda l-iżvilupp tal-*mobile app.* Tkomplew id-diskussjonijiet mal-MITA dwar il-viżwal u aspetti tekniċi oħra. | Tlesta l-iżvilupp tal-*mobile app* u bdiet tiġi analizzata minn *focus group.* | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 31 | Niffaċilitaw l-aċċess għall-kondotta tal-Pulizija permezz ta' sistema onljn li bis-saħħa tagħha se tkun tista' tiġi ordnata u tintbagħat bil-posta. Bis-saħħa ta' din il-miżura, din il-faċilita se tkun applikabbli lokalment ukoll filwaqt li telimina l-bżonn li persuna jkollha żżur id-*Depot* tal-Pulizjia sabiex tikseb kondotta Formola A. | Saru diskussjonijiet bejn membri tal-Ministeru tal-Intern, Il-Pulizija kif ukoll mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data* biex dan tal-aħħar jiċċertifika li s-sistema ser tkun qed topera f'ambjent ta' sigurtà. | Ġiet installata s-sistema l-ġdida u bdiet tiġi ppruvata. | Kompliet tiġi ppruvata s-sistema. | Saru aġġustamenti tekniċi fis-sistema u l-kondotta bdiet tiġi ordnata onlajn. | Madwar 60,000 talba fis-sena. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI,
L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Is-servizz mogħti mill-Aġenzija għall-Pagamenti f'Ta' Qali, offrut lill-bdiewa biex jirreġistraw ir-raba' u japplikaw għall-fondi Ewropej, ser jiġi estiż fl-Għammieri. Dan ser inaqqas l-iskariġġ għall-bdiewa, speċjalment dawk min-naħa t'isfel ta' Malta. | Sar xogħol fuq il-binja l-ġdida fl-Għammieri. | Ix-xogħol fuq il-binja minn fejn se jingħataw is-servizzi tlesta. Diversi servizzi għall-bdiewa bdew jingħataw minn dan l-uffiċċju. | | | Madwar 2,500 bidwi | Implimentata |
| 55 | Għoti ta' aċċess sħiħ lill-bdiewa biex jiksbu informazzjoni relatata mal-applikazzjonijiet tagħhom minn fuq is-sit tal-Aġenzija għall-Pagamenti. Dan ser jelimina l-bżonn li persuna żżur l-uffiċini tal-Aġenzija għall-Pagamenti biex tikseb l-istess informazzjoni. | Sar xogħol fuq is-sistema elettronika biex persuna tkun tista' taċċessa informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet tagħha. | Tkompla x-xogħol fuq is-sistema biex il-bdiewa jingħataw aċċess sħiħ ħalli jiksbu informazzjoni relatata mal-applikazzjonijiet tagħhom. | Ġew implimentati diversi servizzi onlajn li l-bdiewa jistgħu jaċċessaw mill-kompjuter personali tagħhom, biex jaraw dettalji relatati ma' għelieqi, applikazzjonijiet u pagamenti taghhom b'mod personalizzat. | | Madwar 400 bidwi | Implimentata |
| 56 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika biex tiffaċilita x-xogħol amministrattiv fil-Biċċerija, relatat mal-kontrolli, ġbir ta' pagamenti u rċevuti li jinħarġu wara kull qatla. Din is-sistema ser tgħin ukoll fil-kalkolu tal-ħlasijiet dovuti u ħruġ ta' rċevuti. B'hekk, jingħata servizz aktar effiċjenti u f'waqtu. | Beda l-proċess tal-installazzjoni tas-sistema tal-informatika. Ġiet ippruvata u ngħata t-taħriġ lill-impjegati. | Tlesta l-proċess ta' prova u nxtraw *barcode readers.* Ġie ffinalizzat il-proċess u b'hekk is-sistema bdiet topera. | | | Madwar 450 bidwi | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Twaqqif ta' stazzjonijiet fil-portijiet fejn jirmiġġaw is-sajjieda, bil-għan li l-qabdiet tagħhom ikunu jistgħu jintiżnu fuq il-post u, permezz ta' *label scanning,* jinħarġu *sales vouchers* b'mod awtomatiku. Dan ser iwassal għal inqas skariġġ għas-sajjieda. | Inxtraw u nġiebu l-magni tal-użin moderni, filwaqt li sar ix-xogħol ta' kostruzzjoni biex isiru l-istazzjonijiet fejn dawn il-magni jkunu installati. | Ix-xogħol ta' kostruzzjoni ġie ffinalizzat u saru l-installazzjonijiet tal-magni tal-użin f'16-il stazzjon. Sar ukoll taħriġ għall-uffiċjali u s-sajjieda dwar l-użu ta' dawn il-magni. Ġew sottomessi applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għal *compliance certificate* biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għad-dawl u l-ilma fl-istazzjonijiet. | Beda bi prova l-proċess li s-sajjieda jibdew jiżnu u jipproduċu tikketti u dokumenti meħtieġa. Saru tibdiliet minuri tas-sistema fuq suġġerimenti tal-istess sajjieda. | Is-sistema għall-użin tal-ħut tlestiet, u l-użu tagħha se jkun mandatorju mill-bidu tas-sena 2017. Sadattant bdew jiġu infurzati l-liġijiet fuq l-użin u t-traċċabilità tal-ħut. | Madwar 1,000 sajjied, ħaddiema fil-Pixkerija u impjegati tad-dipartiment | Implimentata |
| 58 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika ġdida għall-bejgħ fil-Pixkerija, li permezz tagħha, s-*sales vouchers* ikunu ġġenerati u rrekordjati b'mod elettroniku sempliċiment bi *scanning labels.* B'hekk jiġi eliminat xogħol manwali amministrattiv u jitħaffef il-proċess ta' ħlas lis-sajjieda. | Beda jsir ix-xogħol biex tiġi żviluppata s-sistema kompjuterizzata biex is-*sales vouchers* ikunu jistgħu jiġu ġġenerati u rrekordjati b'mod elettroniku. Saret konsultazzjoni mas-sajjieda fuq is-sistema u b'riżultat ta' dan ġew proposti xi tibdiliet fis-sistema. | Saru l-arranġamenti neċessarji biex is-sistema tkun tista' tiġi modifikata biex tirrifletti akkomandazzjonijiet magħmula mis-sajjieda. | Fl-immedjat ġiet introdotta fil-Pitkalija sistema semiawtomatika li tiffaċilita r-reġistrazzjoni ta' qbid ta' ħut skont il-kwantitajiet fil-kaxxi. Sadattant beda l-proċess biex jinġiebu *hand palletizers* bil-miżien inkorporat fihom, li jittrażmetti l-piż direttament għas-sistema elettronika, biex eventwalment is-sistema użata tkun kollha awtomatika. | Is-sistema elettronika ġiet ikkummissjonata, ittestjata u ċċertifikata, u b'hekk tinsab lesta għall-użu. | Madwar 1,000 sajjied, ħaddiema fil-Pixkerija u impjegati tad-dipartiment | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Sistema ġdida ta' *one stop shop*, fejn il-pubbliku li jixtri mill-Crop Husbandry fl-Għammieri jkun jista' jixtri u jħallas għal prodotti agrikoli minn post wieħed minflok iżur diversi uffiċini kif isir fil-preżent. | Ġie maqbul u saru l-arranġamenti interni biex dan is-servizz ikun jista' jingħata minn post wieħed. B'hekk issa l-pubbliku beda jixtri u jħallas għall-prodotti agrikoli mill-Crop Husbandry fl-Għammieri, b'aktar konvenjenza. | | | | Il-pubbliku | Implimentata |
| 60 | Interna: Ċentralizzazzjoni tad-diversi *databases* tad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti. Din is-sistema ser tagħmilha aktar faċli u konvenjenti għal bdiewa u kummerċjanti ta' pjanti u prodotti agrikoli biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba onlajn minflok b'mod manwali, għal skop ta' moniteraġġ u infurzar relatat mas-saħħa tal-pjanti. | Saru diversi laqgħat mad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fejn ġew diskussi r-rekwiżiti biex l-informazzjoni li tinsab fid-diversi *databases* tiġi integrata. | Beda l-proċess ta' *data migration* minn sistemi differenti għal sistema waħda integrata. | Tlesta l-proċess tat-trasferiment tad-*data* u beda jsir l-ittestjar fis-sistema biex jiġi verifikat li t-trasferiment tad-*data* huwa korrett. Sar it-taħriġ għall-impjegati dwar l-użu ta' din is-sistema integrata. | Il-benefiċjarji bdew jiġu infurmati dwar l-aċċess tagħhom għas-sistema l-ġdida, u kif għandhom jużawha. Is-sistema ser tkun operattiva minn Jannar 2017. | Madwar 50 bidwi | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Pubblikazzjoni ta' dokument legali wieħed li jgħaqqad is-simplifikazzjoni ta' diversi liġijiet u regolamenti relatati mas-saħħa tal-pjanti. B'hekk, persuna jkollha sors wieħed bħala referenza minn fejn tikseb din l-informazzjoni. | Id-dokument legali ġie rivedut mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li kkonkluda l-ewwel fażi ta' din ir-reviżjoni. | Bdew id-diskussjonijiet fuq l-abbozz ta' liġi bejn l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u d-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti bi tħejjija għall-fażi li jmiss, jiġifieri l-konsultazzjoni pubblika. Sadanittant kompliet il-ħidma fuq l-abbozz ta' liġi. | Saru l-preparamenti għall-konsultazzjoni finali mal-Plant Protection Board u ġie ffinalizzat l-abbozz ta' ligi li jikkonsolida diversi liġijiet relatati mas-saħħa tal-pjanti. | Saru preparamenti biex l-abbozz ta' din il-liġi jinġieb għall-approvazzjoni tal-Kabinett. | Madwar 250 bidwi | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 62 | Il-liċenzja għall-kaċċa u l-insib ser tibqa' valida għal ħames snin. Għal dan il-għan ser isiru l-arranġamenti loġistiċi neċessarji biex il-kaċċaturi u n-nassaba jibbenefikaw minnhom. B'hekk, jiġi eliminat il-bżonn li kaċċaturi u nassaba jġeddu l-liċenzji tagħhom kull sena. | Saru l-arranġamenti kollha leġiżlattivi relatati mal-ħruġ tal-liċenzji. Inbeda x-xogħol fuq is-sistema u saru l-arranġamenti loġistiċi dwar il-ħlas tal-liċenzji. | Tlesta x-xogħol u tqassmu l-liċenzji l-ġodda lill-kaċċaturi u n-nassaba. | | | Madwar 13,000 kaċċċatur u nassab | Implimentata |
| 63 | Il-qbid tal-għasafar ser jibda jiġi rappurtat permezz ta' sistema telefonika minflok bil-kitba. Din telimina l-użu tal-Carnet de Chasse fir-reġistrazzjoni tal-qbid. | Beda x-xogħol neċessarju biex isiru l-pjanijiet fuq kif l-aħjar tiġi mħaddma din is-sistema mid-Dipartiment. | Il-persuni affettwati ġew infurmati bis-sistema l-ġdida. Din is-sistema bdiet topera u l-qabdiet tal-għasafar bdew jiġu rrappurtati permezz ta' sistema telefonika. | | | Madwar 13,000 kaċċatur u nassab | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 64 | Ċentralizzazzjoni tas-servizzi varji mogħtija mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja fil-Marsa. B'hekk il-pubbliku jevita l-bżonn li jżur diversi uffiċini biex jinqeda. | Saru diversi laqgħat bejn il-partijiet konċernati biex jiġi deċiż l-aħjar mod kif is-servizzi mogħtija mid-Direttorat li kienu jingħataw minn uffiċini differenti jiġu ċentralizzati f'post wieħed. Ġew żviluppati manwali u *standard operating procedures* għall-użu tal-impjegati konċernati. | Ġie ffirmat *memorandum of understanding* u x-xogħol ta' *customer care* beda jsir ċentralment. | | | Madwar 10,000 klijent | Implimentata |
| 65 | Simplifikazzjoni fil-proċessi ta' kontroll fuq importazzjoni u manifattura ta' prodotti tal-ikel mid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja, permezz ta' kordinazzjoni konġunta bejn diversi awtoritajiet. Dan jevita spezzjonijiet żejda għan-negozji. | Saru diskussjonijiet mal-awtoritajiet konċernati biex jinstab l-aħjar mezz ta' kif tista' ssir il-kordinazzjoni konġunta bejn dawn l-awtoritajiet. | Saru diskussjonijiet fuq abbozz ta' *memorandum of understanding* bejn id-Direttorat u awtoritajiet oħra involuti fuq il-kontroll ta' importazzjoni u manifattura tal-prodotti tal-ikel. | Inġabet l-informazzjoni dwar kontrolli fuq importazzjoni u manifattura ta' prodotti tal-ikel dwar ħut u akkwakultura. | Tlesta x-xogħol fuq il-*memorandum of understanding* filwaqt li tkompliet il-ħidma biex jiġi identifikat liema spezzjonijiet se jibdew isiru b'mod konġunt bejn l-awtoritajiet. | Madwar 1,500 (importaturi u manifatturi tal-prodotti tal-ikel) | Fil-proċess li tkun implimentata |
| 66 | Sistema elettronika tad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja, li permezz tagħha, persuni li jkunu ser jivvjaġġaw bl-annimali jkunu jistgħu jissottomettu n-notifika tagħhom onlajn mingħajr ma jagħmlu dan b'mod manwali. | Ittellgħu *modules* ġodda fis-sistema u bdew jiġu ppruvati. | L-operaturi tat-trasport lejn Malta ġew notifikati bis-sistema l-ġdida dwar l-ivvjaġġar bl-annimali. Is-sistema bdiet titħaddem bil-*modules* il-ġodda. | | | Sidien tal-annimali | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Simplifikazzjoni fil-mod kif notifiki relatati mal-industrija tat-tiġieġ jiġu ġġenerati u rrekordjati b'mod awtomatiku permezz tan-National Livestock Database. | Ġew imtellgħin *modules* ġodda fis-sistema u bdew jiġu ppruvati. Il-produtturi bdew iħaddmu l-formoli fis-sistema. | Il-formoli bdew jiġu użati b'mod regolari. | | | Madwar 150 produttur tat-tiġieġ | Implimentata |
| 68 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Ġew identifikati żewġ formoli biex jiġu simplifikati u maqluba f'*e-forms*. | Verżjoni simplifikata taż-żewġ formoli ġiet mgħoddija lill-MITA biex jikkonfermaw li l-proposti huma fattibbli. | Bi ftehim mal-MITA, sar ix-xogħol ta' simplifikazzjoni fuq żewġ formoli. Dawn ġew maqluba għal *e-forms* u beda l-ittestjar tagħhom mid-dipartimenti konċernati. | Tlesta l-ittestjar fil-każ taż-żewġ formoli. B'konnessjoni ma' formola minnhom, infetaħ kont bankarju f'bank kummerċjali sabiex il-pagamenti kkonċernati jkunu jistgħu jsiru onlajn. | Il-pubbliku | Implimentata |
| 161 | Introduzzjoni ta' *mobile apps* dwar servizzi relatati mal-ħarsien tal-annimali, flora u fawna bħala parti minn viżjoni ta' Servizz Pubbliku aċċessibbli 24 siegħa kuljum tul is-sena kollha. | | Saru diversi laqgħat preparatorji ma' diversi partijiet, kemm dipartimenti interni kif ukoll entitajiet esterni li għandhom interess f'dan il-proġett. Dan biex jiġu stabbiliti l-bżonnijiet tas-sistemi. | Inbeda żvilupp ta' żewġ *mobile apps* skont il-gwidi dwar viżwal maħruġa mill-MITA. F'dawn l-*apps* iddaħħlu ritratti ta' kwalità dwar il-flora u l-fawna Maltija, flimkien ma' informazzjoni akkademika għall-aċċess tal-pubbliku. | Iż-żewġ *mobile apps* tlestew u bdew jiġu ttestjati qabel ma jsiru operattivi fil-bidu tas-sena. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tkun implimentata |

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U EKONOMIJA
DIĠITALI, MARITTIMA U TAS-SERVIZZI



| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | | | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 171 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | | | Ġew identifikati wieħed u għoxrin formola għal simplifikazzjoni. Bdiet ħidma mal-MITA biex formola minnhom, li tikkonċerna l-*connectivity to magnet - terms and conditions of use* tiġi analizzata u ssimplifikata. Apparti dan, bdiet ħidma mal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni biex tanalizza l-għoxrin formola l-oħra li jaqgħu taħtha bil-għan li jinqalbu f'*e-forms*. | Tlesta x-xogħol fuq il-formoli identifikati mill-MITA u l-MCA. | Ħaddiema fis-servizz pubbliku u l-operaturi tal-MCA | Implimentata |

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA



| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 129 | Simplifikazzjoni fis-sistema elettronika tal-iskema tal-POYC biex tiżdied l-effiċjenza fl-immaniġġjar tal-istokk tal-Gvern fl-ispiżeriji tal-komunità, bil-għan li jiżdied il-kontroll u titnaqqas il-ħela. | Bdew diskussjonijiet dwar bidliet fis-sistema elettronika bil-għan li tagħti viżibilità akbar tal-istokk tal-mediċini tal-Gvern fl-ispiżeriji privati. Sar ukoll il-User Acceptance Testing (UAT) tas-sistema. | Sar żvilupp addizzjonali biex jiġi inkluż rappurtaġġ ta' dawk l-ispiżeriji ta' 'l fuq minn 1,500 pazjent. | | | Madwar 140,000 pazjent li qed jibbenefikaw mill-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 130 | Introduzzjoni tal-karta ta' sħubija fl-iskema tal-POYC li ser tieħu post il-*Patient Voucher Letter.* Din mistennija tiffaċilita l-proċess tal-ġbir tal-mediċini mill-ispiżeriji, u fl-istess ħin tnaqqas il-piż fuq ir-riżorsi. | Saru laqgħat dwar titjib li kien meħtieġ fuq il-programm tal-IT tas-sistema preżenti biex tkun tista' tiġi introdotta l-iskema l-ġdida tal-Karta ta' Sħubija. | Saru laqgħat oħra filwaqt li beda l-ippjanar tal-iskeda tax-xogħol. Waslet ukoll l-istima tal-proġett. | Bdiet il-ħidma mill-iżviluppaturi tas-sistema elettronika biex tiġi introdotta l-karta tas-sħubija. | Din il-miżura ġiet implimentata. | Madwar 140,000 pazjent li qed jibbenefikaw mill-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek | Implimentata |
| 131 | Introduzzjoni ta' servizz ġdid ta' *outreach* għall-ħruġ u t-tiġdid tal-Kartuna l-Bajda (Dangerous Drugs Control Card), biex b'hekk nersqu aktar viċin tal-pazjenti li għandhom nuqqas ta' mobilità. | Saru diskussjonijiet u tfassal programm ta' implimentazzjoni. | Tnieda s-servizz fuq bażi ta' appuntament permezz ta' talba mill-pazjenti. | | | Il-pazjenti b'nuqqas ta' mobilità | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 132 | Introduzzjoni ta' servizz ġdid ta' *outreach* magħruf bħala tal-Borża l-Kannella (Brown Bag), sabiex il-pazjenti li qed jibbenefikaw mill-iskema tal-POYC ikunu jistgħu jingħataw parir dwar l-interazzjoni kimika u l-effett tal-mediċini kollha li jkunu qed jieħdu. | Tfassal programm ta' implimentazzjoni għall-introduzzjoni ta' din il-miżura. Saru wkoll diskussjonijiet mal-entitajiet interessati biex jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni. | Beda jingħata servizz ġdid li jikkonsisti fl-għoti ta' pariri professjonali u personali lill-pazjent skont il-ħtiġijiet tiegħu. Dan is-servizz personali qed jiġi pprovdut minn fuq it-telefown lil dawk il-pazjenti b'diffikultà. Qed isiru wkoll taħditiet għall-pubbliku fuq bażi regolari. | | | Madwar 140,000 pazjent li qed jibbenefikaw mill-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek u l-poplu inġenerali | L-Implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |
| 133 | Introduzzjoni ta' servizz ġdid ta' *outreach*, li jikkonsisti fi programmi ta' informazzjoni edukattivi dwar suġġetti relatati mas-servizzi li toffri l-POYC *Unit*. B'hekk, kull min juża s-servizzi tal-POYC. ikun infurmat aħjar filwaqt li jkun jista' jagħmel l-aħjar użu possibbli mis-servizzi pprovduti mill-POYC u allura tiżdied l-aċċessibilità. | Ġie mfassal programm ta' implimentazzjoni għall-introduzzjoni ta' din il-miżura. Saru wkoll diskussjonijiet mal-entitajiet interessati biex jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni. | Is-servizz beda jingħata. | | | Madwar 140,000 pazjent li qed jibbenefikaw mill-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek | L-Implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 134 | Introduzzjoni ta' servizz ġdid ta' *outreach* li jikkonsisti fi żjarat fid-djar tal-anzjani, biex jingħata tagħrif edukattiv u informazzjoni dwar l-użu u l-effett ta' ċerti mediċini u trattament mediku. B'hekk, dawk li jużaw is-servizzi tal-POYC ikollhom aktar informazzjoni dwar is-servizzi provduti. | Ġie mfassal programm ta' implimentazzjoni għall-introduzzjoni ta' din il-miżura. Saru wkoll diskussjonijiet mal-entitajiet interessati biex jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni. | Għalkemm il-pjan huwa lest, dan is-servizz ikun jista' jitnieda meta r-riżorsi umani tekniċi jippermettu. Dan biex ma jiddgħajfux l-operazzjonijiet l-oħra li qed toffri l-POYC. | Tkomplew il-preparamenti għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Fis-sit elettroniku tal-POYC ittellgħet informazzjoni 'Kun af aktar dwar il-mediċini tiegħek'. Dan is-servizz beda jingħata b'appuntament. | 140,000 pazjent li qed jibbenefikaw mill-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 135 | Inkomplu nissimplifikaw is-sistema tal-ħlasijiet lill-kuntratturi, speċjalment fejn jidħlu ħlasijiet ta' sigħat ta' servizz. Bis-saħħa ta' din il-miżura, id-Dipartiment tal-Finanzi tal-Isptar Mater Dei jkun f'pożizzjoni li joħroġ ħlasijiet malajr, mingħajr ma jeħel interessi u joħloq problemi finanzjarji kemm għall-kuntratturi kif ukoll għall-isptar. | Ġiet evalwata s-sitwazzjoni. Wara din l-evalwazzjoni żdiedu r-riżorsi umani b'tali mod li issa hemm persuni ffukati biss fuq ir-rikonċiljazzjoni tal-fatturi u d-dokumenti annessi. B'hekk il-proċess ġie msaħħaħ u ż-żmien li fih jiġu ċċekkjati l-fatturi għall-ħlasijiet tas-servizzi qsar. L-*invoices* għall-ħlas ġew ipproċessati f'inqas żmien u għalhekk il-kuntratturi bdew jitħallsu qabel. | | | | Kuntratturi | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 136 | Tiġi sottomessa applikazzjoni għall-Fondi Strutturali Ewropej għall-iżvilupp ta' sistema tal-informatika, li permezz tagħha jitħaddmu r-reġistri tas-saħħa u s-sorsi ta' informazzjoni li jinsabu fid-Direttorat għall-Informazzjoni u Riċerka dwar is-Saħħa. Din is-sistema ser tgħin biex jitnaqqas l-użu ta' proċeduri manwali għal wieħed elettroniku. B'din is-sistema, jibda jsir użu aħjar mill-informazzjoni miġbura biex isir moniteraġġ aħjar tas-saħħa tal-poplu Malti kif ukoll ikunu jistgħu jiġu ppjanati strateġiji u faċilitajiet ġodda skont il-ħtiġijiet taċ-ċittadin. | L-IMU għamel il-preparamenti fuq din l-applikazzjoni li tinkludi *work package* li jelenka l-iżviluppi meħtieġa. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiċċentralizza l-infrastruttura diġitali tal-*ehealth* u jgħaqqad servizzi li bħalissa għandhom sistemi separati. | Saru laqgħat mal-MITA li qed tagħmel analiżi tal-ħtiġijiet tekniċi tad-direttorat fid-dawl tas-sistema ħolistika tal-*ehealth*. | L-applikazzjoni għall-Fondi Strutturali Ewropej ġiet sottomessa. | L-applikazzjoni għall-fondi għadha qed tiġi proċessata mill-awtoritajiet konċernati. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 137 | Introduzzjoni ta' sistema elettronika ġdida li permezz tagħha persuni jkunu jistgħu jħallsu l-liċenzja tagħhom onlajn. Dawn il-liċenzji japplikaw għal kliniċi dentali, kliniċi ta' fiżjoterapija, u ħwienet tat-*tattoos* fost l-oħrajn. Fil-preżent, dan is-servizz jingħata manwalment minn dipartiment fl-Isptar San Luqa. B'hekk, ser jonqos l-iskariġġ għall-persuni li jkunu jridu jħallsu l-liċenzji tagħhom. | Saru diskussjonijiet mal-banek kummerċjali ewlenin biex id-direttorat ikun jista' jipproċedi biex il-klijenti jingħataw il-faċilità li jħallsu onlajn. | Tkompliet il-ħidma fuq it-tħejjijiet meħtieġa mal-banek kummerċjali biex tkun tista' titwettaq il-miżura. | Tlestiet it-*test page* għall-ħlas onlajn u ġiet ittestjata. Il-banek kummerċjali ħolqu l-*payment gateway* sabiex jiġu aċċettati ħlasijiet permezz tal-websajt tad-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa. Is-sistema tlestiet u se tibda topera minn Ottubru. | Is-sistema elettronika bdiet titħaddem. | Madwar 250 persuna | Implimentata |
| 138 | Introduzzjoni ta' sistema ġdida elettronika li tikkonsolida s-sottomissjonijiet li l-Ministeru għas-Saħħa jrid jagħti ta' kull sena lill-Eurostat rigward in-nefqa tal-Gvern Malti fuq il-qasam tas-saħħa (System of Health Accounts). Dan ser jirriżulta fi tnaqqis ta' żbalji umani li jistgħu jsiru waqt il-proċess ta' ġbir tal-informazzjoni u b'hekk il-konsolidazzjoni ssir f'anqas ħin. | Tlestiet sistema ta' prova mill-iżviluppatur u ġiet ippruvata. | Is-sistema l-ġdida bdiet taħdem. Saret l-applikazzjoni mal-Eurostat biex jittieħdu lura parti sostanzjali tal-fondi minfuqa mill-Ministeru. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 139 | Jiġi ingaġġat *Quality Service Executive* fi ħdan id-Dipartiment tal-Kura Primarja biex ikun punt ta' riferiment għall-ilmenti li jidħlu mill-pazjenti li jżuru ċ-Ċentri tas-Saħħa. Dan se jnaqqas il-proċess burokratiku li bħalissa pazjenti jridu jgħaddu minnu sabiex idaħħlu l-ilmenti jew is-suġġerimenti. | Ġie ingaġġat *Quality Service Executive* li issa sar il-punt ta' riferiment għall-ilmenti li jidħlu mill-pazjenti minflok ikollhom imorru għand persuni varji (bħal *Managers* fiċ-ċentri). | | | | Madwar 75 każ fis-sena | Implimentata |
| 140 | Is-*social worker* tibda tirċievi referenzi mingħand il-professjonisti kollha li jaħdmu fid-Dipartiment tal-Kura Primarja. Bħalissa qiegħda tirċievi biss mingħand it-tobba. Dan il-proċess ġdid inaqqas il-burokrazija għall-pazjenti li issa m'għandhomx għalfejn joqogħdu jmorru bilfors għand it-tabib biex jiġu referuti. | Is-*social worker* bdiet tirċievi referenzi mingħand il-professjonisti kollha li jaħdmu fid-Dipartiment tal-Kura Primarja. | | | | Il-pazjenti kollha li jkollhom bżonn is-servizz ta' *social worker* matul is-sena (bħalissa madwar 160 f'sena) | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 141 | Simplifikazzjoni tal-formoli tal-Ministeru: Reviżjoni tal-formoli tal-Ministeru biex ikunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-pubbliku. | Bdew jiġu evalwati l-formoli kollha tal-Ministeru biex ikunu aġġornati. | Ġew identifikati numru ta' formoli li ma kinux aġġornati, m'għadhomx applikabbli, jew li huma kkumplikati. In-numru ta' formoli ammonta għal 14. Saret evalwazzjoni tal-formoli identifikati u ġew aġġornati bid-dettalji attwali. Dawk li ma kinux għadhom applikabbli tneħħew minn fuq is-siti elettroniċi tal-Gvern. | Kompliet u tlestiet il-ħidma fuq l-14-il formola. Ġew identifikati żewġ formoli addizzjonali. | Ix-xogħol fuq iż-żewġ formoli addizzjonali, li jikkonċernaw l-*organ donor e-form* u l-Mater Dei *ticket referral,* tlesta għall-implimentazzjoni. | Il-pubbliku u l-professjonisti mediċi | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |
| 142 | Simplifikazzjoni fil-proċess amministrattiv ta' kif isir ix-xiri fis-Servizz tas-Saħħa Mentali. L-għan hu li l-proċess li jibda mir-rikjesta, segwit mis-sejħa għall-offerti u mill-approvazzjoni għax-xiri, ikun kollu elettroniku minflok dak manwali. B'hekk għandha tispiċċa s-sistema fejn fajls u karti manwali jiġu trasferiti minn dipartiment għall-ieħor sakemm iseħħ il-proċess kollu. B'hekk, jonqos iż-żmien ta' stennija u dewmien bla bżonn. | Inbnew *databases* apposta għal kull *store* biex il-partijiet ikollhom informazzjoni dwar liema sejħiet ħarġu, liema ngħataw, il-perjodu ta' validità kif ukoll il-valur tas-sejħa. | L-approvazzjonijiet li qabel kienu jsiru permezz tal-fajls li jimxu minn dipartiment għall-ieħor manwalment issa bdew isiru b'mod elettroniku. | | | Impjegati tas-Servizz tas-Saħħa Mentali | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 143 | Pazjenti b'mard kroniku jiġu kkurati f'ċentru fejn iċ-*check-up* mediku, ir-riċetti tal-mediċini u l-*follow-up* jiġu pprovduti fl-istess klinika. Bħalissa pazjenti jridu jagħmlu kju separat għal kull servizz. Permezz tat-twaqqif tal-klinika Chronic Disease Management Clinic (CDMC), il-pazjenti se jkunu qed jinqdew fi klinika waħda. | Ġie diskuss u mfassal pjan ta' implimentazzjoni u sar xogħol strutturali ħalli jkun hemm post għal din il-klinika fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. | Ix-xogħol strutturali tlesta u l-klinika bdiet topera. | | | 5,000 pazjent | Implimentata |
| 144 | Preżentament, ir-riċetti tal-mediċini għall-pazjenti jiġu miktuba manwalment mit-tabib. Permezz ta' din il-miżura ġdida r-riċetti se jiġu stampati. Għalhekk, ir-riċetti tal-mediċini jiġu magħmula mis-sistema tal-eEntitlement biex it-tobba ma jaħlux ħin jiktbu r-riċetti manwalment filwaqt li tiżdied is-sigurtà fuq il-mediċina pprovduta lill-pazjent. | Inħarġet u ġiet aġġudikata s-sejħa għall-*printers.* | Il-*printers* ġew installati u beda t-taħriġ fuq is-sistema l-ġdida lit-tobba. | Is-sistema bdiet taħdem fiċ-ċentri kollha tas-saħħa minn Awwissu. | | 150,000 tabib | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 145 | Preżentament, l-impjegati li jerġgħu jiġu impjegati permezz ta' kuntratt ta' *re-engagement* iridu jirrikorru fis-sezzjoni tar-riżorsi umani u fis-sezzjoni tal-pagi biex jerġgħu japplikaw u jibbenefikaw minn pagamenti li huma intitolati għalihom. Permezz ta' din il-miżura, l-impjegati qed jiġu pprovduti bl-applikazzjonijiet immedjatament waqt il-firma tal-kuntratt. Din is-sistema tnaqqas il-burokrazija għaliex l-impjegati jkunu jistgħu jimlew il-formoli kollha waqt l-istess żjara fl-uffiċini tar-riżorsi umani. | L-impjegati li jiffirmaw kuntratti ta' *re-engagement* bdew jiġu pprovduti bl-applikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi umani waqt il-firma tal-kuntratt. | | | | Madwar 25 impjegat fis-sena | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 146 | Interna: Simplifikazzjoni fil-proċess ta' kif isir il-ġbir ta' informazzjoni f'Dar Kenn għal Saħħtek. Jitħejjew *templates* li fihom jiġbru l-informazzjoni kollha li hemm bżonn mingħand il-professjonisti. Il-pazjenti li jingħataw kura f'din id-dar ikunu segwiti minn tim multidixxiplinarju ta' diversi professjonisti. Inħasset il-ħtieġa li tiġi diskussa l-informazzjoni li għandha tinġabar minn diversi oqsma biex tkun evitata dupplikazzjoni ta' xogħol u jingħata servizz aktar effiċjenti u fi żmien raġonevoli. L-istess sistema ser tkun użata għal diversi għanijiet fosthom: (a) Biex tingħata kura koordinata bejn it-tim; (b) Tinġabar informazzjoni għal skop ta' riċerka u statistika; (ċ) Issir evalwazzjoni tat-trattament u modifikazzjoni fit-terapija fejn tinħass il-ħtieġa. | Bdiet il-preparazzjoni u t-tlestija tad-dokumenti meħtieġa filwaqt li bdiet tinġabar l-informazzjoni dwar il-kundizzjoni li għandhom il-pazjenti ta' Dar Kenn għal Saħħtek biex tinħoloq sistema komuni ta' informazzjoni li tintuża mit-tim ta' professjonisti. Ġiet ukoll identifikata persuna biex tkun responsabbli għall-kordinament, identifikar u ġbir tal-ħtiġijiet mit-tim mediku. L-informazzjoni miġbura qed tkun aċċessibbli minn post komuni. | Ġew imfassla d-dokumenti elettroniċi li huma aċċessibbli għat-tim mediku. Permezz ta' diskussjonijiet u aġġornament tal-informazzjoni miġbura fuq bażi regolari, il-pazjent ikun jista' jiġi assistit skont il-ħtiġijiet tiegħu. | | | 980 appuntament tal-*outpatients* fis-sena għall-pazjenti f'Dar Kenn għal Saħħtek | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 147 | Ikun hemm aktar koordinazzjoni bejn l-entitajiet billi jiġi ddisinjat *Focal Point* għall-ġbir ta' informazzjoni f'Dar Kenn Għal Saħħtek. F'din id-dar tingħata kura ħolistika u s-suċċess ta' din il-kura huwa affettwat b'mod dirett mill-koordinazzjoni kemm bejn it-tim kif ukoll bejn id-dipartimenti u entitajiet varji. Biex dan ikun indirizzat bl-aħjar mod possibbli, kienu identifikati *focal persons* biex ikunu huma li (a) jikkordinaw u jikkuntattjaw dipartimenti u entitajiet biex tinġabar jew tingħata informazzjoni varja u (b) jiġbru l-informazzjoni meħtieġa mill-professjonisti kollha u tkun aġġornata kontinwament. | Ġiet identifikata persuna li qed taġġorna l-informazzjoni meħtieġa biex jitfassal il-pjan ta' implimentazzjoni. Bdew isiru laqgħat u numru ta' sessjoniet ta' informazzjoni ma' numru ta' entitajiet biex ikun hemm aktar għarfien tas-servizz. | | | | 980 appuntament tal-*outpatients* fis-sena għall-pazjenti f'Dar Kenn għal Saħħtek | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 148 | Tħejjija aħjar lill-pazjenti ta' Dar Kenn għal Saħħtek biex qabel it-trattament isiru l-preparamenti u l-aġġornamenti ta' informazzjoni u kwestjonarji qabel ma jidħlu għall-programm. B'hekk il-pazjent ikun infurmat u fl-istess ħin tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa miċ-Ċentru. Fil-każ speċifiku ta' Dar Kenn għal Saħħtek, il-pazjenti li jirrikorru għall-kura jkollhom jattendu għal diversi drabi biex ikunu assessjati mit-tim mediku, kemm qabel ma jibdew il-programm residenzjali kif ukoll meta jkunu qegħdin isegwu l-kura fuq bażi ta' *outpatient*. Inħasset il-ħtieġa li biex il-pazjent ikun infurmat u titnaqqas il-burokrazija tas-sistema, jinħolqu dokumenti bl-informazzjoni neċessarja għall-pazjent u l-qraba kif ukoll bil-kwestjonarji meħtieġa biex tinġabar l-informazzjoni kollha possibbli bl-anqas inkonvenjent għall-pazjent. | Ġew ippreparati d-dokumenti meħtieġa biex il-pazjent ikun jista' jiġi assessjat mit-tim mediku taċ-ċentru. | Il-pazjent beda jiġi assessjat mit-tim mediku taċ-ċentru qabel jibda t-trattament meħtieġ. | | | 980 appuntament tal-*outpatients* fis-sena għall-pazjenti f'Dar Kenn għal Saħħtek | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 149 | Użu aħjar tal-informazzjoni li hi komuni permezz tat-teknoloġija biex kull membru tat-tim mediku jkun aġġornat bl-andament tal-pazjenti b'mod immedjat. Meta wieħed jikkonsidra li t-trattament hu fuq bażi residenzjali u għal żmien indefinit, tkun apprezzata l-ħtieġa ta' sistema li twassal informazzjoni aġġornata b'mod kontinwu lill-professjonisti kollha tat-tim. Dan jassigura wkoll li r-riżorsi umani jkunu użati bl-aħjar mod u tkun assigurata wkoll is-sostenibilità tul dan is-servizz. | Saru laqgħat biex jitfassal pjan ta' ħidma. Saret evalwazzjoni tas-sistemi eżistenti ta' informazzjoni. Sar stħarriġ fuq numru ta' sistemi li jistgħu jkunu implimentati biex titjieb il-komunikazzjoni u titnaqqas il-burokrazija. | Is-sistemi bdew jintużaw bi prova biex isiru l-modifikazzjonijiet meħtieġa qabel jiġu kkonfermati. | Il-modifikazzjonijiet ġew ikkonfermati. | | Madwar 135 *inpatient* f'Dar Kenn għal Saħħtek | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR SA MARZU | KWART 2<br>APRIL SA ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 150 | Pazjenti li ma jistgħux jibagħtu l-karta ta' kontroll (il-Kartuna l-Bajda) bil-posta, jew li ma jistgħux jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni personalment, se jkunu megħjuna mill-istaff fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija biex jagħmlu dan. B'hekk, inkunu qegħdin innaqqsu d-diffikultajiet u l-inkonvenjenzi għal dawk il-pazjenti bil-kanċer billi noffru servizz aħjar u għajnuna għal dawk li qegħdin fil-bżonn. | Saru diskussjonijiet bejn l-entitajiet involuti biex jiddiskutu l-proċess meħtieġ. | Saru laqgħat mad-dipartimenti kkonċernati biex pazjenti li ma jistgħux jibagħtu l-Kartuna l-Bajda bil-posta jew jissottomettu l-applikazzjoni personalment ikunu megħjuna mill-istaff ta' Sir Anthony Mamo Oncology Centre (SAMOC). L-ispiżjara fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija jippreparaw id-dokumentazzjoni f'pakketti *pre-paid* għall-pazjenti li mbagħad jiġu impustati f'kaxxa postali fis-SAMOC. Din il-miżura bdiet titħaddem u b'hekk bdew jibbenefikaw dawn il-pazjenti. | | | Madwar 50 pazjent | Implimentata |

| | **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR SA MARZU | **KWART 2** APRIL SA ĠUNJU | **KWART 3** LULJU SA SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU SA DIĊEMBRU | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 151 | Interna: Il-każijiet ta' dixxiplina fil-preżent huma mqassma fost l-entitajiet tas-saħħa. L-informazzjoni mhix ċentralizzata u dan qed jikkawża inkonsistenza u dewmien meta tiġi biex tinġabar l-informazzjoni. Għaldaqstant, ser titfassal *database* komuni għall-każijiet dixxiplinarji fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa biex titnaqqas il-burokrazija, speċifikament dawk relatati ma' rapporti ta' kull xahar u proċessi oħra amministrattivi. Jekk qabel l-informazzjoni kienet iddum madwar ġimgħa biex tinġabar mill-entitajiet kollha, issa tkun tista' tinġabar mill-ewwel. | Saru laqgħat interni biex jiġu spjegati l-ħtiġijiet tad-dipartiment. Ġiet iddelegata persuna biex tieħu ħsieb it-tfassil tad-*database* meħtieġ. | Beda l-proċess tat-tfassil tad-*database*. Komplew għaddejjin id-diskussjonijiet biex is-sistema tirrifletti l-ħtiġijiet tad-dipartiment. Saru diskussjonijiet ukoll dwar kif din is-sistema tista' tkun aktar *user friendly*. | Kompla l-proċess tat-tfassil tad-*database* min-naħa tal-IMU u saru sensiela ta' laqgħat sabiex l-IMU jkunu jafu x'informazzjoni trid tiddaħħal fid-*database*. | Wara l-ġbir tal-informazzjoni, tħejjew listi biex jiġi assigurat li l-informazzjoni hija kompluta. | Il-ħaddiema fil-Ministeru tas-Saħħa | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR SA MARZU | KWART 2 APRIL SA ĠUNJU | KWART 3 LULJU SA SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU SA DIĊEMBRU | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 152 | Simplifikazzjoni fil-ħruġ ta' ċertifikati tal-mard. Persuni li jkunu għaddejjin minn mard fit-tul ser jibdew jintalbu jippreżentaw ċertifikat li jkopri sena minflok wieħed kull xahrejn. | | Wara konsultazzjonijiet li saru mal-professjonisti kkonċernati, ġew identifikati numru ta' restrizzjonijiet li jirrikjedu aktar studju. | Tkomplew id-diskussjonijiet biex jiġi ffinalizzat dan l-istudju. | Dan l-istudju tlesta u tressaq għall-attenzjoni tal-professjonisti biex jiġi implimentat. Ġie deċiż li minħabba n-natura tagħha, din il-miżura tiġi implimentata mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali. | Il-pubbliku | Fil-proċess li tiġi implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-2014 LI TWETTQU FL-2016

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Simplifikar tal-permessi tar-rimi tad-drenaġġ. | OPM (E&P) | Lulju 2016 | Kull negozju li jiddisponi mid-drenaġġ fid-drenaġġ pubbliku | Implimentata |
| 13 | Simplifikazzjoni tal-ħlas tad-Development Permit Fee (DPF).<br>L-Enemalta tissottometti lill-MEPA applikazzjonijiet varji fejn ikun irid jitħallas il-permess għall-iżvilupp. Dan il-proċess jirrepeti ruħu għal darbtejn għal kull applikazzjoni sħiħa li ssir u darba għal kull notifika u għal *compliance.*<br>Dan jimplika li l-applikazzjoni tiġi pproċessata biss jekk isir il-pagament. Qed jiġi propost li tiġi allokata somma għal dawk l-applikazzjonijiet kull sena. Il-kont għal dawk l-applikazzjonijiet jintbagħat kull 3 xhur. Min-naħa tal-MEPA kulma hu mitlub hu li ġaladarba jirċievu l-applikazzjoni mill-Enemalta, din tidħol fis-sistema tal-*accounts* tagħhom u l-kont jintbagħat perjodikament. L-istess sistema titħaddem għal garanziji bankarji fejn l-Enemalta tiggarantixxi pagament jekk jiġi rreġistrat ksur. | OPM (E&P) | Jannar 2016 | Ħaddiema fl-Enemalta u l-MEPA | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Huwa ppjanat li l-ARMS għandha tirrifondi awtomatikament dawk il-kontijiet li għandhom sistema fotovoltajka bi kreditu, direttament mid-*direct credit system.* | OPM (E&P) | Il-miżura tnediet f'April 2016 wara li ġew ippubblikati l-emendi fl-Avviż Legali. Iktar minn 9,500 familja u negozju pprovdew l-informazzjoni neċessarja biex il-ħlas isir direttament fil-kont bankarju tagħhom u beda jitħaddem il-proċess ta' rifużjoni. | Kull persuna li għandha sistema fotovoltajka fir-residenza jew negozju tagħha. | Implimentata |
| 3 | Tnaqqis fil-frekwenza ta' rapporti ta' progress tal-proġetti.  Aċċess aktar faċli għad-*data* permezz tal-pjattaforma onlajn li qed tiġi żviluppata u li se tippermetti moniteraġġ tal-proġetti aktar faċli u se tħaffef il-ħtiġijiet ta' rappurtar fuq il-benefiċjarji. | MEAIM | L-Manwal tal-Programmi ġie finalizzat f'April 2016 fejn hemm reġistrat li tnaqqset il-frekwenza tar-rapporti ta' progress meħtieġa minn tlieta għal tnejn fis-sena. | | Implimentata |
| 1 | Ġbir ta' pagamenti u ħruġ ta' rċevuti:<br>Bħalissa  qegħdin jintużaw flus kontanti u jingħataw irċevuti bil-miktub. L-għan hu li jibdew jingħataw irċevuti uffiċjali li jiġu rreġistrati b'mod awtomatiku fis-sistema tad-DAS. Biex isir dan, iridu jiġu installati sistemi ta' tranżazzjoni elettronika bil-*cards* bankarji. B'hekk tiżdied l-awtomazzjoni, jitnaqqsu l-iżbalji, jiġi ffrankat il-ħin amministrattiv għad-depożiti u tiżdied il-kumdità għal min irid iħallas għal servizzi offruti mill-Ministeru. | MEDE | Ġunju 2016 | 1,200 kreditur | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Proċedura għar-reġistrar ta' persuni qiegħda. Bħalissa s-sistema tar-reġistrazzjoni hija twila u antikwata. L-għan hu li tinqaleb għal waħda diġitali u awtomatizzata fejn l-informazzjoni tista' tinstab malajr. B'hekk tiżdied l-effiċjenza, jitnaqqas in-numru ta' żbalji kif ukoll jiżdied is-sodisfazzjon fost il-klijenti. | MEDE | Novembru 2015 | 7,000 persuna | Implimentata |
| 22 | Proċeduri għal xiri ta' oġġetti, għamara u oħrajn. Bħalissa d-dipartiment qed ikun biss reattiv għall-ħruġ u pproċessar ta' *tenders*, li qed joħloq problemi fl-amministrazzjoni u li qed iwassal għal dewmien bla bżonn. L-għan aħħari hu li jkun hemm ippjanar bil-quddiem ta' *tenders* kif ukoll ikun hemm pjattaforma elettronika fejn ikunu jistgħu jiġu sottomessi applikazzjonijiet. | MEDE | Jannar 2015 | 235 impjegat kull sena | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 11(f) | Żvilupp tan-National Single Window (NSW) bi preparazzjoni għall-implimentazzjoni ta' Direttiva 2010/65/EU sabiex jiġi ssimplifikat u armonizzat il-proċess amministrattiv relatat mal-formalitajiet tal-port billi jiffaċilita t-trażmissjoni ta' informazzjoni elettronika u proċeduri ta' rappurtaġġ. Fil-preżent il-ħtiġijiet għal din is-sistema qed jiġu analizzati permezz tal-programm MEDNET. | MTI | Il-proġett ġie finalizzat f'Ottubru 2016. | 80 persuna | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2014 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Tibdil radikali fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Dan is-sit se jkollu informazzjoni utli ħafna sabiex joffri s-servizzi ta' dan l-uffiċċju onlajn, bħal pereżempju applikazzjonijiet għal diversi servizzi, sottomissjonijiet ta' applikazzjonijiet u dokumenti, informazzjoni dwar organizzazzjonijiet volontarji għal iżjed trasparenza u linji gwida rigward is-servizzi kollha offruti, fost oħrajn. Dan is-sit sejjer iħaffef u jissimplifika diversi proċessi għal iżjed effiċjenza min-naħa tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, u se jagħti servizz aħjar lill-klijenti f'iqsar żmien u lil min jixtieq jagħmel użu mill-informazzjoni fuq dan is-sit. | MSDC | Il-miżura tlestiet f'Diċembru 2016. | L-organizzazzjonijiet volontarji, is-settur volontarju, entitajiet u l-pubbliku inġenerali | Implimentata |
| 9 | Reviżjoni interna tal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri eżistenti (fl-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur). | MSDC | Il-miżura tlestiet sa Marzu 2016. | | Implimentata |
| 6 | Titjib fit-*taxpayer services.* Titjib fis-sistema fejn tiġi miġbura l-informazzjoni fuq it-*taxpayers,* kemm dawk tat-Taxxa Diretta kif ukoll dawk tat-Taxxa Indiretta (VAT). | MFIN | Jannar 2015 | Madwar 50,000 *taxpayer* | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 | Jitneħħa l-obbligu fuq id-distributuri tal-gass li joħorġu rċevuti fiskali ta' kuljum. | MFIN | Jannar 2015 | 33 distributur tal-gass | Implimentata |
| 13 | Tneħħija tal-obbligu fuq il-*petrol stations* li joħorġu rċevuta fiskali kuljum. | MFIN | Jannar 2015 | 79 pompa tal-petrol u 11-il distributur tal-fjuwil | Implimentata |
| 4 | Skema għall-Palazzini. Qiegħda ssir simplifikazzjoni ta' proċessi kif ukoll qiegħda tingħata għajnuna personali (hand holding) għal dawk li jixtiequ jiżviluppaw lukanda żgħira f'dar jew Palazzin antik, mal-MEPA, KNPD, eċċ. | MOT | Diċembru 2016 | Żviluppaturi | Implimentata |
| 9 | Introduzzjoni ta' *point of sale system* biex jinġabru l-flus fil-Biċċerija. Din il-miżura għandha tiffaċilita l-ġbir ta' flus u telimina riskji oħrajn għas-sigurtà fuq min ikun qed jiġbor il-flus. | MSDEC | Jannar 2015 | 110 irziezet tal-majjal, 282 razzett tal-baqar u 1,600 razzett tal-ħrief, mogħoż u nagħaġ | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-2015 LI TWETTQU FL-2016

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Tiġi adottata sistema ġdida li permezz tagħha tkun tista' tiġi mkejla l-prestazzjoni tal-uffiċjali pubbliċi b'mod aktar adekwat u effiċjenti. | OPM | Din is-sistema bdiet titħaddem minn Ġunju 2016. | Uffiċjali fi ħdan is-Servizz Pubbliku | Implimentata |
| | Jiġi rivedut il-Public Service Management Code (PSMC) bil-għan li l-iskop tiegħu bħala linja gwida għall-uffiċjali pubbliċi jintlaħaq aħjar. B'hekk jiġu aġġornati u simplifikati l-proċeduri elenkati fl-istess Kodiċi għall-benefiċċju tal-partijiet involuti. | OPM | Il-PSMC ġie simplifikat, imqassar b'madwar 25% u varat f'Novembru 2016. | Uffiċjali fi ħdan is-Servizz Pubbliku | Implimentata |
| | Jiġi simplifikat il-proċess onlajn li permezz tiegħu kandidati prospettivi jkunu jistgħu japplikaw għal impjieg fis-Servizz Pubbliku. | OPM | Dan il-proċess ġie simplifikat u l-miżura twettqet f'Mejju 2016. | Il-pubbliku b'mod partikolari, ħaddiema tas-Servizz Pubbliku | Implimentata |
| | Tibda l-ħidma għal riforma fid-Dipartiment tal-Kuntratti. | OPM | Id-diċentralizzazzjoni tal-funzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti fil-Ministeri ġiet varata f'Novembru 2016. | Il-pubbliku | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| | Il-MEPA u l-Enemalta għandhom jikkonsultaw ma' xulxin fuq l-indirizz qabel jingħata xi permess tal-kostruzzjoni. | OPM (E&P) | Ġunju 2016 | Il-pubbliku | Implimentata |
| | Għandha tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni għall-installazzjoni tal-*meter* tat-3 *phase.* | OPM (E&P) | Frar 2016 | Kull persuna u negozju li jrid japplika għat-3 *phase* | Implimentata |
| | Jiġi mħaffef il-proċess tal-għażla għal fondi varji ġestiti mid-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi. | MEAIM | Ottubru 2016 | | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | EAFRD (European Agricultural Fund for Rural Development) - simplifikazzjoni tal-proċess ta' ġestjoni u kontroll. | MEAIM | F'Marzu 2016 tlestew il-linji gwida ssimplifikati, b'ċerti miżuri jiġu varati f'April 2016. | | Implimentata |
| | Żvilupp ta' intranet speċifiku għall-Ministeru: vjaġġar Faċilitajiet sabiex id-dokumentazzjoni interna relatata mal-approvazzjoni ta' vjaġġar fuq xogħol issir b'mod elettroniku. | MFA | April 2016 | 369 uffiċjal | Implimentata |
| | Żvilupp ta' intranet speċifiku għall-Ministeru: dokumentazzjoni Sistema ċentralizzata fejn id-dokumentazzjoni relatata ma' laqgħat li jsiru barra minn Malta tittella' fuq l-intranet. | MFA | April 2016 | 369 uffiċjal | Implimentata |
| | Applikazzjonijiet għal-*leave* b'mod elettroniku. Sistema li tiffaċilità l-applikazzjonijiet għal-*leave* (ta' kull tip li hemm imniżżel fil-PSMC) qed tiġi żviluppata bħala parti mill-intranet tal-Ministeru. Permezz ta' din is-sistema, l-applikant jista' jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fuq l-intranet, fejn il-*line manager* tiegħu/tagħha jirċievi *e-mail* biex japprova. Il-*leave* approvat jiġi rreġistrat awtomatikament fis-sistema u l-uffiċjal ikun jista' wkoll jara kemm fadal *leave* eċċ. | MFA | Jannar 2016 | 369 uffiċjal | Implimentata |
| | Aċċess dirett għal lista ta' siti elettroniċi edukattivi lill-edukaturi u amministraturi tal-MEDE. | MEDE | April 2016 | L-edukaturi u amministraturi fi ħdan il-Ministeru (madwar 6000) | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Żvilupp ta' sistema ta' rappurtaġġ onlajn dwar trasport tal-iskejjel. | MEDE | Marzu 2016 | L-iskejjel kollha u l-amministraturi tas-servizz | Implimentata |
| | Żvilupp ta' sistema elettronika għall-immaniġġjar aħjar tad-dejta fuq livell dipartimentali. | MEDE | Diċembru 2016 | Il-ħin ta' proċessar jonqos b'70% għal 150 professjonist u amministratur. | Implimentata |
| | L-iżvilupp ta' sistema effiċjenti ta' lloggjar ta' dejta għal għadd ta' servizzi bbażati fuq livell ċentrali: Anti-Substance Abuse Service, Anti-Bullying Service, Child Safety Services u School Psychological Services. | MEDE | April 2016 | Il-ħin ta' proċessar u biex tinġabar l-istatistika jonqos bi 80% għal 45 professjonist fid-dipartiment kif ukoll professjonisti oħra li huma bbażati fil-kulleġġi. | Implimentata |
| | L-użu ta' sistema onlajn għal dokumentazzjoni għall-i*stakeholders.* | MEDE | Jannar 2016 | 45 professjonist li jkollhom l-applikazzjoni mimlija kollha, u b'hekk ma jinħeliex żmien biex terġa' ssir talba għal aktar informazzjoni mingħand l-applikant. | Implimentata |
| | Tnaqqis fiż-żmien sabiex talbiet għal kumpens jiġu deċiżi u kumpensati (minn massimu ta' 180 ġurnata għal massimu ta' 120 ġurnata). | MTI | Il-proġett ġie finalizzat fi Frar 2016. | Il-pubbliku | Implimentata |
| | Jitħaffef il-proċess t'evalwazzjoni u ħruġ ta' kuntratti relatati mal-Framework Agreement. | MTI | Il-proġett ġie finalizzat fi Frar 2016. | Il-pubbliku | Implimentata |
| | Servizzi ġodda fil-Qorti t'Għawdex: Introduzzjoni tal-faċilità ta' eFees. | MGOZ | Diċembru 2015 | Avukati u Prokuraturi Legali | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Reviżjoni/simplifikazzjoni ta' regolamenti dwar it-tagħmir u installazzjoni fuq il-post tax-xogħol mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. | MSDC | Settembru 2016 | Kull min iħaddem u l-impjegati tagħhom | Implimentata |
| | Ħidma biex il-formularju kollu biex wieħed jibda negozju jsir fuq formola waħda. | MEIB | Diċembru 2016 | Negozji ġodda li jridu joperaw minn Malta jew Għawdex | Implimentata |
| | Il-PCRB ser jingħata l-poter li jikkoreġi appelli meta dawn ikun fihom xi żball formali. Din l-emenda għandha tissarraf fi tnaqqis tal-perjodu tal-proċess tal-appell meta l-awtorità kontraenti tagħmel żball fl-ittra li fiha tħabbar min rebaħ u min tilef it-*tender* inkwistjoni. | MFIN | Ottubru 2016 | Madwar 3,500 operatur ekonomiku | Implimentata |
| | Tintuża l-informazzjoni tal-IRD u tal-Jobs Plus biex jitnaqqas il-piż minn fuq persuni li jirreġistraw għall-VAT li jaqilgħu inqas minn €7,000. | MFIN | Diċembru 2015 | Madwar 6,137 individwu | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Apparat ta' *video conferencing*. Jiġi installat apparat ta' *video conferencing* f'Awla 14 sabiex ikun possibbli li tittieħed xhieda minn barra minn Malta u ta' individwi li ma jkunux jistgħu jattendu l-Qorti għal diversi raġunijiet. Jinxtara wkoll apparat ta' *video conferencing portable* sabiex ikun jista' jintuża fejn meħtieġ. B'hekk sa fejn hu possibbli s-seduti fil-kawżi jsiru u ma jitwalux bla bżonn minħabba li xhieda ma jkunux jistgħu jmorru personalment il-Qorti. Jissaħħaħ l-apparat ta' *video conferencing* fit-*training room.* | MJCL | Ottubru 2016 | Xhieda li ma jkunux jistgħu jmorru personalment il-Qorti jkunu jistgħu jixhdu permezz ta' dan l-apparat. | Implimentata |
| | Faċilità lill-avukati u prokuraturi legali fejn ikunu jistgħu jaraw l-atti kollha ppreżentati li huma llinkjati ma' isimhom. Din tgħin lill-avukati u lill-prokuraturi legali jkunu jafu xi ppreżentaw f'kull kawża li jkollhom u b'hekk ikunu jistgħu jżommu *track* tal-kawżi u fiex ikunu waslu mingħajr m'għandhom għalfejn imorru r-reġistru jaraw il-*file* fiżikament li jaf ikun għand l-Imħallef jew Maġistrat u għalhekk ma jkunx aċċessibbli. | MJCL | Marzu 2016 | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali, u l-partijiet involuti fil-kawża | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | *Tagging* ta' kawża li avukat jew prokuratur legali jista' jkollu interess fiha - Din is-sistema ta' *tagging* tiffaċilita lill-avukat jew prokuratur legali li jekk għandu interess f'kawża jew kawżi partikolari, huwa jiġi awtomatikament aġġornat bl-andament ta' dik il-kawża partikolari mingħajr ma joqgħod iżomm *paperwork* żejjed u *follow-ups* żejda. | MJCL | Marzu 2016 | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali, u l-partijiet involuti fil-kawża | Implimentata |
| | Lecam *online phase* 6 - Tibdil tal-indirizz tal-imejl u numri tal-mowbajl mill-Avukati u Prokuraturi Legali - Tingħata l-faċilità lill-avukati u lill-prokuraturi legali li jkunu jistgħu jibdlu n-numru tal-mowbajl u tal-indirizz tal-imejl tagħhom, meta jkun il-każ, u b'hekk ma jkollhomx għalfejn joqogħdu jidħlu l-Qorti u jikkomunikaw mal-iskrivani sabiex isir dan it-tibdil imma jagħmluh komodament mill-uffiċċji tagħhom. | MJCL | Marzu 2016 | Il-Professjoni Legali, Avukati u Prokuraturi Legali, u l-partijiet involuti fil-kawża | Implimentata |
| | Simplifikazzjoni ta' applikazzjonijiet tal-VISAS ta' plejers barranin. | MJCL | Diċembru 2016 | Plejers ta' kull sport li jkunu qed joffru s-servizzi tagħhom f'Malta | Implimentata |
| | Simplifikazzjoni fil-proċessi tal-applikazzjoni għal imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika. | MOT | Ġunju 2016 | Medja ta' 120 applikant (stabbiliment) kull sena | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Twaqqif ta' Procurement Office fil-Ħabs ta' Kordin u ħolqien ta' sistema ta' *procurement* effiċjenti u kkontrollata. | MHAS | Ġunju 2016 | Ir-residenti tal-faċilità | Implimentata |
| | Ħidma biex tintuża aktar is-sistema elettronika biex jitwassal rapport lill-Pulizija. | MHAS | Jannar 2016 | Il-pubbliku | Implimentata |
| | Tħejjija ta' programm elettroniku li permezz tiegħu jiġu reġistrati servizzi mogħtija mid-Dipartiment lis-settur privat. | MHAS | Frar 2016 | Il-ħaddiema u dawk kollha li jkollhom bżonn is-servizz tad-Dipartiment | Implimentata |
| | Jiġi mwaqqaf servizz tal-ambulanza għall-annimali f'Għawdex fejn in-nies ikunu jistgħu jużaw il-linja 1717 biex jintalab dan is-servizz. | MSDEC | Jannar 2016 | Il-pubbliku | Implimentata |
| | Tiġi żviluppata sistema elettronika fuq dawk li jrabbu n-naħal biex tiffaċilita l-proċess tal-informazzjoni. | MSDEC | Jannar 2016 | Madwar 210 | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Tiġi żviluppata u introdotta l-aħħar fażi tal-programm tal-POYC *database* sabiex tkompli tittejjeb is-sistema tal-immaniġjar tal-istokk fl-ispiżeriji li jagħmlu parti mill-iskema tal-POYC. L-għan ta' din il-miżura huwa li jiġi simplifikat l-operat li bħalissa qed isir mill-istaff tekniku tal-POYC u l-ispiżeriji tal-komunità filwaqt li tiżdied l-effiċjenza u l-kontabilità. | MFH | Ottubru 2015 | Aktar minn 139,000 pazjent li dak iż-żmien kienu qed jibbenefikaw mis-servizz tal-iskema tal-POYC | Implimentata |
| | Isir titjib fil-programm tal-informatika tal-POYC *database* li jikkonċerna l-parti tal-emendi li jsiru mill-ispiżeriji fil-komunità abbażi tar-riċetti għal mediċini maħruġa lill-pazjenti. Bl-amalgamazzjoni tal-ordnijiet għal mediċini li jaslu mill-ispiżeriji fil-komunità tibda ssir awtomatikament permezz tas-sistema tal-informatika tal-POYC minflok manwalment; jiġu rrekordjati l-ordnijiet b'lura u tinħoloq faċilità ta' rappurtaġġ li tippermetti verifika u *audit traceability* marbuta ma' kull spiżerija. Dan ix-xogħol bħalissa jsir kollu b'mod manwali. | MFH | Jannar 2016 | Aktar minn 139,000 pazjent li dak iż-żmien kienu qed jibbenefikaw mis-servizz tal-iskema tal-POYC | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Introduzzjoni għall-aċċess ta' *read/write* fis-sistema tal-IT tal-POYC għat-tobba fi ħdan il-Prescription Clinics fil-qasam tal-kura tas-saħħa primarja. Il-mira hi li (a) it-tobba tal-kura primarja ser ikunu jistgħu jdaħħlu l-informazzjoni dwar il-kundizzjoni u t-trattament mediku tal-pazjent direttament fis-sistema elettronika biex b'hekk il-Patient Medical Treatment Record tkun dejjem tirrifletti l-aħħar dijanjożi; (b) huwa maħsub ukoll li jintbagħat messaġġ ta' allert lill-*istores* tal-POYC kif ukoll lill-ispiżerija tal-pazjent. B'hekk kull min imiss mas-*supply chain* ikun mgħarraf bit-tibdil fit-trattament mediku fil-ħin. Sal-lum dan l-allert joħroġ biss meta l-pazjent imur bir-riċetta għand l-ispiżerija u din tirreġistra l-mediċini tar-riċetta fid-*database*; (ċ) ser jitnieda wkoll l-ewwel pass lejn l-introduzzjoni tal-ħruġ tar-riċetta medika elettronika. | MFH | Ottubru 2015 | | Implimentata |

| | MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA 2015 | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Issir evalwazzjoni tal-operat kurrenti fejn jidħlu reġistri u nipproponu soluzzjonijiet innovattivi li jnaqqsu x-xogħol li jsir manwalment kif ukoll dak klerikali. B'hekk inkunu nistgħu naqdu l-ħtiġijiet tad-dipartiment aħjar kif ukoll inkunu aktar effiċjenti ma' dawk id-dipartimenti li jkunu jeħtieġu s-servizzi tagħna. | MFH | Jannar 2016 | L-istaff tad-DHIR (26 persuna) kif ukoll l-istaff tad-dipartimenti l-oħra li jkunu jeħtieġu s-servizz mingħand id-DHIR | Implimentata |
| | Diċentralizzazzjoni fid-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali tal-funzjonijiet kollha involuti fis-sezzjoni tal-*Personnel* li s'issa qed jiġu proċessati ċentralment. Din il-miżura ser iżżid l-aċċessibilità tal-impjegat u l-istess impjegat jista' jinqeda mid-dipartiment fejn jaħdem. B'din il-miżura jitnaqqas livell mill-proċess u għaldaqstant l-impjegat jista' jinqeda aktar malajr u aħjar. | MFH | Mejju 2016 | L-uffiċjali pubbliċi fi ħdan il-Ministeru | Implimentata |
| | Tiġi żviluppata u introdotta faċilità elettronika li tagħti viżibilità akbar lill-istokk tal-Gvern miżmum fl-Ispiżeriji tal-Għażla Tiegħek li qed jipparteċipaw fl-iskema tal-POYC. L-għan hu li jiżdied il-kontroll u titnaqqas il-ħela | MFH | Diċembru 2015 | Madwar 140,000 benefiċjarju tal-POYC | Implimentata |

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU